
SOCJETA' SANTA MARIJA U BANDA RE GORG V
PROGRAMM FESTA SANTA MARIJA - MQABBA - 1994




FARELL

BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing

Blue Grotto Ave., Żurrieq
Telephone: 822396

# SOĊJETA' SANTA MARIJA BANDA RE ĠORĠ V MQABBA - EST. 1910

Maħruġ mis-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

"Palazz Santa Marija", Pjazza tal-Parroċċa, Mqabba.

Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ta'

## SANTA MARIJA

Patruna tal-Gżejjer Maltin

Mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu,1994

Artikolisti:

Carmel Żahra
Emanuel Buttiġieġ
Dun Joe Bartolo
Peter Psaila
Carmel Briffa
Patri J.M. Ghigo
Anthony Camilleri
Mark Żammit
Tommy Aġius
Anthony Terribile
Francis Vella
Carmel Ellul
Carmen Lia
Patrick Mallia
Joseph Balzan
Alfred Camilleri

## Werrej:


| | |
|---|---|
| Programm Festi Interni u Esterni | Pġ. 54-55 |
| Il-Kumitat Eżekuttiv 1994-1995 | Pġ. 3 |
| Il-Messaġġ tal-President | Pġ. 5 |
| L-Awgurju tas-Sindku | Pġ. 7 |
| Il-Kelma tal-Kappillan | Pġ. 9 |
| Jikteb is-Segretarju | Pġ. 11 |
| Appell mill-Kaxxier | Pġ. 13 |
| Mill-Pinna tad-Direttur Spiritwali | Pġ. 15 |
| Il-Banda....is-Sinsla tas-Soċjeta' | Pġ. 17-19 |
| Mill-Ħajja tal-Banda | Pġ. 21 |
| Programm Strumentali - 10/8/94 | Pġ. 23 |
| Tagħrif ġenerali fuq is-Siltiet Mużikali | Pġ. 25-27 |
| Santwarji Marjani | Pġ. 29-31 |
| L-Isqof De Bussan iżur l-Imqabba | Pġ. 33 |
| Nikolai Rimsky-Korsakov-Anniversarju | Pġ. 35-37 |
| Ta' l-ewwel.....iżda suċċess | Pġ. 39-41 |
| L-Iskultur Xandru Farruġia | Pġ. 43-51 |
| Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija | Pġ. 57-65 |
| Programm tal-Ħruq tan-Nar | Pġ. 67 |
| Poeżija: Lil Marija Assunta | Pġ. 69 |
| Kelmtejn mill-Kumitat tan-Nisa | Pġ. 71 |
| Abram Gatt: 1863-1944 | Pġ. 73-75 |
| Rapport mill-Kummisjoni Armar | Pġ. 77-79 |
| Il-Pesta ta' l-1676 u l-Imqabba | Pġ. 81-83 |
| Minn fejn ser jgħaddi l-Marċ? | Pġ. 85-87 |
| L-aqwa briju bl-aqwa marċi | Pġ. 89 |
| Servizzi tal-Banda Re Ġorġ V - 1994 | Pġ. 91 |
| Banda mistiedna (1): | |
| San Ġużepp - Kirkop | Pġ. 93 |
| Banda mistiedna (2): | |
| 12th. May - Żebbuġ | Pġ. 95 |
| Banda mistiedna (3): | |
| Konti Ruġġieru - Rabat | Pġ. 97 |
| Banda mistiedna (4): | |
| Anici - Qormi | Pġ. 99 |
| Banda mistiedna (5): | |
| Queen Victoria - Żurrieq | Pġ. 101-103 |
| Rendikont tal-Festa fil-Knisja - 1993 | Pġ. 103 |
| Mid-Djarju tas-Soċjeta'... | Pġ. 105-107 |
| Ringrazzjamenti | Pġ. 108 |



Ritratt tal-Faċċata
Martin Photographic Services - B'Buġia
Proof Reading mis-Sur Alfred Camilleri

Editur is-Sur Carmel Briffa

Issetjat u mitbugħ għand
Bonniċi's Press
36, St. Paul's Street,
Valletta - Tel: 224607

# JOHN & MICHAEL GHIGO
# TA' PATAW




## SOFT STONE QUARRY

## OLD VALLETTA ROAD
## MQABBA

## SPECIALISING IN LAYING OF BLOCKS




## TELEPHONE: 822811
## MOBILE: 0993311

SOĊJETA' SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V

MQABBA EST. 1910

**PRESIDENTI ONORARJI**

Onor. Dr. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P.
Mr. Joseph Farruġia
Mr. Leonard Farruġia

## KUMITAT EŻEKUTTIV 1994 - 1995



*Bil-qiegħda mix-xellug: Carmel Ellul, Carmel Briffa, Carmel Żahra, Peter Psaila, Twanny Camilleri,*
*Bil-wieqfa mix-xellug:Kevin Camilleri,Francis Vella,Teddy Baldacchino,Nicholas Cassar,Alex Ghigo,Paul Gauċi.*

**PRESIDENT**
Carmel Żahra

**VIĊI-PRESIDENT**
Inġ. Anthony Camilleri, B. Mech. Eng. (Hons), L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M.

**SEGRETARJU** Peter Psaila
**ASS. SEGRETARJU** Carmel Ellul

**KAXXIER** Carmel Briffa
**ASS. KAXXIER** Alex Ghigo

**UFFIĊJAL RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**
Francis Vella

**MEMBRI**
Teddy Baldacchino, Kevin Camilleri, Nicholas Cassar, Paul Gauċi

**DIRETTUR SPIRITWALI**
Patri Joseph Ghigo S.J.

**SURMAST / DIRETTUR TAL-BANDA**
Mro. A. Camilleri, L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M.

**KUMMISSJONI BANDA**
Raymond Camilleri, Kevin Camilleri, Alfred Galea, Adrian Żahra, Mark Żammit

**RAPPREŻENTANT FIL-"BAND CLUBS ASSOCIATION"**
Carmel Briffa

**DELEGATI TAN-NAR**
Teddy Baldacchino
Carmel Ellul

**REVIŻURI**
Mario Farruġia
Ronald Żammit

# DAEWOO RACER

**3 DOOR • 4 DOOR • 5 DOOR • ETI • STI • GTI VERSIONS**

- *I Year Free Labour Service*
- *3-Year Mechanical Guarantee*
- *6-Year Anti-Corrosion Body Guarantee*



- *Power Steering*
- *Air Conditioner*
- *Electrical Windows*
- *Tinted Glass*
- *Multi Point Injection*
- *Part Exchange Accepted*

## Safety, Comfort & Economy





Sole Agents & Distributors:

**Universal Commerce Agency Co. Ltd**
Main Office and Showroom:
Universal Trade Centre, Mdina Road, Qormi
Telephone 468410-3 Fax: 468414

# DAEWOO




- 2.0 MPFI 4-Door Sedan
- 1.5 DOHC 4-D004 Sedan
- Super Strength rim bumpers
- Power Steering
- Airconditioning
- Central Locking
- Fully Loaded Extras

# ESPERO

- 1 Year Free Labour Service
- 3-year mechanical guarantee
- 6-year anti-corrosion body guarantee
- Special Payment Terms accepted
- Part Exchange Accepted
- Also Open on Saturday Moring

SOLE AGENTS & DISTRIBUTORS:

**Universal Commerce Agency Co. Ltd**
Main Office and Showroom:
Universal Trade Centre, Mdina Road, Qormi
Telephone 468410-3 Fax: 468414

A Universal Group Import

# MESSAĠĠ TAL-PRESIDENT



**Għeżież soċji u partitarji,**
Saret tradizzjoni li, permezz ta' dan il-ktejjeb ferm mistenni minnkom, nidħol fi djarkom u naqsam magħkom dawn l-erba' ħsibijiet. Mhux kompitu tiegħi li noqgħod nidħol fid-dettal dwar x'sar u x'qed isir: dan tistgħu issibuh faċilment f'paġni oħra maħsuba għalhekk. Biss, li rrid ngħid mill-ewwel hu li dak li ser ingawdu din is-sena u s-snin li ġejjin, mhux mertu tagħna biss jew il-frott ta' ħidma ta' sena waħda biss, iżda hu l-frott ta' ġabra ta' snin, ħidma u, fuq kollox, esperjenza li ġejja sa mill-antenati tagħna.

**Investimenti....**
Minn meta ktibt l-aħħar messaġ tiegħi, għaddiet sena oħra ta' ħidma f'dak li għandu x'jaqsam ma investiment fil-projeta' tal-Każin. Għall-Grazzja t'Alla, it-tieni maħżen lest minn kollox, grazzi għall-qalb ġeneruż tagħkom benefatturi, soċji u partitarji, iżda l-akbar investiment li s-Soċjeta' tagħna għamlet matul din is-sena kien fiż-Żgħażagħ, meta formalment twaqqfet is-**Sezzjoni Żgħażagħ** fi ħdan is-Soċjeta' tagħna. B'hekk, il-Kumitat Eżekuttiv u s-Soċjeta' in ġenerali qed jirrikonoxxu dak ix-xogħol u ħidma għaqlija li ż-żgħażagħ ilhom jgħatu speċjalment f'dawn l-aħħar snin. Jien, f'isem sħabi tal-Kumtiat nerġa' nawguralhom ħafna snin ta' ħidma u suċċessi, għax persważ u fiduċjuż illi dan l-investiment li għamilna fiż-żgħażagħ ser isarraf ħafna fil-futur.

**Il-Planċier artistiku.....**
Il-proġett tal-planċier qabad ir-ritmu ġust meta, wara xhur sħaħ ta' ġiri u laqgħat 'l hawn u 'l hinn, inxtara l-parti l-kbira tal-materjal u nispera, li sakemm jiġi għandkom dan il-ktejjeb, ikun diġa' beda jingħaqqad. Ħawnhekk ma nistax ma nirringrazzjax lis-sur Ġużeppi Caruana, id-disinjatur, li tant jieħu paċenzja biha l-ewwel wieħed. M'għandix kliem biex nirringrazzja wkoll lis-sur Benny Camilleri, ta' l-interess u l-ħidma tiegħu għall-ġbir ta' fondi, u 'l dawk fostna li qegħdin jikkontribwixxu f'waħda mill-iskemi li ħloqna sabiex, jekk Alla jrid, naraw din l-opra artistika tiddomina l-pjazza ewlenija tal-Imqabba.

**Ħidma kollettiva....**
Is-suċċess tal-Festa, sena wara l-oħra, huwa dovut, għall-ħidma koordinata bejn il-Banda, u l-gruppi tan-Nar u l-Armar. Rigward il-banda, nista' ngħid li jien stess anqas xi kultant inkun irrid nemmen li f'raħal hekk żgħir u maqsum, għandna 'l fuq minn tletin bandist tal-post attivi. Qed nuża l-kelma 'attivi' għaliex li kieku kellek tgħodd il-bandisit kollha li ħarġu fuq perjodu żgħir ta' għaxar snin issib li jaqbżu l-erbgħin sew. Grazzi għażiż surmast u assistenti tiegħu għaliex il-ħidma diffiċli u twila li jirrekjedi t-tgħallim mużikali qed twassluha bl-aktar mod effettiv. Lill-grup tan-Nar ngħidilhom biex, bħal dejjem, iżommu l-għaqda u l-koperazzjoni bejniethom, għaliex ix-xogħol li jagħmlu dawn is-soċji tagħna huwa garanzija għalina ta' suċċess. Grazzi ħafna, hekk kif nirringrazzja wkoll lill-grupp ħabrieki ta' l-Armar, li taħt it-tmexxija għaqlija tas-Sur Paul Gauċi, kompla bil-ħidma sfieqa tiegħu. Hija x-xewqa tagħna lkoll li naraw uċuħ ġodda jgħatu daqqa t'id waqt l-armar u żżarmar u, 'l dawk kollha



*Il-Koppla tal-Knisja armata għall-Festa Titulari ta' Santa Marija.*

fostkom li s'issa ma setgħux jgħatu sehemhom fiżikament jew materjalment, nistedinhom ikunu ġenerużi finanzjarjament. L-għajnuna ta' dawn u ta' qabilhom hi ta' l-istess qies, għax mingħajr waħda minnhom ma jsir xejn. Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, nirringrazzja lill-membri kollha tal-Fergħa tan-Nisa, talli dejjem ikkonkorrew għall-attivitajiet li l-kumitat tagħhom jorganizza minn żmien għal żmien. Barra minn hekk, nirringrazzja b'mod partikolari lil dawk il-membri nisa li tant iħabirku għall-ġbir bieb b'bieb u l-oħrajn li ħietu pezzez sħaħ ta' drapp għas-sett ta' pavaljuni ġodda li qed isiru għal Triq Santa Katerina. Nagħlaq dan il-messaġġ bis-solitu appell iżda li dejjem ġie segwit, grazzi għalikom soċji u partitarji. J'Alla ngħarfu nżommu t-tajjeb li diġa għandna u noppunu b'ruħna u ġisimna għal drawwiet u imġiebiet xejn rikomandabli, l-aktar meta wieħed jiftakar fil-festa u għal min qed ngħamluha. Għalhekk nersqu l-ewwel u qabel kollox għall-funzjonijiet kollha liturġiċi u uniċi għall-parroċċa tagħna, riservati kif jixraq għall-festa Titulari tal-Imqabbin, biex imbagħad wara, għaliex le, nesprimu l-ferħ sinċier tagħna fiċ-ċelebrazzjonijiet esterni b'mod l-aktar dinjituż u dekoruż. Fil-waqt li nawgura l-kulħadd il-festa t-tajba, nixtieq lilkom u l-familji tagħkom ġid, barka u sliem.

***Carmel Żahra***
***President***

# *KRISTIANNE*

## *SHOPPING COMPLEX*

Gifts ~ Boutique
Baby Care ~ Beauty Centre

*Offers also:*
*Facial Treatment, Waxing, Occasion Make up, Manicure, Pedicure, Eyebrow Shaping, Slimming Treatments, Electrolysis by a Beauty Specialist.*

*PIETRU PAWL SAYDON STREET - ŻURRIEQ*

---

**Stationery - Haberdashery**
**Invitations and Souveniers**
**for all occasions**

*5 Mattia Preti Square - Żurrieq*
*Tel: 827391- 683408*

# L-AWGURJU TA' L-EWWEL SINDKU MQABBI



## L-ISBAĦ XEWQAT GĦALL-FESTA

Huwa pjaċir tiegħi li bħala s-Sindku tar-raħal tagħna, nagħti dan il-messaġġ f'jum il-festa tal-Padruna ta' l-Imqabbin.

Għaddiet sena oħra, u l-festa ta' Santa Marija reġgħet magħna. Kulħadd jibqa' skantat bil-ferħ u l-briju li jġibu l-festi f'dan il-pajjiż. Hija ħaġa sabieħa li wieħed jifraħ u jiċċelebra fil-festa tiegħu. Il-festi jġibu magħhom kummerċ sostanzjali għall-pajjiż kollu. Dawn huma ta' attrazzjoni għat-turisti. Bosta minnhom f'dawn il-ġranet tarhom jiġġerrew fl-ibliet u l-irħula tagħna, u jifirħu magħna. Dan ifisser aktar responsabbilta' għall-imġieba korretta f'dawn l-okkażjonijiet. Niftakru li bosta minn dawn il-barranin ma jkunux tat-twemmin tagħna. Għalhekk l-eżempju tagħna jħalli effett kbir fuq kemm aħna nsara tassew.

Fil-festa ma rridux ninsew lill-morda, lix-xjuħ, lit-tfal u lil bagħtut. Fil-waqt li wieħed għandu dritt igawdi il-festa, ma jridx jinsa lil ħaddieħor. Hemm bżonn li jkun hemm moderazzjoni, kemm fl-isparar kif ukoll fil-briju waqt il-marċi, biex fil-waqt li wieħed jieħu pjaċir, ħaddieħor la jsofri u lanqas ibgħati.

Hemm bżonn li l-festi jkunu mqanqlin minn mottivi nsara, biex ikunu aktar mezz ta' għaqda, u mhux ta' firda. Il-festa għandha tgħaqqad ir-raħal kollu flimkien bħal aħwa. Dan ma jfissirx li kulħadd għandu jżomm ma' l-istess festa, iżda jfisser li waqt li wieħed jifraħ bil-festa tiegħu, m'għandux jurta lil ħaddieħor, la bil-kliem u lanqas b'affarijiet oħra. Hekk il-festa tgħaddi b'wiċċ il-ġid u kulħadd ikun ħareġ kuntent u sodisfatt.

Dan huwa l-ispritu u l-messaġġ li ried iwassal l-Arċisqof fil-kampanja Edukattiva għall-festi Maltin, lill-parruċċani kollha. Il-festi sbieħ u il-Maltin iħobbuhom. Huma parti mill-istorja u l-ħajja tagħna. Inħalluhom ikunu sinjal ta' għaqda bejnietna u turija esterna tal-Fidi tagħna f'dak li aħna nemmnu.

J'Alla l-Festa ta' din is-sena, tkun xhieda ta' kemm aħna maturi u li nafu nifirħu u ngawdu il-festa tagħna. Nawgura il-festa t-tajba u sabieħa lil kulħadd.

**Emanuel Buttiġieġ**
**Sindku**

**Nota ta' l-Editur:**

**Għan-nom tas-Soċjeta' tagħna, nawgura lis-Sindku u l-Kunsillieri kollha snin ta' ħidma u suċċess għal ġid komuni tar-raħal għażiż tagħna.**


**MQABBA MINI-MARKET**

(Il-Markis)

St. Catherine Street, Mqabba

*Nixtiequ l-Festa t-Tajba lill-Klijenti Kollha*

Thinking of

JABLO
(expanded polystyrene)

for:

- ROOF INSULATION (KONTRABEJT)
- COLD STORE INSULATION
- PRE-FABRICATED COLD ROOMS
- AIRCONDITIONING DUCTWORK INSULATION
- SPECIALISED SHAPES FOR IN SITE CONCRETE FORMS
- SOFFIT CEILINGS

**AND A MYRIAD OTHER USES?**

**Then consult the experts in the field with the longest and most experience:**

**MR. JULIAN CAMILLERI**
**ATC PLASTICS LIMITED**
**30, INDUSTRIAL ESTATE, LUQA**
**TELEPHONE: 244243 FAX: 666892**

# GOLIATH DEVELOPMENTS LTD.

**38, VALLETTA ROAD,**
**MQABBA.**

**XOGĦOL TA' ALTERAZZJONI,**
**TWAQQIEGĦ TA' BINI**
**U KULL XOGĦOL IEĦOR.**

**TELEPHONE: 683369**
**TELECELL: 099 4901 - 099 4902**

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN



## X'INHUMA L-FESTI

Bħalma għamilt f'okkażjoni ta' festa oħra fil-parroċċa tagħna, nixtieq li din is-sena nwassal lill-qarrejja ta' dan il-programm ukoll, il-ħsibijiet ewlenin tal-Isqfijiet tagħna dwar il-Festi li spjegawlna tant tajjeb fil-Pastorali tagħhom li ħarġu f'April ta' din is-sena. Dan qed nagħmlu għax dak li kitbu l-Isqfijiet jgħodd għal kulħadd u suppost li għandu josservah kulħadd.

"Dawn il-festi huma tajbin fihom infushom", jgħidulna l-Isqfijiet tagħna; "permezz tagħhom il-Knisja xxandar l-għeġubijiet ta' Kristu li hemm fil-qaddisin qaddejja tiegħu". Il-Madonna u l-qaddisin, il-Knisja tqegħdhomlna quddiem għajnejna bħala mudelli ta' bnedmin bħalna li f'ħajjithom "għarfu jgħixu l-valuri tal-vanġelu b'mod qawwi u eżemplari". Għalhekk fl-ebda mument tal-festa dawn il-valuri tal-vanġelu m'għandhom jitwarrbu minn quddiem għajnejn il-partitarji jew l-organiżżaturi. Jekk nagħmlu hekk inkunu qegħdin inwaqqgħu għaċ-ċajt dak li l-qaddisin taw ħajjithom għalih. Fil-fatt il-knisja trid li l-festi jkunu għalina okkażjoni biex inġeddu l-impenn tagħna għal dik il-ħajja ġdida li ġabilna Ġesu' u nimxu 'l quddiem fil-qdusija.

F'għajnejn il-Knisja, il-festi huma tajbin u ta' min iżommhom, sakemm dawn "iżommu l-għan propju tagħhom u hekk jibqgħu ta' ġid għall-bniedem u mhux ta' tfixkil". Fost l-għanijiet prinċipali f'dawn il-festi hemm qabel xejn, li fuq l-eżempju ta' dawn l-istess qaddisin, aħna nsiru nħobbu 'l Alla dejjem aktar u naqilgħu l-għajnuna tiegħu bl-interċessjoni ta' dawn il-qaddisin. Għan ieħor prinċipali hu li dawn il-festi "jgħinuna nissaħħu fl-għaqda ta' bejnietna lkoll, permezz ta' mħabba vera ta' aħwa".

Hawnhekk l-Isqfijiet jgħaddu biex jgħidulna dwar l-obbligu serju li għandhom il-ġenituri bħala "l-ikbar edukaturi mportanti ta' wliedhom" biex inisslu fit-tfal tagħhom dawn il-valuri tajbin. Fost dawn hemm "il-valuri li jgħinu lill-ulied jagħrfu jgħixu tassew it-tifsira verament nisranija tal-festa". Il-qofol nisrani ta' kull festa li niċċelbraw qiegħed f'kemm aħna jirnexxilna nieħdu l-okkażjoni ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet biex "nissaħħu fir-rikonċiljazzjoni u l-għaqda tagħna ma' Alla u bejnietna. Kull ħaġa li nagħmlu fil-festa jrid ikollha dan is-sens ta' direzzjoni".

"Fiċ-ċelebrazzjoni tal-festi ....qatt ma jista' jkun hemm post għal piki fuq qaddisin, iżjed u iżjed meta nafu li l-piki jagħmu lill-bniedem....qatt ma jista' jkun hemm post għall-imġibiet indenji, tgħajjir, tkasbir, insulti, stmerrija, mibegħda, sokor, tilwim, ġlied u tant ħwejjeġ oħra li jċarrtu l-libsa nisranija ta' min jagħmilhom u jtebbgħu serjament ġieħu u isem pajjiżna....Meta jiġri hekk, lill-qaddisin inkunu qed inżebilħuhom, mhux inqimuhom".

"Din l-edukazzjoni hija mportanti ħafna jekk irridu naslu sabiex il-festi tagħna nsalfuhom ukoll minn problemi bħalma huma dawk ta' infiq eseġerat f'nar, tiżjin, u divertiment....Kemm qed nedukaw biżżejjed lil uliedna biex fuq nett fil-lista tal-prijoritajiet tagħhom, ukoll fl-okkażjoni tal-festi, iqiegħdu l-ħtiġijiet tal-proxxmu fil-bżonn u l-ġid komuni qabel it-tiżjin u x-xinxilli."

Fuq in-nar tal-festi, li għandu s-sabiħ tiegħu u li ħafna minnu hu apprezzat għas-sengħa kbira li bih ikun tħejja, l-Isqfijiet iħeġġuna nirriflettu fuq il-valur tal-ħajja tal-bniedem:

a) billi nevitaw kull periklu possibbli"...meta se nifhmu tassew, darba għal dejjem, li l-ħajja ta' bniedem wieħed hija għażiża u prezzjuża ferm u ferm aktar min-nar kollu li jista' jkollna fil-festi?"

b) billi ma nagħmlux nar "ta' kwalita' u fi kwantita' li flok iferraħ, inissel dwejjaq u tbatija" għal tant nies bħal: anzjani, morda, tfal żgħar, eċċ.

"Hemm bżonn nikbru" itemmu jgħidulna l-Isqfijiet. "Hemm bżonn li nħabirku dejjem iżjed biex flimkien, bil-għaqal u bir-raġuni, insibu s-soluzzjonijiet li huma meħtieġa biex il-festi nagħmluhom kollha kemm huma u f'kull sens festi nsara."

Jien, personalment, nara valur kbir f'dawn il-punti ttrattati mill-Isqfijiet tagħna. Bħala kulleġġ tal-Kappillani qed nagħmlu wkoll kampanja ta' edukazzjoni dwar il-Festi għax qed inħossu li kif inhuma l-festi qed jitilfu s-sens veru tagħhom. Huwa obbligu ta' kull partitarju li jagħti widen għal dawn il-pariri. Il-Kumitati u l-organiżżaturi ta' dawn il-festi huma l-iktar responsabbli għat-twettieq tagħhom. Xi ħadd irid jibda biex jagħti l-eżempju t-tajjeb u dan hu urġenti jekk irridu nsalvaw il-festi tagħna minn paganiżmu spjetat.

Min qalbi nixtieq festa nisranija tajba lil kulħadd.

**Fr. Joe Bartolo**
**Kappillan.**




# JERRY'S

## SILENCER REPAIRS

### TEDDY'S GARAGE,

SIĠĠIEWI RD., MQABBA.

TELECELL: (099) 8066



**SOUTHERN CONSTRUCTION CO. LTD.**
**Civil & Building Contractors**

*'Springvale'*
*Dun Gejt Muscat Street*
*Żurrieq ŻRQ 03*

Tel: 611067
Telecell 099 7328
Fax: 611068



# PANDA GIFT-SHOP

Triq Karmenu Ciantar — Mqabba.

*Fejn issibu:* **Għażla ta' Għamara** bħal corners, sidetables, mirja, trolleys, inkwadri ta' kull għamla u daqs u affarijietutili oħra.
*Issibu wkoll* linef; silver plaed jew silver; ċeramika fina; figurini; affarijiet tal-kristall u oġġetti tal-kċina u ħafna affarijiet għad-dar.

Għalhekk għaliex le? Aslu wasla sal-

# PANDA GIFT-SHOP

f'dawn il-ġranet tal-Festa biex tkunu tistgħu ssebbħu d-djar tagħkom.
**NAĊĊETTAW WEDDING LISTS**

# JIKTEB IS-SEGRETARJU



Reġa' wasal ix-xahar ta' Awissu - **Ix-xahar ta' Santa Marija.** Bir-raġun li aħna tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V nimtlew bil-ħeġġa hekk kif jersaq dan ix-xahar wisq għażiż għalina u fil-każin tagħna jibda jinħass sew il-ferħ tal-Festa.

Iżda biex, dak li flimkien ma sħabi nkunu fassalna matul ix-xhur l-imgħoddija jirnexxi, jeħtieġ li kull ma nagħmlu aħna u s-sezzjonijiet tagħna jsir b'koordinament, b'kollaborazzjoni sħiħa u b'ħafna ħsieb għaliex il-Festa saret impenjattiva wisq. Dan hu x-xogħol tiegħi bħala segretarju, liema kariga sħabi reġgħu afdaw f'idejja wara l-elezzjoni ta' Frar, u li b'sens ta' responsabbilta' lest nerfa' għal kemm ikun hemm bżonn

Bħala segretarju, ma nistax ma ninotax b'sodisfazzjon it-twelid tas-Sezzjoni Żgħażagħ li reġgħet tat ħajja oħra lill-Każin tagħna. Lil dawn ngħidilhom biex jibżgħu għall-isem tas-soċjeta' u f'dak kollu li jgħamlu jiftakru fil-valuri morali Nsara li aħna fid-dmir li nosservaw. Dawn diġa' urewh bil-fatti meta, sa mittwaqqif tagħhom, għażlu li jfakkruh b'quddiesa ġol-Kappella ta' San Bażilju u b'ħafna attivitajiet oħra li aktar ħasbu biex iferrħu l-ħaddieħor milli biex jiddevertu huma: bħall-laqgħa mat-tfal ta' Chernobyl u dik mal-familji mill-Bosnia. J'Alla nibqgħu sejrin hekk u, la darba waslet il-Festa, tajjeb li nirrimarka sabiex il-ferħ ta' dawn iż-żgħażagħ tagħna jkun ferħ ħiereġ verament mill-qalb, mingħajr ma ngħatu każ ħaddieħor x'jagħmel; anzi moħħna biss fina u mhux f'ħaddieħor.

Fergħa oħra vitali għas-Soċjeta' tagħna huma l-Grupp ta' l-Armar li, mgħejjunin mill-membri tal-Fergħa tan-Nisa, lestew parti sew mis-sett ta' pavaljuni ta' Triq Santa Katerina. Huma wkoll komplew jirrestawraw l-armar prezzjuż li għandna u qed jippreparaw bis-sħiħ biex kif ikun il-waqt, jidħlu b'ruħhom u ġisimhom għad-dekorazzjoni tal-planċier. In-nisa wkoll taw sehemhom permezz ta' l-attivitajiet li jorganizzaw u kienu strumentali biex tħietu l-pavaljuni li semmejt aktar qabel. Mill-ġdid nerġa' nirringrazzjahom u nħeġġiġhom jibqgħu sejrin u jżidu fis-sehem tagħhom għaliex l-imbuttatura tagħkom tiswa wisq għalina l-irġiel.

Lil tan-Nar inħoss li huwa diffiċli ferm għaliha sabiex nirringrazzjahom tas-sagrifiċċji kbar li sena wara l-oħra jgħamlu fis-skiet tal-kmamar tagħhom ġewwa l-post tan-Nar. Biss, huwa d-dmir tiegħi li, fuq il-kliem ta' l-Isqfijiet Maltin, inħeġġiġhom joqgħodu dejjem attenti f'dak kollu li jkunu jgħamlu għaliex il-ħajja tal-bniedem tiswa' wisq. Il-prudenza anki f'l-ikel tajba, aħseb w'ara f'xogħol daqstant perikoluż. Nitlob lill-Santa Marija tibqa' żżomm idejHa fuqkom u tbiegħed minnkom kull periklu.

Ħallejt għall-aħħar il-Banda tagħna, mhux għax insejt iżda biex, bħala segretarju ta' Soċjeta' Mużikali, ngħatiha trattament speċjali. Grazzi għat-tħabrik tas-surmast tagħna Mro. Twanny Camilleri, L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M., mgħejjun bħal dejjem missinjuri Leonard Farruġia u Raymond Camilleri, kompliet ġejja 'l quddiem. Żdiedu s-servizzi barra r-



**Il-Banda tagħna waqt il-Programm Strumentali ġewwa Ħaż-Żebbuġ.**

raħal, sar *recording* ta' sett marċi ġodda, iżda fuq kollox, b'għaqal kbir u bl-għajnuna ta' Santa Marija, għandna Banda mgħaquda mas-surmast li flimkien jiġbdu ħabel wieħed. Grazzi ħafna għeżież bandisti tagħna u intom ġenituri, ibqgħu uru l-fiduċja tagħkom fl-għalliema tagħna għax il-frott taraħ u tmissu b'idejk minn sena għall-oħra, għall-Grazzja t'Alla.

Nagħlaq dan il-messaġġ annwali tiegħi billi nirringrazzja lill-benefatturi tagħna kollha għal qalb kbira u ġeneruża u li tant qed jistinkaw biex il-banda tagħna jkollha l-isbaħ palk possibli. Nixtieq nagħmel ukoll appell biex matul il-ġimgħa ta' marċi, nifirħu flimkien, iżda b'sens ta' responsabbilta' u rispett lejn kulħadd, hekk kif dejjem sar. Il-festa Titulari ta' l-Imqabba hija l-mimmi t'għajnejna; għaliha naħdmu, għaliha nistinkaw u nagħmlu kull sagrifiċċju, mhux għax għandHa bżonn dawn l-affarijiet iżda biex nuruHa li Hi ħajjitna. J'Alla l-festa ta' din is-sena tkun okkażjoni oħra li nifirħu flimkien u allura f'dawn il-ġranet il-ħsibijiet u l-għajta sinċiera tagħna lkoll tkun:

**Viva Santa Marija**
**Viva l-Banda Re Ġorġ V**

*Peter Psaila*
*Segretarju*

*Dan hu r-raġel tal-ħolm tiegħek u tixtiequ b'żewġek. Iżda...*



fiż-żwieġ għandek bżonn iżjed mill-ħolm sabiħ. Il-flus, biex nieħdu eżempju. Bid-Deposit Account tal-Bank of Valletta tkattarhom.

Bank of Valletta

*L-Aqwa Bank f'Malta*

# APPELL MILL-KAXXIER



Ix-xahar ta' Awissu reġa' magħna u flimkien ma' bosta bliet u rħula oħra, kemm ta' Malta kif ukoll t'Għawdex, ninsabu lesti u ħerqana, sabiex niċċelebraw il-festa tant għażiża għalina l-Imqabbin, il-festa tal-Padruna tagħna Santa Marija.

Matul l-aħħar sena is-Soċjeta' tagħna kienet attiva matul is-sena kollha u minbarra li serviet bħala mezz ta' rikrejazzjoni u ta' kultura kienet minn ta' l-ewwel fejn tidħol għajnuna filantropika. Fix-xahar ta' Settembru ospitajna lit-tfal minn Chernobyl ġewwa r-Russja, u għall-okkażjoni ta' Jum l-omm ospitajna lil ommijiet, u uliedhom mill-Bosnia li jinsabu refuġjati fil-gżejjer tagħna. Fiż-żewġ okkażjonijiet minbarra l-laqgħa sabiħa li saritilhom ġew ippreżentati rigali u anki donazzjonijiet.

Għall-okkażjoni tal-festa tal-Milied, wara assenza ta' xi snin, erġajna ħadna sehem fil-Kompetizzjoni tal-faċċata tal-Każini u rnexxielna nerġu nirbħu l-ewwel premju għar-raba' darba. Tifħir kbir ħaqqhom Peter Psaila u Frans Vella li flimkien maż-żgħażagħ ħadu ħsieb it-tiżjin tal-Faċċata.



Mument wisq għall-qalbna meta l-Istatwa devota ta' Santa Marija tieqaf taħt il-Kuruna, f'nofs il-pjazza.

Nkun qed nonqos jekk ma nurix l-apprezzament tiegħi lejn il-Banda tas-Soċjeta', li taħt it-tmexxija għaqlija tas-Surmast / Direttur Anthony Camilleri kull sena tferraħ lil Imqabbin bil-programmi u l-marċi brijużi. Prosit ukoll ħaqqhom il-Bandisti għar-*recording* ta' Sett Marċi ġodda li ser jindaqqu fuq il-mezzi tax-xandir nhar il-Festa.

Ma nistax ukoll fl-istess ħin ninsa lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor huma mdaħħla fix-xogħol tan-nar li matul is-sena jippreparaw dak l-ispettaklu li l-Maltin u l-Għawdxin jiġu bi ħġarhom biex jammiraw. Ħajr ħaqqhom ukoll is-Sezzjoni tan-Nisa fi ħdan is-Soċjeta' li barra li jgħinu fix-xogħol tal-ħjata, jieħdu ħsieb il-ġbir ta' kull xahar kif ukoll jorganiżżaw attivitajiet soċjali matul is-sena.

Fl-aħħar nixtieq nifraħ lis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija li għalkemm għadha fil-bidu tagħha, irnexxielhom iwettqu diversi attivitajiet li permezz tagħhom, iddivertew, tgħallmu u kienu ta' għajnuna għal ħaddieħor. Nixtieq nuri wkoll l-apprezzament tiegħi u tal-kumitat lil Benny Camilleri għas-sagrifiċċju li qiegħed jagħmel sabiex jiġbor il-fondi għall-planċier.

Nagħlaq dawn l-erbgħa kelmiet billi nappella lill-membri u partitarji sabiex niċċelebraw il-festa tagħna bil-briju tas-soltu u nkunu ta' eżempju ta' kif wieħed jista jiċċelebra Festa Kbira bħal tagħna ad Unur Ommna Marija. Nixtieq li l-ferħ u l-briju waqt il-marċi jkunu sinjali ta' ferħ ġenwin, ħalli min jarana u jismagħna waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jinduna li aħna tassew nies ta' kultura u l-ferħ tagħna juri tassew imħabbitna lejn Santa Marija.

Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lill-Benefatturi u lill-partitarji li ta' kull sena dejjem wieġbu għall-appelli tagħna sabiex bl-offerti tagħhom inkomplu nkabbru l-Festa tat-Titular.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

*Carmel Briffa*
*Kaxxier.*

# SEAL COLD

Aġenti u Distributuri Ewlenin
Qed jintroduċu sistemi ġodda ta' Ippakkjar għal aktar
Igjene u Effiċjenza:

Dibipack - Magna li tippakkja f'borza jew shrinker
Clippatrice - magna li tippakkja f'borza tax-xibka
Sterilbran - magna moderna biex tisterilizza l-arja ta' ġol-Cold Stores
Għażla kbira ta' Stretch & Seal u Foil ta' ditti rinomati bħall-
Packline - Huntsman - Goodyear
Issibu Tubi, Xibka u 'Chopping Boards" għall-ħwienet tal-laħam
kif ukoll Strip Curtains u aċċessorji għar-refrigeration eċċ.....

Għal aktar tagħrif irrkorru għand:

ROCCO CAMILLERI
"COUNTRY VIEW"
TRIQ IL-KONVOJ TA' SANTA MARIJA - MQABBA.
TELEPHONE: 683222 - FAX: 683222

# BLOKRETE LTD.

MOSTA ROAD, LIJA, MALTA.

FOR WALLING AND ROOFING

AND PAVING



IN PRECAST AND PRESTRESSED CONCRETE

TEL: 433953 - 433957 - 484735
FAX: 433957

# MILL-PINNA TAD-DIRETTUR SPIRITWALI



## NIFIRĦU U NFERRĦU

Fl-Imqabba l-eqdem festa dejjem kienet dik ta' Santa Marija. Ma jistax ikun mod ieħor, la darba "Santa Marija" hija l-festa titulari tal-Parroċċa sa mindu twaqqfet fl-1598. Matul dawn il-kważi 400 sena, iċ-ċelebrazzjoni tal-festa kibret u kisbet xejriet differenti, skond iż-żmien u l-mezzi f'idejn il-poplu. Imma l-qofol reliġjuż Nisrani dejjem kien, u hekk għandu jibqa', it-tħejjija spiritwali ta' kull membru tal-komunita' parrokkjali tar-raħal tagħna għall-Festa ta' l-Omm qaddisa tagħna. Il-liturġija toffrilna varjeta' kbira: Il-kwindiċina hija devozzjoni unika riservata għal din il-Festa, bl-aħħar granet jinbidlu fi tridu kif isir f'bosta festi, imma lejlet il-Festa tgawdi liturġija speċjali għaliex mill-erba' Solennitajiet tal-Verġni Mbierka Marija din biss hi mżejna b'Quddiesa tal-Vġili, illi dari kienet ġurnata ta' sawm u hija differenti mill-Quddiesa l-oħra tas-Solennita' proprja ta' Marija Mtella' fis-sema.

Hi ħaġa l-iżjed naturali għall-bniedem li din l-okkażjoni unika - tiġi biss darba fis-sena għall-Parroċċa tagħna - infissruha minn barra wkoll. Ġol-Knisja stess nitgħaxxqu bil-mużika u bit-tiżjin speċjali. Jixraq anke li nżejnu djarna u t-toroq tagħna u bil-lejl nixegħluhom, speċjalment minn fejn tgħaddi l-purċissjoni bl-istatwa artisitka tal-Patruna ta' l-Imqabba, nuru l-ferħ tagħna bid-daqq tal-baned, naħarqu wkoll ftit murtali u logħob tan-nar. Dawn huma l-elementi interessanti li jagħtu l-karattru Malti lill-Festa tagħna. Ma jistax jonqos għalhekk li tiġbed l-ammirazzjoni tal-barranin waqt li tibqa' tifkira qawwija fil-ħajja ta' ħutna emigranti u msefrin li kultant jiġu lura jgawdu l-Festa magħna!

Imma fil-ħajja kollox għandu jsir bil-galbu, bil-qies. Dan jgħodd aktar għalina li niftaħru bl-isem ta' Nsara. Mhux aħna li ntrabatna li nimxu dejjem wara Ġesu', u għalhekk anke fil-Festa li nagħmlu lil Ommu Marija Mtella' fis-sema? F'kulma nagħmlu matul is-sena, allura fil-Festa wkoll, imissna noqgħodu wisq attenti li ma nġibux ruħna qisna konna xi pagani! Dan riedu jfissrulna l-Isqfijiet tagħna ftit wara l-Għid il-Kbir meta kitbulna fuq l-imġiba tagħna fil-festi sabiex dawn jibqgħu tassew imżejna b'karattru verament Nisrani. Is-suċċess tal-Festa li b'ħerqa kbira nistennew minn sena għal oħra qiegħed hawn: tirnexxi daqskemm tgħinna nissaħħu aktar fir-rikonċiljazzjoni u fil-għaqda bejnietna u ma' Alla.

F'kull festa tassew Nisranija m'hemmx lok għal skandli li joffendu 'l Alla u l-proxxmu, għal kull aġir li jdejjaq lil min hu marid, għal piki, tgħajjir u tilwim, sokor u ġlied, jew għal infiq esaġerat ta' kull xorta. Aġir bħal dan iħassrilna l-Festa li hija ta' kulħadd, u allura għandu dritt igawdiha kulħadd.....

F'dinja mimlija nies ferm anqas ixxurtjati minna lkoll, ma nistgħux forsi noħolmu b'xi proġett li jgħin u jferraħ lil ħutna barranin? Jekk jirnexxilna nagħmlu dan, is-sena jew id-dieħla, ċertament li jifirħu huma, nifirħu aħna u aktar minn kulħadd inferrħu 'l Ommna Marija Santissima Mtellgħa fis-sema.

*J.M. Ghigo S.J.*

**ELLUL WOODWORK**

MQABBA

GĦAL KULL XORTA TA' XOGĦOL TA'
APERTURI, GĦAMARA U KOLONNI TAT-TARAĠ BI PREZZIJIET MODERATI

ELLUL WOODWORK
Valletta Road, Mqabba.
Telephone: 683152 - 689470

# EARTH ELECTRODE

## XOGĦOL TA' TĦAFFIR B'APPARAT MODERN GĦAL EARTH ELECTRODE

IRRIKORRU:
PHILIP GRECH,
"MADONNA TA' PINU",
PLOT 10, KIRKOP ROAD, MQABBA.

TELEPHONE: 680842 - TELECELL: (099) 6683



*Arranġamenti ta' Fjuri*
*għal kull okkażjoni*
*Ċemplu 683209*
*u*
*Staqsu għal Aldo jew*
*Clare*

**CATERERS FOR ALL OCCASIONS**

Primavera

DOLCERIA

**SCHOOL STREET, TARXIEN TEL:816226**

# IL-BANDA ...IS-SINSLA TAS-SOĊJETA'

Minn Mro. Anthony Camilleri



L-Imqabba minn dejjem kienet imfittxija għall-festa ta' Santa Marija, speċjalment mid-dilettanti tal-logħob tan-nar li f'raħalna biss kienu jaraw ċertu xogħol jew aħjar, jarawh għall-ewwel darba. Grazzi għal dawn in-nies kapaċi u ta' l-affari tagħhom, għamlu ġieħ lil raħal twelidna u għadhom jagħmluh sal-lum. Jien, għalkemm nistqarr li ma nifhimx, napprezza ħafna x-xogħol tagħhom għax narah li bħall-muika, huwa **arti**. Iżda f'Santa Marija ta' l-Imqabba, mhux nar biss ikun hemm. "Fuq tlieta toqgħod il-borma" jgħid il-Malti u meta tgħaqqad il-banda ma' l-armar u man-nar, ikolli ngħid li toħloq riċetta unika għall-Gżejjer Maltin.

Din hi l-mentalita' li, għall-grazzja t'Alla, daħlet fis-soċjeta' tagħna: dawn it-tlett ingredjenti huma indispensabbli u inseparabli għas-suċċess ta' kull festa li ngħamlu. Jien nista' nitkellem fuq il-banda, għax dik taqa' taħt ir-responsabbilta' tiegħi.

Sa mit-twaqqif tal-Banda, l-ewlenin fundaturi ħasbu biex jiżirgħu żerriegħa għammiela. Il-mibki iżda qatt minsi Ġużeppi Galea, flimkien ma' Mro. J.M. Barbara, ħadmu bis-sħiħ biex rawmu l-ewwel bandisti tal-post. Minn dawn ħarġu l-ewwel surmastrijiet tal-Banda tagħna bħal Mro. Leonard Spiteri, F.L.C.M. u Mro. John Camilleri, A. Mus. L.C.M., li minn din il-paġna nixtieq insellmilhom. Ħarġu wkoll kopjisti ta' l-affari tagħhom, bħall-ex President tas-Soċjeta' is-sur Joseph Farruġia, li barra milli kien bandist u delegat tal-banda, irnexxielu jibni arkivju mużikali mix-xejn. Li l-banda tagħna sa mill-bidu nett kient fit-triq it-tajba jixhduh id-diversi servizzi li minn żmien għall-żmien kienet tintalab biex tgħamel f'ħafna bliet u rħula Maltin, bħall-belt Valletta, Ħal Tarxien, Ħal-Qormi (San Bastjan), iż-Żurrieq (Santa Katerina), Raħal Ġdid, etċ. Dan juri ċertu kontinwazzjoni ta' dak li nżera' iżda li, b'għaqal u serjeta' tas-surmastrijiet li ppreċedewni kif ukoll tal-Kumitati Eżekuttivi, baqa' dejjem joktor fil-frott.

F'din il-katina ta' ġrajjiet u personaġġi, jonqos ħolqa ferm importanti għall-banda kif inhi llum. Qed nirreferi għall-President Onorarju tas-Soċjeta' **is-sur Leonard Farruġia**, li kien hu li reġa ta' ħajja mill-ġdid lill-Banda tagħna wara l-bruda li kienet teżisti fl-aħħar tas-sittinijiet, kawża ta' l-emigrazzjoni li tant ħaditilna bandisti. Kien għalih ukoll li llum jien ninsab kwalifikat bħala għalliem u surmast tal-mużika, meta wittieli t-trieq u laqqani mal-Professur Dr. Charles Żammit, li lilu naf dak li naf. Mingħajr tlaqlieq ngħid li s-sur Farruġia hu l-missier tal-Banda kif inhi llum.

Dan l-intervent tiegħi ħassejt li għandi ngħamlu għaliex ħafna nies minn irħula u bliet Maltin u Għawdxin jaħsbu jew kienu tal-fehema li fil-festa ta' Santa Marija tal-Imqabba, nar biss kien jeżisti. Fi ftit kliem, ippruvajt nuri ħamsin sena ta' ħidma fi ħdan is-Soċjeta' tagħna b'risq it-tagħlim tal-mużika u li llum aħna lkoll qed ingawdu. Fir-ritratt li qed jidher ma dan l-artiklu f'paġna 18 taraw 25 bandisti tal-post, li flimkien ma' xi wħud li ma setgħux jattendu dak in-nhar, iżda li jgħatu sehemhom waqt il-kunċerti u s-servizzi tal-banda tagħna, illum ninsabu 'l fuq minn tletin element. Dan huwa frott il-għaraq matul is-snin u huwa fid-dmir tagħkom soċji u partitarji biex tibqgħu tħeġġu aktar tfal u żgħażagħ biex jaqbdu din it-triq ferm interessanti u ta' ġid.

Ngħalaq dawn il-kelmtejn tiegħi billi nappella:

1. Lilkom **ex-bandisti** li kontu qabli jew ħriġtu miegħi u anki warajja ddoqqu mal-banda tagħna biex, jekk iċ-ċirkostanzi jippermettulkom, terġgħu tiġu ddoqqu xi żewġ noti magħna. Ħafna minnkom kellemtkom u naf bil-problemi li kulħadd ikollu, iżda nassigurakom li magħna tieħdu pjaċir u tgħaddu siegħa żmien li jservi ta' ġid biex taqta' xi ftit mir-rutina tal-ħajja. **Ma nistax ma nirringrazzjakomx tas-sehem passat tagħkom għaliex dan kien fattur ewlieni biex aħna llum qegħdin kif qegħdin.**

2. Lilkom għeżież bandisti attivi, ibqgħu kabru l-ħeġġa fikom ħalli l-**Ġublew tad-Deheb** mit-twaqqif

( Ikompli f'paġna 19 )



tal-Banda jsibna sodi u mgħaquda aktar minn qatt qabel. Grazzi tal-paċenzja li tieħdu biha iżda ftakru li għaliha, l-isbaħ rigali li tistgħu tatuni huwa l-preżenza tagħkom waqt il-kunċerti u s-servizzi tagħna; dan hu r-rispett li jien b'sodisfazzjon ingawdi magħkom.

3. Lilkom **alljievi** nitlobkom tibqgħu tistudjaw bil-għaqal ħalli ma ddumux ma dduqu intom ukoll is-sodisfazzjon li jġib dak il-mument meta ddoqqu għall-ewwel darba mall-Banda tagħna, hekk kif ġara lili erbatax-il sena ilu. Barra minn hekk, nappella lilkom **ġenituri** biex tavviċinawni ħalli aktar minn uliedna jitgħallmu din l-arti anġelika. Biex jiċċajtaw, xi soċji ġieli jgħiduli: "Mhux ser tħallielna tfal u żgħażagħ jaqbżu mal-marċi għax kollha qed tgħallimhom il-Banda". Dan hu ta' unur għalina lkoll għaliex jidher biċ-ċar li l-missjoni ewlenija ta' din is-Soċjeta' qed taqdiha kif jgħidu l-Ingliżi "with flying colours".

Fl-aħħar nett u mhux l-inqas, nixtieq nirringrazzja l-Kumitat Eżekuttiv li għaraf bil-fatti kemm il-Banda hi l-perm, il-qofol u s-**sinsla tas-Soċjeta'**, u lilkom soċji u partitarji kollha għall-appoġġ kontinwu li tagħtuni. Ħajr partikolari lill-gurpp tan-Nar tal-koperazzjoni li nsib minnhom meta, mhux talli ma jaħarqux murtali waqt il-Programm Strumentali Annwali, iżda jonorawna bil-preżenza tagħhom. Hekk għandha tkun il-vera għaqda!

Nawgura l-Festa t-tajba lill-bandisti u l-familjari tagħhom, kif ukoll lill-poplu Mqabbi kollu, speċjalment lill-morda u l-anzjani tagħna.

*Mro. Anthony Camilleri,*
*Surmast/Direttur.*

## LISTA UFFIĊJALI TAL-BANDISTI TAL-POST ATTIVI MAL-BANDA RE ĠORĠ V TA' L-IMQABBA - 1994

| | |
|---|---|
| Kwartin | Dorianne Mifsud #. |
| Klarinetti | Albert Farruġia, Raymond Camilleri, Julian Farruġia, Monica Abdilla, Grace Camilleri, Reuben Farruġia, Maria Briffa. |
| Sax Alti | Victor Galea, Nicholas Bonello #, Sandro Ghigo. |
| Korni | Kevin Camilleri, Charles Abdilla #, Nicholas Baldacchino. |
| Kurunetti | Leonard Farruġia, Ġino Farruġia #, Christopher Spiteri, Ivan Falzon. |
| Trumbun | Mark Żammit. |
| Althorns | Paul Mifsud #, Peter Psaila, Godwin Żammit, Omar Caruana #, Antwan Farruġia. |
| Ewfonji | Alfred Galea, Adrian Żahra. |
| Baxxi | Michael Żammit, Manswet Żammit. |
| Tamborlin | Carl Mathew Camilleri. |
| Platti | Joseph Camilleri. |
| Katuba | Joseph Żammit. |

**Il-Bandisti li wara isimhom tidher # ma setgħux ikunu magħna għar-ritratt.**

B'referenza għar-ritratt f'paġna 18:
**Bil-qiegħda mix-xellug:** Maria Briffa, Grace Camilleri, Reuben Farruġia, Albert Farruġia, Mro. A. Camilleri, Mro. Leonard Farruġia, Raymond Camilleri, Monica Abdilla, Sandro Ghigo u Julian Farruġia.
**Bil-wieqfa mix-xellug:** Carl Mathew Camilleri, Joseph Żammit, Joseph Camilleri, Manswet Żammit, Peter Psaila, Ivan Falzon, Antwan Farruġia, Christopher Spiteri, Nicholas Baldacchino, Kevin Camilleri, Godwin Żammit, Victor Galea, Adrian Żahra, Alfred Galea, Mark Żammit u Michael Żammit.

U INT
X'QED TISTENNA BIEX
TINGĦAQAD MAGĦNA ?


BOFFA
LTD.
SABA
QUALITY for LIFE
AGENTS FOR: SABA T.V., RADIOS, HIFI & VIDEO EQUIPMENT, ALL TYPES OF MUSICAL INSTRUMENTS, DISCO AND LIGHT EQUIPMENT, P.A. SYSTEMS & HOUSEHOLD APPLIANCES.
Head Office:
19, Paola Square, Paola
Malta. Tel: 827733
Branches:
148, Paola Square, Paola.
Fax: 821557
10, City Gate, Valletta.
Tel. 236480
Boffa Recording Studios
26, Żabbar Road, Paola.
Tel: 693808
KAWAI KEYBOARDS
Zildjian
LUDWIG
BOOSEY & HAWKES
BESSON LONDON
PEAVEY
BUFFET Crampon PARIS
HENRI SELMER PARIS
W. Schreiber
LEBLANC
Vito, Holton, Martin
HOHNER
JULIUS KEILWERTH
DENIS WICK MOUTHPIECES
SONOR
GENERALMUSIC
CLASSIC
Marching Percussion
SONOR
KAWAI
UPRIGHT PIANOS
CE-11
Bach
12-STRING
BACH BRASS
BACH
LUDWIG/MUSSER
MARCHING PERCUSSION

# MILL-ĦAJJA TAL-BANDA



**Erba' bandisti żgħażagħ tagħna li ser jingħaqdu mal-Banda din is-sena. Mix-xellug:** ***Carl Mathew Camilleri (Tamborlin), Ivan Falzon (Kurunetta), Mro. A. Camilleri u Mro. L. Farruġia (għalliema), Antwan Farruġia(Althorn) u Sandro Ghigo (Sax Alto).***

Haġa li timla l-atmosfera tal-festi Maltin hijabla dubju ta' xejn is-sehem ewlieni tal-banda. Iżda l-briju, l-allegrija, u ż-żfin mal-marċi jkunu jridu ferm aktar xogħol milli wieħed jista' jaħseb, biex ma dak kollu li nsibu f'festa, kollox jirnexxi bis-sħiħ. Għaldaqstant, ma nistgħux mill-ewwel ma nsemmux is-sagrifiċċji kbar li l-bandisti tal-post jagħmlu, u naturalment il-ħin twil okkupat biex banda tagħmel il-kunċerti ta' matul is-sena.

Wara l-istaġun li għadda, l-banda tagħna bdiet tiltaqa' b'mod regolari għall-kunċerti li bdew għall-bidu ta' Novembru. Kunfidenti bis-suċċessi li l-banda qed ikollha sew fl-Imqabba kif ukoll barra r-raħal, aħna dħalna għall-biċċa xogħol tar-*recording* ta' sett marċi ġodda li sar fit-18 ta' April li għadda. Ta' min isemmi li din is-sena rrekordjajna 14-il marċ ġdid, brijużi u tal-widna; għalhekk nistedinkom biex min għadu ma akkwistax kopja ta' dan ir-*recording* ifittex lili jew lil xi membru tal-Kumitat, ħalli jkollkom rikordju tal-marċi sbieħ li ser inżanżnu għall-festa ewlenija ta' l-Imqabba.

Intant, bħas-snin l-imgħoddija, ħsibna biex naqilgħu xi mużika li, sa fejn naf jien, ftit li xejn indaqqet minn baned Maltin, bħal-famuż *Fanfare and Ceremonial March of Homage* ta' Wagner li fih kull sezzjoni tal-banda trid turi l-abbilta' mużikali tagħha minħabba d-diffikulta' tax-xogħol. Hawnhekk, bħal ma għamel sieħbi Adrian is-sena l-oħra, ma nistax ma nirringrazzjax lis-sur John Borġ, emigrant Imqabbi ġewwa l-Amerika, li rregala dan ix-xogħol flimkien ma arranġamenti mużikali kbar oħra li, jekk Alla jrid, insemgħuhom aktar il-quddiem. U la qed insemmi l-mużika irregalata din is-sena, ma nistax ma nsemmix u nirringrazzja liż-żewġ ex-surmastrijiet tal-banda tagħna, jiġifieri Mro. Leonard Spiteri, F.L.C.M. u Mro. J.M. Barbara, A. Mus. L.C.M., talli huma wkoll għoġobhom jagħtuna ħafna mużika li nwegħduhom li ndoqqu wkoll fil-futur qarib. Grazzi kbir ukoll imur għas-surmast tagħna Mro. Anthony Camilleri, L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M. tal-fiduċja li dejjem juri fina l-bandisti tal-post u l-sħabi kollha ta' l-interess u l-għajnuna f'kull meta tlabtha.

Bħala delegat tal-banda, għandi unur ngħid li f'sena rduppjajna s-servizzi li l-banda tagħna qed tagħmel barra r-raħal, meta żidna żewġ servizzi: wieħed f'Ħal-Kirkop u l-ieħor fir-Rabat. Barra minn hekk, is-servizz ta' Ħaż-Żebbuġ (lejlet San Filep), sar ferm importanti u prestiġjuż għall-banda tagħna meta, minn din is-sena stess, bdejna nagħmlu programm mużikali ta' siegħa w nofs quddiem folla kbira ta' Maltin u barranin, li kif jaf kulħadd, jitilgħu għal din il-Festa hekk popolari. Dan m'huwa xejn ħlief frott tas-serjeta' li biħ qed titmexxa l-Banda wisq għażiża tagħna, u li kull ma jmur, qed tkabbar il-fiduċja fiha u l-popolarita' tal-Maltin kollha. J'Alla nibqgħu sejrin hekk!

Aktar ma jgħaddi ż-żmien u noqorbu lejn il-**Ġublew tad-Deheb (1996)** mit-twaqqif tal-Banda, aktar qed naraw l-interess mill-ġenituri u ż-żgħażagħ tagħna joktor fil-konfront tat-tagħlim mużikali. Lezzjoni wara lezzjoni, bejn xi ċajta/għajta w'oħra tas-surmast u l-assistenti tiegħu, iżda b'għaqal, serjeta' u responsabbilta' kbira, ser naraw erba' bandisti ġodda oħra, li flimkien mal-ħamsa u għoxrin bandist tal-post l-oħra, ser ikollna biex flimkien nieħdu gost u nferrħu l-partitarji tagħna. Grazzi mill-ġdid lis-surmast u lis-sinjuri Leonard Farruġia u Raymond Camilleri tal-paċenzja li jieħdu waqt il-qadi ta' dmirhom bħala għalliema tal-mużika fl-iskola tas-Soċjeta'. Nerġa' ntenni, bħal ta' qabli, fil-bżonn li nifhmu l-iskop li għalih twaqqfet is-Soċjeta' tagħna, dak li dejjem nibqgħu inkabbru t-tagħlim tal-mużika fost il-membri u l-partitarji kollha: għalhekk, għeżież ġenituri u sħabi żgħażagħ, ersqu l-każin u avviċinaw lis-surmast ħalli, jekk Alla jrid, inżanżnu aħna l-Imqabbin l-opra artistika u mill-isbaħ li s-sur **Ġużeppi Caruana** qed jaħdem flimkien man-nies tagħna.

Ma fadali xejn ħlief li nirringrazzja l-ewwel lil Santa Marija, talli żammet idejHa fuqna u qed tħarisna kontinwament mis-sema, u f'isem sħabi, nirringrazzja lis-soċji u l-partitarji kollha ta' l-appoġġ kbir li qed tagħtuna kull fejn immorru. J'Alla jkollna festa mimlija ferħ u għaqda li l-mużika biss taf iġġib u nistedinkom tingħaqdu magħna ħalli bħal dejjem, niċċelebraw bil-kbir din il-festa ewlenija ta' l-Imqabba, **f'ġieħ Ommna Marija Mtella' s-Sema, Padruna tagħna l-Imqabbin u tal-Għejjer Maltin.**

**Mark Żammit**
**Delegat Banda.**

# Galdes & Mamo Ltd.

81, ST. CATHERINE STREET, MQABBA.
TELEPHONE: 683142

General Agents for Malta for

# Royal Insurance

SUB-AGENT
undertake all classes of Insurance including:

- MOTOR
- FIRE
- BURGLARY
- EMPLOYERS' LIABILITY
- YACHT & PLEASURE CRAFT
- PLATE GLASS
- TRAVEL
- MARINE
- PERSONAL ACCIDENT
- PUBLIC LIABILITY
- HOUSEHOLDER/HOUSEOWNER COMPREHENSIVE



# FREDDIE'S ALUMINIUM WORKS

ŻURRIEQ ROAD
MQABBA

TELEPHONE: 683405

FL-OKKAŻJONI TAL-FESTA TITULARI TA'

# SANTA MARIJA

PADRUNA TA' L-IMQABBA
IL-BANDA RE ĠORĠ V
TIPPREŻENTA

## KUNĊERT STRUMENTALI

NHAR L-ERBGĦA, 10 TA' AWISSU 1994
FID-9.00 p.m.
QUDDIEM IL-KAŻIN

| | | |
|---|---|---|
| March of Homage | Fanfare and Ceremonial | R. Wagner |
| Traditional Theme | Greensleeves | Arr. A. Reed |
| March (Pasadoble) | El Fallero | J. Serrano |
| Selection | The Merry Widow | F. Lehar |
| Fantasia | Manhattan Tower | G. Jenkins |
| Solo Trumpet | Wonderland by Night | Arr. A.Chircop |
| March | Radetzky | J. Strauss |
| Innu | Banda Re Ġorġ V | A. Camilleri |
| Innu | Malti | R. Samut |

Mro. Anthony Camilleri, L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M.
Surmast/Direttur
Preżentatriċi: Ms. Joyce Guillaumier

# SCHEMBRI BROS. & FARRUĠIA LTD.



READY MIX SERVICE
CRANE HIRING &
SUPPLY OF BRICKS.

TAL-BARRANI ROAD, ŻEJTUN
TELEPHONE: 673070 - 808876 - FAX: 808875



# SCHEMBRI BARBROS LTD.

**SUPPLIERS OF:**



**WIRE MESH, STEEL &
BUILDING MATERIALS**

Tal-Barrani Rd.,
Bir-id-Deheb.
Tel: 805592
Fax: 808875

# TAGĦRIF ĠENERALI FUQ IS-SILTIET MUŻIKALI LI L-BANDA RE ĠORĠ V TA' L-IMQABBA SER TESEGWIXXI WAQT IL-PROGRAMM ANNWALI TAGĦHA NHAR L-ERBGĦA, 10 TA' AWISSU, 1994

***Fanfare and Ceremonial - March of Homage:***
***RICHARD WAGNER***

Grazzi għall-emigrant Imqabbi s-sur John Borġ, dan ix-xogħol hekk sabiħ iżda impenjattiv ser inkunu nistgħu inwasslulkom bħala l-ftuħ tal-programm għal din is-sena. Richard Wagner ikkompona dan ix-xogħol fl-1864, ad unur ir-Re Ludovigu II tal-Bavarja. Oriġinarjament, kien maħdum għall-istrumenti tan-nifs iżda fl-1869, Joachim Roff orkestraħ. L-arranġament ta' dan ix-xogħol li ser nisimgħuh permezz tal-banda huwa tal-famuż professur Amerikan Bruce H. Houseknecht.

***Greensleeves - Traditional Theme:***
***ARR. ALFRED REED.***

F'kull pajjiż insibu l-mużika hekk imsejjħa folkloristika tiegħu, frott iċ-ċivilta' ta' pajjiż, bid-differenzi kollha bejn ir-razzez li jesprimu ruħhom l-aktar f'dak kollu li hu arti. Din il-melodija modali famuża għaddiet minn ġenerazzjoni għall-oħra b'mezzi orali sakemm waslet fil-widna ta' xi kompożitur li użaha fix-xogħol tiegħu. Dan l-arranġament ħelu ħafna ta' Alfred Reed iqassam it-tema prinċipali fuq id-diversi sezzjonijiet tal-banda sakemm jibni *climax* permezz tal-ħxuna fl-istrumentazzjoni u l-użu tal-modulazzjoni.

***El Fallero - March (Pasadoble):***
***J. SERRANO***

Spanja, apparti l-ġlied tat-toru, hija assoċjata wkoll mall-logħob tan-nar fil-festi u propju dak li jfisser l-isem *El Fallero*: il-persuna li taħdem in-nar f'Sivilja. B'kumbinazzjoni, f'idejn is-surmast ġiet il-partitura ta' dan il-marċ Spanjol u malajr sibnieh ma wiċċna għaliex huwa ferm tal-widna. Għad-dilettanti kollha tal-marċi Spanjoli, u b'dedikazzjoni speċjali lid-dilettanti kollha tan-Nar tas-Soċjeta' tagħna, nistednukom tisimgħu dan il-marċ mhux daqstant popolari (bħal ngħidu aħna l-*Gallito* ta' Lope) iżda li għandu jolqotkom mill-ewwel.



**F. LEHAR**
**(1870 - 1948)**

***The Merry Widow - Selection:***
***FRANZ LEHAR***

L-isem ta' Lehar huwa sinonimu mal-*Merry Widow*. Dan mhux għax ma kkomponiex xogħolijiet oħra ta' suċċess matul ħajtu iżda din l-operetta kisbitlu suċċessi kbar u fetħitlu

( Ikompli f'paġna 27 )

JB STORES TEXTILES

- FABRICS FOR ALL OCCASIONS
- FURNISHINGS
- CURTAINS
- TOWELS
- BED SHEETS
- RUGS
- FITTED CARPETS
- HABERDASHERY
- READY MADE GARMENTS

*The Latest fashion at Fantastic Prices*

JB Stores, L' Iklin Road. Lija BZN 09.
Tel: 435537, 435491 Fax: 435475.

t-triq għal aktar. Imwieled f'April ta' l-1870 ġewwa Komarno fl-Ungerija, kien iħobb juża ħafna l-idjoma folkloristiku ta' pajjiżu, speċjalment fix-xogħolijiet bikrin bħalma hu dan (ta' l-1905). Il-fantasija minn din il-kompożizzjoni li l-banda ser tesegwixxi għandha arranġament ta' Dan Godfrey, u mibnija fuq uħud mill-isbaħ temi u romanzi li qatt inkitbu. Is-solisti waqt din l-esekuzjoni jkunu l-bandisti tal-post Leonard Farruġia (Kurunetta), Raymond Camilleri (Klarinett), Alfred Galea u Adrian Żahra (Euphonium). Hija *selection* li titlob attenzjoni u ftehim kbir bejn is-sezzjonijiet kollha tal-banda għaliex mimlija b'effetti u bl-espressjoni.

***Manhattan Tower - Fantasia:***
***GORDON JENKINS***

Biex invarjaw, il-banda ser tesegwixxi din il-*Medley* ta' siltiet fuq stil *Jazz*. F'dan l-arranġament ta' Glen Osser, ser nisimgħu siltiet famużi bħal: *Never Leave Me, New York's my home, Repeat after me, Learnin' my Latin, Once upon a dream, The Party* u *Married I can always be*. Il-banda hawnhekk għandha biċċa xogħol iebsa oħra biex toħroġ l-istil li fih hi miktuba din il-kompożizzjoni.

***Wonderland by Night - Solo Trumpet:***
***ARR. ANTHONY CHIRCOP***

Il-kurunetta tixxala f'dan ix-xogħol kontemporanju, li għandu arranġament ħelu ħafna ta' Mro. Anthony Chircop. L-istil *swing* tal-ħamsinijiet jinħass sew f'dan ix-xogħol li ser jiġi esegwit mill-kurunetta solista Leonard Farruġia, l-aktar bandist anzjan tal-banda tagħna u li żgur huwa ta' eżempju ħaj għalina ż-żgħażagħ bandisti.

***Radetzky - March:***
***JOHANN STRAUSS***

Il-familji Lanner u Strauss jibqgħu imfakkrin għal ġeneru ta' mużika ġdid li nisslu fl-Awstrija, u aktar tard fl-Ewropa kollha: il-famużi Valzi. Joseph Lanner kien id-direttur u l-kompożitur ewlieni tal-Valzi għall-orkestra żgħira tiegħu u li magħha kien idoqq il-vjolin Johann Strauss ix-xiħ, dak li propju baqa' msemmi għal dan il-famuż marċ li minn jaf kemm il-darba smajnieh jiġi esegwit. Huwa kkompona dan ix-xogħol fl-1848, sena biss qabel miet, u jirrappreżenta l-qawwa militari tal-*Habsburgs*. L-arranġament bandistiku ta' dan il-marċ huwa ta' Norman Richardson.

***Mark Żammit.***


★ KOMPLI ĠEDDED IL-ĦAJJA ★

TAL-BANDA RE ĠORĠ V

BILLI TĦAJJAR U TIBGĦAT L-ULIEDEK
JITGĦALLMU L-MUŻIKA L-KAŻIN.
LEZZJONIJIET B'XEJN IL-ĦADD FIL-GĦODU.
★ ★

# SCICLUNA FLORIST



**Garden Centre**
**Bronja Street**
**Żurrieq**
**Tel: 829621**

For:... *Weddings, Engagements, Parties, Souvenirs, etc...*



NEED A HAIR STYLE FOR
THAT SPECIAL OCCASION!
OR JUST A NEAT, EASY TO MANAGE HAIR STYLE!!
THEN YOU SHOULD VISIT

## Hair Line
unisex salon

WHERE YOU WILL FIND THE LATEST HAIR STYLES AND
THE BEST HAIR CARE
WHILE RELAXING IN A FRIENDLY ATMOSPHERE.

DEPILATORY WAXING AND MAKE-UP FOR
SPECIAL OCCASIONS BY APPOINTMENT.

**TRIQ IT-TEMPESTA, QRENDI**
**TELEPHONE: 685081**

**Business Hours:**

| | |
|---|---|
| Mondays & Wednesdays | Closed |
| Tuesdays & Thursdays | 9.30a.m. - 12.00p.m. |
| | 3.30p.m. - 7.00p.m. |
| Fridays | 4.00p.m. - 7.00p.m. |
| Saturdays | 9.30a.m. - 12.00p.m. |
| | 2.30p.m. - 6.00p.m. |

# SANTWARJI MARJANI



**TAGĦRIF MIĠBUR MIS-SUR TOMMY AĠIUS**
**L-EWWEL PARTI**

## ĦARSA LEJN IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-MELLIEĦA

Huwa xieraq li nibdew din is-sensiela bis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. X'inhi r-raġuni li bdejna b'dan is-Santwarju? Dan hu l-ewwel post ta' qima dedikat lill-Madonna f'dawn il-Gżejjer. Tajjeb li niftakru fil-Viżita li għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II f'dan is-Santwarju f'Mejju 1990.

Skond tradizzjoni qadima ħafna, is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa ġie mbierek mill-Appostlu Missierna San Pawl innifsu. Skond l-istess tradizzjoni il-pittura tal-Madonna impittra fuq il-blat hi xogħol San Luqa l-Evanġelista. Dan jaqblu miegħu Monsijur Pirri (1630), Ġian Franġisk Abela, Giacomo Bosio, il-Konti Ċiantar u Monsinjur Onorato Bres. Madankollu, hemm min jgħid li l-pittura mill-Biżantini ġiet impittra minn xi ħadd minn naħa ta' isfel ta' l-Italja jew Sqallija u li ġiet esegwita fl-aħħar tat-tlettax il-seklu u fil-bidu ta' l-erbatax il-seklu.

Il-fatt jibqa' li tgawdi devozzjoni kbira mill-Maltin u l-Għawdxin u dan jixhdu n-numru kbir ta' 'ex votos' u offerti oħrajn. Fis-saqaf tas-Santwarju hemm impitter numru ta' Isqfijiet. Hu mifhum li dawn huma seba' Isqfijiet li żaru l-Għar fi triqthom lejn il-Konċilju ta' Milevo, ħdejn Kartaġni fis-sena 416 wara Kristu. Seba' slaleb impittrin fuq il-ħitan jagħtu wieħed x'jifhem li dawn is-seba' isqfijiet ikkonsagraw l-Għar. Għall-ħabta tas-sena 430 W.K. Il-patrijiet Agostinjani kienu jieħdu ħsieb is-Santwarju. Nies ta' ċertu fama li żaru s-Santwarju kienu ir-Re Ferdinandu IV (1373), ir-Re Martin (1408), ir-Re Alfonsu (1432), il-Viċi Re Lupo Ximenez (1468), Ferdinandu d'Acuna (1490) u ħafna żmien wara l-Isqof Lavigerie, Nicola Speciale, u San Benedittu Ġużeppi Labre, li kien qiegħed idur is-Santwarji Marjani ta' l-Ewropa. Ma rridux inħallu barra l-viżita mqanqla li għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II u li żgur kulħadd għadu jiftakar, erba' snin ilu, jiġifieri fl-1990.

Fil-1436 il-Mellieħa kienet waħda mill-ewwel parroċċi msemmijin fir-rapport finanzjarju ppreżentat mill-Isqof De Mello. Il-konfini tal-Parroċċa kienu jaslu sal-Mosta. Iżda billi l-Mellieħa kienet miftuħa wisq għall-attakki tat-Torok u l-furbani, fl-1551 ġiet annessa mal-parroċċa tan-Naxxar. Fl-1614 is-Santwarju ġie mħarbat mill-furbani. Meta l-Isqof Belaguer kien qiegħed jikteb fuq il-każ xi erbgħin sena wara, semma kif wieħed li kien fost dawk li ħarbtu is-Santwarju, meta fieq minn marda serja li kien ħaseb li qabditu b'kastig talli ħa parti minn dak il-ħbit, bagħat xema lill-Madonna bħala wegħda. Waqt l-assedju ta' l-1565, Don Garcia de Toledo, wara li niżżel it-truppi tiegħu fil-bajja tal-Għadira, għadda jżur is-Santwarju fis-7 ta' Settembru. Minn dik il-ġurnata l-hawn is-Santwarju sar magħruf bħala Knisja dedikata lit-Twelid tal-Madonna, mlaqqma bħala l-Vittorja.

Għaxar snin wara meta Monsinjur Duzzina żar is-Santwarju, sabu mingħajr rettur, bla dħul ta' xejn u kważi mneżża minn kollox. Kien għadu bla rettur meta żaru l-Isqof Gargallo fil-1587. Sa sittax il-sena wara kien għadu bla rettur meta l-isqof appunta lill-Dun Bernard Cassar bħala rettur. Wara l-ħbit tat-Torok fl-1614 il-Gran Mastru Adolf De Wignacourt beda' jżur is-Santwarju regolarment kull nhar ta' Sibt. Il-Fratellanza tar-Rużarju ġiet imwaqqfa fl-1669; Mario de Vasi, li kien minn Sirakuża, kabbar u sebbaħ il-Knisja, u għamel statwa fl-għar ta' isfel, u bena dar għar-rettur u kmamar tal-mistrieħ għall-pellegrini.

Il-Knisja reġgħet ġiet imkabbra u wara ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Alpheran fil-21 ta' Mejju 1747. Fl-1834 il-Mellieħa saret viċi parroċċa wara l-għoti tal-bolla mill-Papa Girgor XVI. L-ewwel kappillan kien Dun Pawl le Brun. Il-bini tal-parroċċa l-ġdida beda fl-1883. B'digriet tal-Papa Ljun XIII l-ikona tal-Madonna mirakoluża ġiet inkurunata fl-24 ta' Settembru 1899, mill-Isqof Pietru Pace mgħejjun mill-Isqof ta' Għawdex, Monsinjur Ġ.M. Camilleri.

**(Jissokta f'paġna 31 )**



Għal kull xogħol ta'
bibien, twieqi, turġien u gallarijiet
tip Malti irrikorru għand

**JOE'S**

**PROFILE ALUMINIUM**

**3, Valletta Road, Żurrieq,**
**Tel: 829601**

Book early for

*Weddings, Baptisms, Parties etc.*

AT

**BARON CONFECTIONERY**

Żurrieq Branch
Dun Ġużepp Zammit Street, Żurrieq
Tel: 826819

**COMBINED TRADES CENTRE**

**SALJATURA STREET, MQABBA.**

(wara Ċelest il-Mechanic)

Fejn issibu: Varjeta ta' għodda fosthom
Welding Sets, Battery Chargers, Boosters, Taps & Dies
Metric, UNF, UNC.
High Pressure Washers, Pompi ta' l-ilma għad-dar,
Boldijiet B.S.W., B.S.F., U.N.F., M.M.
Kiri ta' Chaser Speċjali għat-tħafir tat-trinek tal-kanen tad-dawl.
Ħinijiet tal-ftuħ: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-4.00 - 7.00 p.m.
Is-Sibt mit- 8.00a.m. - 12.30 p.m.

F'dawn l-aħħar snin is-Santwarju ġie msebbaħ, w il-ħitan miksija bl-irħam. Illum hemm ħames artali u pittura tal-Madonna tal-Karmnu, Sant Andrija u San Pawl. Il-kanonku Dun Vinċenz Grech Delicata ta lis-Santwarju relikwi tal-martri San Vinċenz, miġburin miċ-Ċimiterju ta' Priscilla f'Ruma fil-21 ta' April 1920. Il-Papiet Ġwanni XIII u Pawlu VI onoraw lis-Santwarju. Ħafna kienu l-grazzji li nqalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna, (xhud ta' dan hu n-numru kbir ta' għotjiet ta' oġġetti u nkwadri 'ex votos' li wieħed isib fis-sagristija) l-iżjed li wieħed jiftakar dawk tax-xita wara nixfa kbira. Pellegrinaġġ nazzjonali li sar fl-1718 huwa mfakkar b'ark mibni ħdejn il-knisja. Pellegrinaġġ ieħor, din id-darba fiż-żmien epidemija tal-kolera, kien fl-1888, li mexxih il-Monsinjur A.M. Buħaġiar, li kien Amministratur Appostoliku.

Id-devozzjoni lejn dan is-Santwarju ma tieqafx hawn. Sal-ġurnata tal-lum wieħed għadu jara' pellegrinaġġi għas-Santwarju u anke individwi li jżuru l-knisja b'devozzjoni nhar l-ewwel sibt tax-xahar. Il-Papa Ġwanni Pawlu II mar ukoll iżur il-Madonna f'dan is-Santwarju nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 1990. Għalhekk aħna għandna nuru d-devozzjoni tagħna lejn Ommna Marija Santissima billi nżuru dan is-Santwarju u naduraw kif jixraq lill-Madonna ma Binha Ġesu'.



ID-DAĦLA TAS-SANTWARJU



IS-SANTWARJU KIF JIDHER FIL-PREŻENT.



DEHRA ĠENERALI MINN ĠEWWA.

# DENFAR

## CONCRETE SUPPLIES

*Old Valletta Road, Mqabba ZRQ 08*




**For all Kinds of Concrete Mixes**
**Best Value for your Money**

- **Excavation Works**
- **Earth Moving**
- **Plant Hire**
- **Demolishing Works**
- **Trenching Works**

**DENFAR EXCAVATORS LTD.**
**Tel: 683228 / 685706**
**Fax: 689529 Mobile: 0993228**

# L-ISQOF PAOLO ALPHERAN DE BUSSAN IŻUR IL-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA - 1745



**TAGĦRIF MIĠBUR MINN TONY TERRIBILE**
**IT-TIELET PARTI**

Din is-sena se naraw flimkien it-tielet parti tal-vista pastorali li kien għamel l-Isqof Alpheran de Bussan fil-Parroċċa ta' l-Imqabba.

Il-vista kompliet fis-27 ta' Settembru 1745 fil-għodu. L-Isqof kien akkumpanjat minn Dun Adrijanu Gourgion Vigarju u Locum Tenens u wasal l-Imqabba għall-ħabta tat-tmienja ta' fil-għodu. Fil-bieb tal-knisja parrokkjali ġie milqugħ mill-kappillan u l-kleru tar-raħal.

Fil-bieb, il-kappillan liebes l-ilbies korali offra l-asperges lil Isqof li dan bierek il-miġemgħa.

L-Isqof baqa' tiela' fuq il-presbiterju u hemm, minn fuq il-ġinokjatur imħejji għalih, segwa l-quddiesa ċċelebrata minn Dun Franġisk Schembri.

Malli ntemmet il-quddiesa l-Isqof daħal fis-sagristija. Hawnhekk l-Isqof osserva li din kienet kollha bil-kaxxarizzi u armarji oħra li fihom kienu jintrefgħu bosta ħwejjeġ sagri. F'dan ir-rapport naqraw li ma' din is-sagristija kien hemm ukoll oratorju li kien iservi bħala post ta' tħejjija u ta' radd il-ħajr qabel u wara l-quddiesa. L-Isqof osserva li f'dan l-oratorju kienu jinsabu imdendla bosta kwadri bit-talb meħtieġ għal dan il-għan.

L-Isqof ra imbagħad il-paramenti sagri li kienu jintużaw għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u josserva li dawn huma xierqa li jintużaw fis-servizzi liturġiċi.

Wara l-Isqof ra l-kotba miżmuma dwar iċ-ċelebrazzjonijiet ta' quddies. Jgħid li dawn huma miżmuma b'mod dettaljat. Hawnhekk l-Isqof semma b'mod partikulari seba' quddisiet li kienu jiġu ċċelebrati kull sena fuq l-artal ta' l-Ispirtu s-Santu skond benefizzju li kien tħalla minn Dun Fortunat de Brincat.

Fil-preżenza tal-puntatur u tal-kappillan, hu ra wkoll is-servjenti tal-knisja u tal-kor u ra wkoll il-post fejn kienu jintrefgħu l-ostji, l-imbid u l-missali li kienu jintużaw fis-sagrifiċċju tal-quddiesa.

Wara nofsinhar ta' l-istess jum l-Isqof ħalla l-knisja parrokkjali u beda jżur il-knejjes filjali ta' l-Imqabba. L-Isqof Alpheran beda ż-żjara tiegħu fil-knisja żgħira ta' Santa Marija.

L-Isqof jibda biex jgħid li din għandha stil tawwali u quddiemha kellha zuntier żgħir. Il-knisja kellha wkoll artal wieħed tal-ġebel li fuqu kien hemm kwadru pittura tal-Assunta b'lampier mixgħul quddiemha.

Dwar il-festa ta' Santa Marija, l-Isqof jgħid li din tiġi ċċelebrata kull sena fil-15 ta' Awissu bil-Għasar u biċ-ċelebrazzjoni ta' żewġ quddisiet letti.

Matul is-sena imbagħad kienu jiġu ċċelebrati sitt quddisiet oħra.

Knisja oħra li invista l-Isqof Alpheran f'din il-ġurnata kienet dik ta' San Pietru Appostlu li kienet tinsab mhux il-bogħod mill-Parroċċa.

L-artal waħdieni ta' din il-knisja ma kienx ikkonsagrat u fuqu kien hemm pittura li tirrappreżenta lil San Pietru u lil San Pawl. Quddiem dan il-kwadru kien mixgħul il-lampier.

Għalkemm magħrufa bħala ta' San Pietru, f'din il-knisja kienet tiġi ċċelbrata l-festa tal-qaddisin San Pietru u San Pawl fid-29 ta' Ġunju.

L-Isqof żar wara l-knisja ta' Santa Katerina Verġni u Martri li din ukoll kienet tinsab qrib il-Parroċċa. L-ewwelnett l-Isqof josserva kemm hu kbir il-kult lejn din il-qaddisa f'dawn il-gżejjer. Jgħid ukoll li din il-knisja kellha dak kollu li kien meħtieġ għas-servizz reliġjuż. Meta jitkellem fuq il-kwadru titulari, l-Isqof jgħid li dan hu maqsum f'żewġ partijiet. Fil-parti ta' fuq wieħed jara x-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu filwaqt li isfel jara x-xbihat ta' Sant' Andrija u ta' Santa Katerina.

Dwar il-festa jgħid li din kienet tiġi ċċelebrata kull sena nhar il-25 ta' Novembru bil-Primi Vespri u l-quddiesa.

L-Isqof jirraporta wkoll li matul is-sena f'din il-knisja jiġu ċċelebrati tnax-il quddiesa oħra, waħda kull xahar u kienet issir f'jum skond il-fażi tal-qamar.

Aktar dettalji dwar il-knejjes l-oħra ta' l-Imqabba nitkellmu dwarhom is-sena d-dieħla.

**Sliema.**
**24 ta' Mejju 1994**

As thin as 1.78 Index Glass

Large Range of the very latest Designer Brands Spectacle Frames and Sunglasses, full range of Contact Lenses including sterilising of all type of Contact Lenses.
In House Tinting and Anti-Reflective Coatings. Special Hard Coating of Plastic Lenses to avoid scratching.
24 Hour Service on most prescription lenses including Photochromatic lenses and High Index Material.

So why not Drop in or Give us a call on:

**SLIEMA ROAD, GŻIRA - Tel: 315730**
**55 NEW STREET, LUQA - Tel: 673238**




# E. CATANIA
# WOOD CARVING

**Għall-aqwa xogħol ta' għamara bħal salotti, sottospekkji u sidetables bl-iskultura**

***MORRU GĦAND***
***MANWEL CATANIA***

**SHOWROOM**
**"Odyssey"**
**Bronja Street**
**Żurrieq**

**WORKSHOP**
**Odssey Garage**
**Alexander Street**
**Żurrieq**

***Ħin tax-xogħol: 7.00 a.m. - 6.00 p.m.***
***Tel: 682137***

# NIKOLAI RIMSKY - KORSAKOV

## IL-KOMPOŻITUR TAS-SENA

*Il-Kummissjoni Banda, bil-koperazzjoni tas-surmast/direttur tagħna Mro. A. Camilleri, L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M., għal darb'oħra għandha l-pjaċir twasslilkom din il-paġna edukattiva, rigward xi kompożitur/i li nkunu qed niċċelebraw xi anniversarju tagħhom. Għaldaqstant, f'egħluq il-150 sena mit-twelid ta' dan il-kbir kompożitur Russu, qed nippublikaw dan l-artiklu informattiv, bħala mezz ta' edukazzjoni mużikali u li tant aħna nemmnu fiha u nwassluha lielkom qarrejja bil-fatti. Fil-waqt li nirringazzjaw mill-ġdid lis-surmast tagħna, nistednukom taqraw din il-paġna fil-kwiet ta' djarkom ħalli nkomplu nkabbru t-tagħrif u l-apprezzament lejn l-arti anġelika tal-mużika.*

***"To orchestrate is to create, and this cannot be taught"***, kiteb Nikolai Rimsky-Korsakov, il-ġenju kbir Russu li warajh ħalla għejjun kbir ta' tagħlim mużikali, speċjalment fejn tidħol l-orkestrazzjoni, jiġifieri t-taħlit u t-tqassim studjat bejn il-ħsejjes prodott mill-istrumenti differenti ta' l-orkestra. Kull min jieħu bis-serjeta' l-istudju tal-mużika, żgur li xi darba jew oħra kellu bżonn ktieb ta' referenza rigward dan is-suġġett hekk diffiċli u vast. Is-sisien ta' l-orkestrazzjoni ġew imqiegħeda permezz tal-kontribut ta' ħafna kompożituri kbar, fosthom Beethoven, Wagner, Berlioz, Strauss, u magħhom, meqjus bħala l-pilastru ta' l-orkestrazzjoni moderna, nsibu propju lil Rimsky-Korsakov.

### IL-MUŻIKA RUSSA

Huwa kien l-iżgħar mill-kwintett famuż Russu tal-**Mighty Five**: Glinka, Rimsky-Korsakov, Balakirev, Mussorgsky u Borodin. Huma miġbura taħt dan il-laqam minħabba li baqgħu marbuta mall-mużika Russa li biha ttimbraw kull xogħol mużikali li kkomponew tul ħajjithom. Beda bħala *ameteur* iżda biż-żmien, immatura u kabbar it-tagħrif fuq kull aspett mużikali, tant li sar professur tal-mużika u stabilixxa ruħu bħala wieħed mill-aqwa għalliema mużikali, direttur u kompożitur li qatt kien hawn fid-dinja. L-imħabba tiegħu lejn dak kollu li kien Russu, miġbura taħt it-terminu Nazzjonaliżmu Russu, laħaq il-qofol tiegħu f'dan il-kompożitur li, għal kuntrarju ta' sħabu (Mussorgsky esperimenta bir-Rejaliżmu, Borodin fittex ħafna l-Orjentaliżmu, etc.) baqa' strettament fidil lejn il-mużika Russa. Hekk insibu li fil-maġġoranza tal-kompożizzjonijiet tiegħu, il-melodija ġejja mill-għanjiet folkloristiċi Russi u l-iskajjel li kien juża kif ukoll l-armonija huma relatati ħafna ma dak li nsibu fil-mużika reliġjuża Russa.

### IT-TFULIJA U Ż-ŻGĦOŻIJA

Nikolai Rimsky-Korsakov twieled f'Tikhvin qrib Novgorod ġewwa r-Russja, nhar it-18 ta' Marzu, 1844, minn familja hekk imsejjħa aristokratika. Bejn l-1856 u l-1862, irċieva l-ewwel edukazzjoni mużikali minn għand għalliema privati, għaliex il-*curriculum* ta' l-iskola navali ta' San Pietruburgu, fejn kien jattendi, ma kienetx tagħti lok għal dan it-tip ta' tagħlim. Iżda ġara li hekk kif iltaqa' għall-ewwel darba ma Balakirev fl-1861, il-ħeġġa li kellu għall-mużika spiċċat f'imħabba kbira lejn din l-arti u li kompliet tikber aktar



NIKOLAI RIMSKY-KORSAKOV

ma beda jieħu l-lezzjonijiet minn għand dan l-istess kompożitur. Bħal sajjetta fil-bnazzi, kellu jtemm zoptu dawn il-laqgħat ma Balakirev meta ntbagħat għal sentejn u nofs sħaħ bejn sema w ilma, fuq vjaġġ madwar id-dinja fuq il-vapur *Almaz*.

Ikompli f'paġna 37

# Your car is probably your second largest investment.

Protect it now with the
**TUFF KOTE DINOL**
full protection programme.

Tuff-Kote Dinol by Dinitrol



◆ **Tuff Kote Dinol Rustproofing & Dinitrol Clear**
*- the unique double treatment incorporating 'Dinitrol Clear' a glossy easy to clean transparent film for cleaner engine bays and door sills.*

◆ **Tuff Kote Dinol Fabric Protector**
*- prevents your upholstery from being permanently stained.*

◆ **Tuff Kote Dinol Paint Sealant**
*- ensures your paintwork remains as good as new for years.*

**F. & A. MAGRI**
**Airport Road, Luqa.**
**Tel: 809376 - 897917**
Tony Spiteri (Pulitu)
St. Leonard Str., Victoria
Gozo. Tel: 551991

*We take good care of your car.*

Tuff-Kote Dinol
PAINT SEALANT
FABRIC PROTECTOR




## SILTA MILL-CAPRICCIO ESPAGNOL

### L-EWWEL KOMPOŻIZZJONIJIET.

Iżda, matul dan iż-żmien irnexxielu jtemm l-ewwel sinfonija tiegħu li ġiet esegwita għall-ewwel darba fl-1865 ġewwa San Pietruburgu, ftit ġimgħat wara l-wasla lura tiegħu. Minn hawn il-quddiem, huwa qatt ma ħares lura u, ispirat minn Balakirev, Cui, Mussorgsky kif ukoll Borodin, inxteħet b'ruħu w ġismu għall-kompożizzjoni. Hekk insibu li bejn l-1865 u l-1868, huwa temm diversi xogħolijiet orkestrali bħattieni sinfonija imsejjħa *Antar*. Fl-1871, huwa ingħata l-kariga ta' professur tal-kompożizzjoni fil-konservatorju ta' San Pietruburgu, u fit-13 ta' Jannar ta' l-1873, iddebutta fix-xena operistika bl-opra ***The Maid of Pskov*** ġewwa t-tejatru Maryinsky ta' San Pietruburgu. Fl-istess sena, huwa spiċċa minn man-*Navy*, għalkemm xorta waħda tawh l-inkarigu biex jieħu ħsieb il-Baned tan-*Navy*, liema kariga żamm sakemm fl-1884 ġiet abolita għal kollox. Mill- 1874 sa l-1881, huwa mexxa l-kunċerti kollha ta' l-hekk imsejjħa ***Free School***; bejn l-1886 u l-1900, kien id-direttur tar-***Russian Symphony Concerts***. Il-bakketta ġabitlu popolarita' saħansitra anki f'Pariġi u Brussels. Sadanittant, fl-1873 iżżewweġ lil pjanista ċelebri Nadezhda Purgold.

### LEJN AKTAR MATURITA' MUŻIKALI

Matul il-perjodu bejn l-1880 u l-1890, Rimsky-Korsakov ikkompona uħud mill-aqwa xogħolijiet fir-repertorju tiegħu, bħal l-opra ***Snegurochka (The Snow Maiden)*** ta' l-1881, il-famuż ***Capriccio Espagnol***, xogħol orkestrali ta' l-1887, kif ukoll il-famużi ***Russian Easter Overture*** u ***Scheherazade***, xogħolijiet ukoll orkestrali ta' l-1888. Dan kollu seħħ fil-waqt li kien għaddej b'ħidma sfieqa, jgħallem fil-Konservatorju studenti tal-kalibru ta' Liadov, Ippolitov-Ivanov, Gretchaninov u Glazunov, fost l-oħrajn, li wara stabilixxew ruħhom bħala ewlenin ambaxxaturi ta' l-iskola mużikali Russa. L-indħil żejjed fl-amministrazzjoni tal-Konservatorju mill-awtoritajiet ċivili permezz tal-pulizija ta' l-istat m'għoġbu xejn tant li kkritika ħafna dan il-fatt u safa mkeċċi fl-1905. Madankollu, lejn l-aħħar ta' l-istess sena, meta saret ir-riorganiżżazzjoni mill-ġdid tal-Konservatorju b'Glazunov bħala direttur, Rimsky-Korsakov reġa' ħa postu jgħallem, liema kariga baqa' jokkupa sakemm radd ruħu lill-Ħallieq. L-aktar opri artistiċi tiegħu insibu li kkomponijhom matul dawn l-aħħar żminijiet, bħal *The Legend of the Invisible City of Kitezh* ta' l-1905, u *The Golden Cockerel* ta' l-1907. Huwa miet f'San Pietruburgu, nhar il-21 ta' Ġunju 1908.

### MIN JGĦALLEM JITGĦALLEM

Kif stqarrejt fl-introduzzjoni tiegħi, għalina l-mużiċisti, għalkemm għadda kważi seklu minn mewtu, xorta għadna nħarsu lejn it-tagħlim li ħalla warajh bħal bibbja. Huwa kompla fuq it-riq li wittewlu l-predeċessuri tiegħu iżda bid-differenza kbira li billi baqa' sa l-aħħar ta' ħajtu f'kuntatt ma l-istudenti, baqa' jesperimenta u jaġġorna l-prinċipji mużikali eżistenti, ħaġa li ħadd qablu ma kellu l-ħila jagħmel b'mod hekk effettiv. Hu għalhekk li l-kontribut mużikali ta' dan il-ġenju qatt ma ntesa' u qatt ma jista jiġi mwarrab fil-ġenb iżda biss aġġornat, għaliex bl-umilta' kollha twettaq fih il-proverbju taljan li jgħid "min jgħallem, jitgħallem!"

**Mro. Anthony Camilleri,**
**L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M.,**
**Mejju '94.**


# FRIZOLL

MANUFACTURERS OF COMMERCIAL REFRIGERATION
BAR COUNTERS & COLD ROOMS
REFRIGERATION EQUIPMENT

**PAOLA HILL**
**PAOLA**

**FOR ESTIMATES & MAINTENANCE PHONE: 806866/824388**







32, MELITA STREET, VALLETTA ☎ 239194

TOWER ROAD, SLIEMA ☎ 332585

# TA' L-EWWEL.......... IŻDA SUĊĊESS!

***"Qisu li tibqgħu tagħmluha" kien il-kumment ġenerali mis-soċji, partitarji u ħafna nies oħra mill-irħula tal-madwar li nhar il-Ħadd, 22 ta' Awissu 1993 ħonqu l-Pjazza tal-Parroċċa, quddiem il-każin tagħna, għall-ewwel Lejla Maltija li qatt ġiet organiżżata fir-raħal tagħna.***

Kienet serata varjata għall-aħħar, bl-emfasi fuq dak kollu li hu Malti, u li għalqet il-Festi kbar lill-Patruna tagħna Santa Marija fuq nota oriġinali. Aħna nemmnu li, jew li tagħmel tagħmlu sew, jew inkella jkun aħjar li ma tagħmel xejn! Għaldaqstant, minn xhur qabel bdejna naħsbu x'se nagħmlu u billi kienet l-ewwel esperjenza tagħna, tlabna l-parir ta' min kien organiżża aktar qabel attivitajiet simili. Sibna l-appoġġ sħiħ tal-Ministeru tal-Kultura, u li ta' dan nerġgħu intennu l-apprezzament sinċier tagħna. Matul il-ġurnata ta' l-hekk imsejħa **Ottava ta' Santa Marija**, il-każin kien hemm attivita' kontinwa: min ilesti l-ikel, min jarma l-palk u mitt ħaġa oħra. Grazzi kbir imur ukoll lis-Sur Brian Buġeja, li mhux biss għoġbu jselfilna l-P.A. System, iżda ta' sehemu mużikalment ukoll billi għamel sessjoni jdoqq fuq is-Synthesizer kull ma n-nies bdiet titolbu. Hawnhekk ta sehemu wkoll is-Sur Leonard Farruġia, li akkumpanjat minn Brian, daqq erba' siltiet il-ġmiel tagħhom, kif jaf jagħmel hu biss. Sa dan it-tant, in-nies inġabret sew u meta fuq il-palk telgħu l-għanneja, waqa' skiet kbir fost il-miġemgħa ħalli ma titlifx anqas kelma waħda biss minn dak li kienu qed jgħannu. Wara nofs siegħa sħiħa ta' għana spirtu pront, interrot minn ħin għall-ieħor miċ-ċapċip ta' dawk kollha preżenti, kien il-ħin li nibdew nieklu xi ħaġa wkoll: u kien hemm x'tiekol, grazzi għal dawk kollha li ppreparaw kull xorta ta' ikel tradizzjonali Malti. Li Joe d-Dulli huwa kummidjant prim kulħadd jaf, u dan kompla kkonfermah bl-isketches u ċ-ċajt tiegħu, flimkien ma martu Veronica, waqt din il-Lejla Mqabbija. Kien imiss wara s-sehem tal-kantanti u żeffiena aħwa Ellul, li komplew żewqu s-serata bit-talent kbir tagħhom. Is-serata ġiet fi tmiemha bis-sehem mill-ġdid ta' l-għannejja, li fost briju u parteċipazzjoni minn dawk kollha preżenti, għannew għanja spirtu pront fuq il-festa li kienet għada kif għaddiet u n-nies li għaliha ħadmu biex irnexxiet kif mixtieq. Lejla Maltija mingħajr ftit nar m'hi xejn, u għaldaqstant, wara sena taħbit, xorta waħda sibna l-għajnuna tal-grupp tan-nar li pprepara xi xogħol li kompla għalaq dil-festa fuq nota brijuża. (Ara r-ritratti f'paġni 40 u 41)

Ma nistgħux ngħidu li din l-ewwel esperjenza tagħna ma kelliex id-difetti wkoll, iżda dan kien il-bidu, u din is-sena fi ħsiebna **niftħu u ngħalqu** l-Festa ta' Santa Marija b'żewġt iljieli Maltin fuq skala ferm akbar. Infatti, ser niċċelebraw il-bidu tal-Kwindiċina, **nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju**, permezz ta' Lejla Maltija b'dawn il-parteċipanti:

**Pawlu Tanti, Los Boleros, Tony Camilleri (l-Għannej) u l-grupp ta' għannejja magħruf bħala ta' Vestru. Tieħu sehem ukoll il-Banda tas-Soċjeta'.**

Din l-attivita' ma setgħetx tittella' mingħajr l-għajnuna ta' l-aħwa Ellul (ta' Katrinu) li ser ikunu l-*isponsors* uffiċjali ta' din is-serata.

**Nhar it-Tnejn, 22 ta' Awissu**, ngħalqu l-Festa bħas-sena li għaddiet, f'atmosfera oħra familjari permezz ta' Lejla Maltija oħra, sponsorjata mis-sur Ġilju Camilleri, u bis-sehem ta':

**L-aħwa Ellul, id-Dulli, Living Water, il-Greenfields u l-grupp ta' għannejja magħruf bħala tal-Budaj.**

Fiż-żewġ okkażjonijiet, jieħu sehem ukoll Brian Buġeja u jkun hemm ħafna ikel tradizzjonali Malti. L-importanti hu li tibbukkjaw kmieni għall-ikel għaliex ser nillimitawh. Prezz Lm1 biss, inkluż soft drink.

Nieħu din l-opportunita' biex filwaqt li nirringrazzjaw l-*isponsors* u *'l helpers* kollha, nistednkom tattendu bi ħġarkom għaż-żewġ okkażjonijiet, hekk kif għamiltu s-sena l-oħra. Jekk il-passat huwa l-mera tal-futur, suċċess akbar għandu jkollna.

**Carmel Ellul u Francis Vella,**
**Koordinaturi.**



IN-NIES ATTENTI JSEGWU L-ATTIVITA' FUQ IL-PALK.



IL-GRUPP TA' L-GĦANNEJJA WAQT L-INTERVENT TIPIKU MALTI TAGĦHOM.



JOE D-DULLI MA' MARTU VERONICA WAQT WIEĦED MILL-ISKETCHES DIVERTENTI TAGĦHOM.



IL-GRUPP TA' KANTANTI U ŻEFFIENA AĦWA ELLUL WAQT L-ESEBIZZJONI TAGĦHOM.

# Garden of Eden
## RECEPTION HALL

Triq il-Barrieri, Zurrieq ZRQ 03, Malta.
Tel: 683425, 680167, 680372.
Fax: 680010

# Olive Gardens
## RECEPTION HALL

'Tal-Mahruq', Triq l-Gharreqin. Mdina RBT 13 Malta.
Tel: 451143, 680167, 680372. Fax: 680010









## Congratulations!

*You're getting married and the most exciting and wonderful day of your life is on the horizon - one day when all your dreams should come true.*

*A sensational dress, a golden wedding band, an abundance of perfumed flowers, fanfares, champagne, celebration and all eyes on you!*

*Make it a day everyone will remember as the most magical and special,*

*we're here to help.*

**These Reception Halls are also available for other functions such as:**

**Engagements, Cocktail Parties, Barbecues, Maltese Nights, High Teas and Special Private occasions**

VIEWING DAYS :
TUESDAYS & FRIDAYS 5.30 TO 8.00PM
GARDEN OF EDEN - 683425
OLIVE GARDENS - 451043

# L-ISKULTUR ALESSANDRO FARRUĠIA U L-ISTATWA TITULARI TA' SANTA MARIJA TAL-IMQABBA

TAGĦRIF MIĠBUR MINN MS. CARMEN LIA, B. ED. (Hons.), B.A.

Fis-seklu dsatax kienu ħafna l-parroċċi li bdew idaħħlu l-istatwi tat-titular tagħhom. L-istatwa titulari ta' Santa Marija ta' l-Imqabba inħadmet bejn l-1835 u l-1836 mill-iskultur Żejtuni Alessandro Farruġia fi żmien il-Kappillan Dun Tumas Aġius Caruana. Din l-istatwa artistika, minquxa fl-injam, hija t-tielet l-eqdem statwa fost l-istatwi ta' l-Assunta tal-għaxar parroċċi li jiċċelebraw il-festa ta' Santa Marija. (1) L-istatwa, li tingħad fost l-aħjar xogħolijiet tal-iskultur Alessandro Farruġia, turi l-Madonna b'ħarsitha solenni merfugħa lejn is-sema, tiela' tittajjar fuq is-sħab, ħierġa minn ġolqabar, b'anġlu ċkejken ma' ġenb riġlejha u erba' rjus ta' l-anġli ħierġa minn ġos-sħab.

## ID-DEVOZZJONI LEJN L-ASSUNTA FIR-RAĦAL TAGĦNA

Ma nafux sewwa sew meta bdiet id-devozzjoni lejn l-Assunta fir-raħal tagħna. Nistgħu ngħidu pero li hija antika ħafna u sa minn qabel ma' saret parroċċa, l-Imqabbin kellhom devozzjoni kbira lejn il-Madonna Mtella' s-Sema. Naraw li fil-Vista Appostolika ta' Monsinjur Pietru Dusina fl-Imqabba, fi Frar ta' l-1575, żewġ kappelli mit-tmienja li żar kienu tal-Assunzjoni ta' Marija Verġni. Meta mbagħad xi żmien wara, l-Isqof Tumas Gargallo b'digriet maħruġ mill-Papa Klement VIII fis-16 ta' Novembru tal-1598 waqqaf il-Parroċċa tal-Imqabba, ġiet magħżula bħala Knisja Parrokkjali dik tal-Assunzjoni ta' Marija Verġni. Insibu wkoll fir-raħal tagħna kwadri antiki ħafna li jirrappreżentaw ġrajjiet mill-ħajja ta' l-Assunta.

## L-EWWEL VARA

Qabel inħadmet l-istatwa titulari li ngawdu llum fir-raħal tagħna, kienet teżisti statwa oħra tal-Madonna Mtella' fis-Sema. Il-Kappillan Dun Tumas Aġius Caruana (2) ħallielna rakkont interessanti dwar l-ewwel statwa ta' l-Assunta fl-Imqabba (3). Jgħidilna li l-istatwa li kienet teżisti qabel l-1835 kienet maħduma fi żmien li kien ilu li għadda u kienet waħda medjokri b'dehra li ma kienet xejn ta' l-għaġeb. Madankollu l-Imqabbin xorta waħda kienu jtuha ġieħ u qima l-aktar għolja billi joħorġuha bil-proċessjoni bosta drabi matul is-sena. Iżda peress li din l-istatwa kellha dehra li ma kienet sabiħa xejn, kien jiġri li ħafna nies mill-inħawi ta' madwar l-Imqabba, fil-ġranet meta kienet toħroġ din ix-xbiha tal-Madonna, kienu jinġabru fir-raħal biex jiddieħku u jżebilħu lin-nies ta' l-Imqabba billi jmaqdru u jxebbħu l-imsemmija Xbiha ma' ħwejjeġ taż-żufjett u ta' stmerrija u b'hekk jgħaddu ż-żmien bl-Imqabbin. Il-parroċċani Mqabbin ħassuhom jaqgħu għaċ-ċajt ma' kulħadd u din il-ħaġa bdiet iddejjaqhom għall-aħħar. Huma għalhekk xtaqu ħafna li jagħmlu statwa oħra tal-Assunta imma billi beżgħu li jkollhom jonfqu ħafna flus, u aktarx billi ma ndaħal ħadd għal din il-biċċa xogħol, kellhom għalhekk ikomplu jġarrbu t-tagħjir.

Kellu jkun bil-ħila u l-ħidmatal-istess Kappillan Dun Tumas Aġius Caruana li saret l-istatwa tal-Assunta li ngawdu llum. Dan il-Kappillan ħajjar lill-Imqabbin biex jagħmlu xbiha oħra ta' l-istatwa ta' l-Assunta. Il-Poplu Mqabbi u s-saċerdoti xtaqu jkabbru l-festa tagħhom u kollha xtaqu jkollhom statwa ġdida. Għalhekk, malajr intlaqgħet il-proposta tal-Kappillan u b'ferħ kbir beda minnufih il-ġbir għas-somma meħtieġa biex tinħadem Xbiha oħra tal-Assunta.

Irridu niftakru li dak iż-żmien il-popolazzjoni tal-Imqabba kienet qiegħda tikber sew. Skond ċensiment meħud fis-sena 1830 in-numru ta' abitanti kien ilaħħaq 842 u kien hawn madwar 168 dar. (4) Għalhekk nistgħu ngħidu li r-raħal kellu numru ġmielu ta' nies jgħixu fih u meta beda l-ġbir għall-istatwa, is-somma meħtieġa malajr intlaħqet u l-poplu kien ġeneruż ħafna wkoll, *"...dopo che fu detta la messa Cantando e essendo giorno di Domenica io Parroco, Don Bernardo Xiberras e Don Giovanni Bonavia abbiamo dato principi alle raccolte, ed appena girammo la prima volta abbiamo raccolto quasi la somma necessaria per la formazione della Benedetta Immagine"*. (5)

L-għażla ta' statwarju waqgħet fuq iż-Żejtuni Mastru Alessandro Farruġia li dak iż-żmien kien qiegħed isir magħruf ħafna. Skond Pietro Paolo Castagna (6) Alessandro Farruġia kien magħruf man-nies bħala Mastru Xandru. L-istess kittieb jgħarrafna li Alessandru Farruġia kien tgħallem is-sengħa ta' l-iskultura mal-Bormliż Mariano Gerada (1766 - 1823) u forsi

( Ikompli f'paġna 45 )




*For people who know best*

din kienet waħda mill-aktar raġunijiet importanti għalfejn l-Imqabbin għażlu lilu biex jaħdem l-istatwa ta' l-Imqabba. Lill-Imqabbin kienet tgħoġobhom ferm l-istatwa ta' l-Assunta ta' Ħal-Għaxaq li kienet inħadmet mill-iskultur Mariano Gerada fl-1808. Peress li fl-1835 Mariano Ġerada kien ilu li miet, allura l-għażla ma setgħetx ma taqax fuq statwarju magħruf ieħor li darba kien alljiev ta' Mariano Ġerada. Li l-istatwa tal-Imqabba kellha tinħadem fuq il-mudell ta' dik ta' Ħal-Għaxaq kienet waħda mill-aktar kondizzjonijiet importanti li saru mill-Imqabbin lill-iskultur Alessandro Farruġia fil-kuntratt għall-kummissjoni tal-istatwa ta' Santa Marija.

## TAGHRIF BIJOGRAFIKU

Alessandro Farruġia kien iben Giuseppe u Domenica nee` Abela. Twieled fit-2 ta' Frar 1791 fiż-Żejtun fil-post li dak iż-żmien kien magħruf bħala *Casal Pasqualino.* (7) Fil-magħmudija ingħata ismijiet li ma kenux daqstant komuni u popolari dak iż-żmien :- *Alexander, Annuntiatus, Julianus u Candelorus.* Il-parrini fil-magħmudija kienu Lorenzo Fenech minn Bormla u Caterina mart Giuseppe Fenech miż-Żejtun.

Meta kellu 23 sena, sewwa sew fit-8 ta' Novembru 1814, Alessandro Farruġia iżżewweġ lil Marianna Camilleri li kienet l-armla ta' Giuseppe Żahra. (8) Minn dan iż-żwieġ kellu minn ta' l-anqas tlitt itfal - il-kbir, Michele, twieled fl-24 ta' Settembru 1815; Columba Rosa twieldet fis-17 ta' Jannar 1817 u Giovanni li twieled fl-20 ta' Ottubru 1819. Mir-Reġistru tal-Magħmudija taż-Żejtun insibu li dawn it-tfal kollha twieldu f'*Casal Fisbut* (9), inħawi li llum jifforma parti miż-Żejtun. Jista' jkun li Alessandro Farruġia għex f'Casal Bisbut għax l-ulied li nafu bihom kollha twieldu



L-ISKULTUR GIOVANNI FARRUĠIA
IBEN ALESSANDRO (Ħajr: Tessie Depasquale)

1871 fl-eta' ta' 80 sena. L-indirizz tiegħu fid-data tal-mewt kien numru 28, Strada Buonconsiglio, Żejtun. (10) Ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun. (11)

Is-sengħa tal-missier ħafna drabi kienet tintiret mill-ulied u hekk ġara fil-każ ta' iben Alessandro Farruġia, Ġiovanni, li wiret it-talent artistiku ta' missieru u sar skultur ukoll. Bħal missieru baqa' magħruf sal-lum. Skond l-istoriku Pietro Paolo Castagna (12) Giovanni kien magħruf bħala Mastru Ġian. Giovanni iżżewweġ lil Marija Carmela Żammit u fl-14 ta' Novembru 1859 twilditilhom tifla li semmewha Katerina. (13) Fil-magħmudija tagħha wieħed mill-parrini kien Alessandro Farruġia, l-iskultur.

## SKULTUR PROLIFIKU U VERSATILI

Alessandro Farruġia kien magħruf ħafna fis-seklu dsatax. Kien skultur prolifiku u versatili u matul ħajtu insibu li għamel bosta xogħolijiet skulturali mill-injam, mill-ġebla Maltija u mill-kartapesta. Ħadem bosta



STATWA ŻGĦIRA U ARTISTIKA
TAS-SALVATUR MINQUXA FL-INJAM XOGĦOL
ALESSANDRO FARRUĠIA
(Ħajr: Tessie Depasquale)

statwi u vari, figuri ta' l-Appostli u gandlieri għall-artali. Ix-xogħolijiet tiegħu llum jinsabu mxerrdin fl-ibliet u l-irħula ta' Malta u Għawdex kif ukoll fit-Tuneżija u l-Eġittu. (14)
Insibu tlitt vari titulari li huma xogħol l-iskultur Alessandro Farruġia, jiġifieri l-Lunzjata ta' Ħal-Tarxien (1829), Santa Marija tal-Imqabba (1835 - 1836) u

( Ikompli f'paġna 47 )



RITRATT STORIKU TA' L-ISTATWA TA' SANTA MARIJA
BIL-PEDESTALL L-ANTIK (Ħajr: Innocent Farruġia)



Disinji li jingħad li saru minn Alessandro Farruġia u ibnu Giovanni. ( Ħajr: Tessie Depasquale )

San Pawl ta' Ħal-Safi (1844). Dawn il-vari ilkoll ġew minquxa mill-injam. Alessandro Farruġia ipprattika s-sengħa tan-naqqax u għalhekk jista' jissejjaħ fil-veru sens tal-kelma "carver", iżda kien ukoll mudellatur u ħadem bosta statwi fil-kartapesta. (15)

Dan l-iskultur ħadem ukoll vari tal-Ġimgħa l-Kbira bħall-vara ta' Kristu marbut mal-kolonna għall-purċissjoni taż-Żejtun (1839) (16), il-vara ta' l-Eċċe Homo għan-Naxxar (1838), il-figura ta' Kristu mejjet għall-monument għall-purċissjoni ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex (1844).

Barra minn dawn ix-xogħolijiet, fost ħafna oħrajn insibu l-istatwa tad-Duluri għall-Gudja (1855), żewġ statwi tal-Kunċizzjoni, waħda għall-Birgu (1838) u oħra għall-Knisja ta' Ġiesu, il-Belt, Valletta (1844). Għamel statwa ta' San Mikiel (1838) li llum tinsab fil-Knisja ta' San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex u tal-Madonna tal-Katina (1844) għall-Isla u statwa oħra tar-Rużarju għax-Xagħra, Għawdex fl-1849.

Alessandro Farruġia ħadem ukoll statwi tal-ġebel li għadhom jsebbħu l-ambjent ta' ħafna postijiet f'Malta. Mal-faċċata tal-Knisja taż-Żejtun hemm żewġ statwi li jirrappreżentaw il-Fidi u l-Isperanza. (17) Insibu wkoll li għamel ħafna statwi għan-niċeċ, fost l-oħrajn l-istawa ta' San Ġużepp (1857) li tinsab fil-pjazza tal-Gudja u oħra tal-Madonna tal-Konsolazzjoni (1839) li tinsab fil-Gudja wkoll.

**IL-FTEHIM TA' L-1835 MAL-IMQABBIN**

Fit-30 ta' Ottubru 1835 sar kuntratt għall-kummissjoni tal-istatwa ta' Santa Marija li kien ippubblikat min-Nutar Menville Massimiliano Troisi. F'dan il-kuntratt li sar fiż-Żejtun, l-iskultur Alessandro Farruġia intrabat li fi ftit xhur, jiġifieri sal-aħħar ta' Lulju tal-1836 jew l-iżjed sal-bidu ta' Awissu ta' l-istess sena, jaħdem għall-Parroċċa tal-Imqabba, statwa tal-Assunta flimkien ma' qabar ta' l-injam (18) għas-somma totali ta' 250 skud, barra mill-injam tal-punent li minnu kellha tinħadem li sewa 51 skud u inxtara mit-Tarzna tal-Gvern. B'kollox l-istatwa kellha tiġi tiswa 301 skud. Dan il-kuntratt jitkellem dwar il-ħlasijiet li kienu diġa' saru u li kellhom isiru lill-iskultur sakemm ilesti l-istatwa, jiġifieri 52 skud tħallsu mal-ftehim u r-rimanenti 198 kellhom jitħallsu meta tkun lesta l-istatwa.

Il-ftehim li kien bit-Taljan (19) tradott fil-Malti kien jgħid hekk:-

"Illum 30 t'Ottubru elf tmien mija ħamsa u tletin (1835).

Personalment kostitwiti fil-preżenza tagħna, Nutar u Xhieda hawn taħt iffirmati, l-Imgħallem Skultur Alessandro Farruġia, bin Giuseppe, minn dan ir-raħal taż-Żejtun, minni Nutar magħruf, minn rajh iwiegħed u fil-fatt ġia wiegħed u solennement jobbliga ruħu lejn il-Wisq Reverendu Dun Tumas Aġius, Kappillan fir-raħal ta' l-Imqabba, u lejn ukoll ir-Reverendi Sinjuri Prokuraturi għal dan il-għan, u minni Nutar magħrufin, hawn presenti u aċċettanti, illi l-istess Farruġia jintrabat li jiskolpixxi għall-użu tal-Knisja Parrokkjali ta' dan ir-raħal tal-Imqabba Xbiha jew Immaġini mill-injam li tirrappreżenta l-Imbierka Verġni Mtella' s-Sema, li tkun tixbaħ u uniformi ma' dik l-istatwa li diġa' teżisti fil-Knisja Parrokkjali tar-raħal ta' Ħal-Għaxaq, bil-pedestall magħha, u erba' puttini, tnejn quddiem, u tnejn wara, u anġlu mal-ġenb, indurata u miżbugħa u fornita b'dak kollu li hemm bżonn biex tiġi esposta, u maħruġa fil-purċissjoni, bil-mod u manjiera kif tinstab l-istatwa ta' Ħal-Għaxaq u bla ebda nuqqas ta' xejn.

Bi ħlas ta' din l-obbligazzjoni, l-imsemmija Sinjuri il-Kappillan, u l-Prokuraturi, minn jeddhom joffru li jħallsu lill-istess Alessandro Farruġia li jaċċetta s-somma ta' 301 skud, tnax il-tari' kull skud, u quddiemhom l-istess Farruġia minn rajh jgħid u jistqarr li rċieva u ġiet lilu mogħtija mill-istess Sinjuri l-Kappillan u Prokuraturi biċċa injama jekk zokk veru tal-punent u adattat għalbiex minnu tiġi minquxa din ix-Xbiha u dan l-injam għandu valur ta' 51 skud u xejn iżjed.



**Parti mill-kuntratt li sar quddiem in-nutar Menville Massimiliano Troisi fit-30 ta' Ottubru 1835 li bih l-iskultur Żejtuni Alessandro Farruġia intrabat li jaħdem l-istatwa titulari ta' l-Assunta għall-Parroċċa ta' l-Imqabba.**

( Ikompli f'paġna 49 )

# FGP for all your requirements in FIBREGLASS & SHEET METAL WORK

*We manufacture and install*

- **Galvanized doors and shutters for garages and shops**
  • Round-the-corner garage doors • Up-and-over garage doors • Garage doors on hinges • Roller shutters for shops • Collapsible shutters for shops
- **Fibreglass water tanks which cannot corrode, are easy to install and are elegant in outlook**
- **Fibreglass boats**

We also manufacture office furniture, air-conditioning ducting, steel closed lockers, canopies, partitions and skylights.

## FGP Limited

49 Valletta Road Luqa Tel 233165/6

● Specialists in fibreglass, sheet metal jobbing and light engineering






# FOR ALL YOUR PHOTOGRAPHIC NEEDS

ARIANE PHOTOGRAPHIC

developing and printing - instant passport photos - studio photos
Bookings for all occasions
Films - batteries - cameras - binoculars - flashes - radios -
audio and video cassettes - calculators - albums - frames - soft toys
Invitations and Souvenirs for all occasions

***Triq Karmenu Ċiantar - Mqabba - Tel: 689785***

L-istess Farruġia irċieva wkoll mingħand l-istess Sinjuri Kappillan u Prokuraturi hawn presenti u aċċettanti s-somma ta' 52 skud f'munita tal-fidda u għall-istess għan.

Il-bqija tas-somma 198 skud titħallas per saldu tal-prezz intier ta' 301 skud mill-imsemmija sinjuri Kappillan u Prokuraturi li minn rajhom iwiegħdu u jobbligaw ruħhom li jħallsu lill-istess Alessandro Farruġia, hawn presenti u aċċettanti, f'munita korrenti f'dan ir-raħal taż-Żejtun, in kwantu għan-nofs is-somma matul ix-xogħol li huwa jagħmel fuq din l-istatwa u in kwantu għan-nofs l-ieħor malli l-istess Farruġia ikun temm ix-xogħol tiegħu bil-perfezzjoni kollha fuq din l-opra u wara illi din tiġi approvata minn esperti li jiddikjaraw li ma fiha l-ebda difett fl-ebda parti u dan mhux qabel.

U dan kollu bil-patt u kundizzjoni, l-ewwelnett illi din l-opra għandha tkun żgur lesta bil-perfezzjoni kollha tagħha sa l-aħħar tax-xahar ta' Lulju jew l-iżjed sal-bidu ta' Awissu tas-sena d-dieħla, jiġifieri l-1836 u mhux mod ieħor.

It-tieni illi wara t-tmiem ta' din l-opra, u wara li din tiġi eżaminata mill-ġdid minn esperti oħrajn, jinstab li jkun fiha xi difett illi jista' jiġi irranġat, allura f'dak il-każ l-istess Farruġia jkun obbligat li malajr kemm jista' jkun jirranġa d-difett, spejjeż tiegħu, u jekk dan id-difett ma jkunx jista' jissewwa allura f'dan il-kas hu l-istess Farruġia irid jerġa' jibda mill-ġdid jagħmel l-istess opra spejjeż tiegħu u xejn iżjed.

Magħmul, f'Malta, fir-raħal taż-Żejtun, fil-preżenza tas-Sinjuri Anġelo Caruana, iben is-sinjur Michele minn Ħal-Tarxien u Giuseppe Xuereb iben il-mejjet Antonio miż-Żejtun, Xhieda.

Iffirmati:- Tumas Aġius, Kappillan - Saċerdot Giovanni Bonavia, Prokuratur - Saċerdot Bernardo Xiberras, Prokuratur - Alessandro Farruġia, skultur - Anġelo Caruana, Xhud - Giuseppe Xuereb, Xhud ieħor."

Meta qorob l-14 ta' Awwissu 1836, id-data miftiehma meta l-Imqabbin kellhom iġibu l-istatwa mqaddsa miż-Żejtun għall-Imqabba, bdew isiru preparazzjonijiet kbar. Il-laqgħa tan-nies mal-istatwa kellha ssir fil-bidu tar-raħal bl-akbar pompa mingħajr ma kellhom jitqiesu la n-nefqa u lanqas it-taħbit. Għalhekk twaqqfu tliet arkati trijonfali jiġifieri, waħda fid-daħla tar-raħal, oħra fid-daħla tal-pjazza parrokkjali u l-oħra fuq iz-zuntier tal-Knisja. Il-Knisja ġiet imżejna bid-damask. Kien mistieden il-kleru kollu tar-raħal tas-Siġġiewi. Kien imħejji logħob tan-nar, xogħol ta' Indri Farruġia miż-Żurrieq. L-illuminazzjoni kienet mhux biss fil-Knisja imma mar-raħal kollu, ħaġa li ma kenitx komuni dak iż-żmien. It-triqat kollha ntlew bil-weraq u l-fjuri, *"Giunta alla fine l'ora felice che fu' il 14 del mese agosto 1836, essendo giorno di Domenica. Al 'un ora p.m. partimmo accompagnati colla maggior parte degli abitanti con tutto il brio possibile".* (20) Meta l-Kleru u l-biċċa l-kbira tan-nies Imqabbin waslu fir-raħal taż-Żejtun sar kuntratt ieħor bit-Taljan ippubblikat fl-atti tan-Nutar Menville Massimiliano Troisi. (21) F'dan il-kuntratt l-iskultur Alessandro Farruġia stqarr li kien sodisfatt b'dak li ngħata.

Tradott bil-Malti kien jgħid hekk:-
"L-Erbatax ta' Awissu elf tmien mija sitta u tletin (1836).

L-Imgħallem Skultur Alessandro Farruġia bin Giuseppe, minn dan ir-raħal taż-Żejtun, minni Nutar magħruf, hawn presenti minn rajh igħid u jistqarr li huwa rċieva mingħand il-Wisq Reverendu Dun Tumas Aġius Kappillan tal-Imqabba u mingħand ir-Reverendi Sinjuri Dun Bernardo Xiberras u Dun Giovanni Bonavia, Prokuraturi tal-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba, presenti u hawn aċċettanti, mis-somma ta' mija u tmienja u disgħin skud, tnax-il tari' kull skud, in kwantu għal mija u tmienja u erbgħin skud kienu diġa' ingħataw lill-imsemmi Farruġia f'diversi dati qabel dan l-att, u r-restanti ħamsin skud qiegħdin jingħataw preżenzjalment quddiemi f'munita tal-fidda.

Għidna 198 skudi per saldu tas-somma ta' 301 skudi, liema somma kienet offruta mill-Kappillan u l-Prokuraturi lill-imsemmi Mastru Skultur Alessandro Farruġia għall-ħidma tiegħu biex issir statwa tal-injam li tirrapreżenta l-Imbierka Verġni Mtella' s-Sema maħduma fl-injam mill-istess Farruġia għall-użu tal-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba u dana a tenur tal-kuntratt ta' obbligazzjoni li ġie ippubblikat minni fit-30 ta' Ottubru tas-sena 1835 u xejn iżjed.

U qiegħed jingħad 198 skud per saldu tas-somma ta' 301 skud; il-103 skud ingħataw qabel in kwantu għall-51 skud li kien il-valur ta' l-injam ossia zokk tal-injam tal-punent li ġie ikkonsenjat mill-imsemmija Kappillan u l-Prokuraturi lill-imsemmi Farruġia, u in kwantu għall-bqija ta' 52 skud l-istess Farruġia jiddikjara li rċieva f'okkażjonijiet diversi mill-imsemmi kuntratt ta' obbligazzjoni u xejn iżjed.

Il-Kappillan u l-Prokuraturi jiddikjaraw li l-imsemmija Statwa ġiet magħmula għas-sodisfazzjon tagħhom u taqbel mal-kundizjonijiet li huma għamlu fl-imsemmi kuntratt ta' obbligazzjoni u xejn iżjed.

**( Ikompli f'paġna 51 )**

# Aida Hall

*Triq Ġużeppi Mattew Callus - Żurrieq,*
For Receptions, Parties and all occasions
Tel: 683112



Mobilia Penza Ltd.

**The Specialists in Antique Furniture.**

***Manufacturers & Exporters of Antique & Reproduction Furniture.***





**Factory & Showroom:**
204A, Industrial Estate, Luqa, Malta.
**Telephone: 222094**

Magħmul f'Malta, fiż-Żejtun, fil-presenza ta' Salvatore Spiteri bin il-mejjet Alessandru miż-Żejtun u Paolo Tanti bin il-mejjet Michele mill-Belt, Xhieda.

Iffirmati:- Alessandru Farruġia, skultur - Il-Kappillan Tomaso Aġius - Is-Saċerdot Bernardo Xiberras u s-Saċerdot Giovanni Bonavia. Salvatore Spiteri, Xhud u Paolo Tanti, Xhud."

Imbagħad l-Imqabbin telqu ferħanin bl-istatwa. Għaddew minn Ħal-Għaxaq u l-Gudja fejn fiż-żewġ irħula intlaqgħu bid-daqq tal-qniepen u bl-isparar tal-murtaletti. Waslu l-Imqabba meta kien qed jidlam. Malli l-istatwa tal-Assunta daħlet fil-Knisja, tqiegħdet fil-post maħsub għaliha, sar il-kant alternat bil-mużika waqt li s-suldati li kienu ordnati biex jiġu għall-festa, tħallew fuq il-presbiterju. Wara li ġiet mogħtija l-Barka inbeda l-logħob tan-nar billi l-lejl kien daħal sew...

U sal-lum għadna ngawdu l-istess Statwa tal-Assunta, statwa artistika u sabiħa, xogħol l-iskultur Alessandro Farruġia.

**REFERENZI:-**

1. L-eqdem statwa tal-Assunta hija l-istatwa tal-Gudja li inħadmet fl-1807 minn Vincenzo Dimech; it-tieni l-eqdem hija ta' Ħal-Għaxaq.
2. Il-Kappillan Dun Tumas Aġius Caruana kien Duttur fit-Teoloġija u kemm dam l-Imqabba ġabar ħafna tagħrif interessanti dwar ir-raħal. Huwa kien ġie elett Kappillan tal-Imqabba minn Monsinjur Caruana fit-3 ta' Novembru 1833 u rriżenja fis-7 ta' Settembru 1849. Wara li ħalla l-Imqabba, f'Mejju tal-1853 ġie nominat bħala teżorier koadjatur tat-teżorier Ellul fil-Kolleġjata ta' Bormla. Huwa miet fis-27 ta' Jannar 1879. Skond Achille Ferres fil-ktieb tiegħu "Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo" (1886) dan il-Kappillan kien baqa' magħruf bħala ħabrieki u ġeneruż għax fi żmienu żdiedu ħafna l-paramenti sagri fil-Knisja. Kien ukoll ġeneruż u galantom mal-fqar tar-raħal.
3. Arkivju Parrokkjali Imqabba, "Ad Futuram Memoriam".
4. Castagna, Pietro Paolo, "Lis Storia ta Malta Bil Gżejer taħħa", Vol. 111, 1890, pp. 39 - 40.
5. Arkivju Parrokkjali Imqabba, "Ad Futuram Memoriam".
6. Castagna, P.P., op. cit., p. 205.
7. Arkivju Parrokkjali Żejtun, Liber Bapt. X, 1787 - 1797, p. 100.
8. Arkivju Parrokkjali Żejtun, Liber Matr. IX, 1806 - 1822, p. 158.
9. Arkivju Parrokkjali Żejtun, Liber Bapt., 1808 - 1818, p. 215 u p. 253 u Liber Bapt., XII 1818 - 1822, p. 27.
10. Public Registry Valletta, Att tal-Mewt No. 3894 tal-1871.
11. Ibid.
12. Castagna, P.P., op. cit., p. 205.
13. Arkivju Parrokkjali Żejtun, Liber Bapt. XIX, p. 63.
14. Muscat-Azzopardi, Ivo, Malta, DOI, "Il-Fanal", Numru 6. L-istess kittieb jgħarrafna li Alessandro Farruġia għamel statwa ta' San Nikola għal Tunes, San Franġisk, Eċċe Homo u Duluri għal-Ġirba, Eċċe Homo u Duluri għal Sfax, ilkoll fit-Tuneżija. Isemmi wkoll statwa ta' San Franġisk li saret għal Lixandra, Eġittu.
15. Montanaro, Eugene F., "Alessandro Farruġia l-Iskultur tal-Vara tal-Lunzjata ta' Ħal-Tarxien", Ħarġa Speċjali tal-Festa, Mejju, 1992, pp. 5-7.
16. Jingħad li Alessandro Farruġia għamel din l-istatwa fuq l-istatura ta' ibnu Giovanni.
17. Castagna, P.P., op. cit, p. 205 jagħti d-data ta' dawn l-istatwi bħala l-1882. Pero' l-iskultur miet fl-1871 u għalhekk jew id-data hija ħażina jew huma xogħol ibnu Giovanni.
18. Il-qabar antik ta' l-injam tneħħa u l-istatwa ġiet impoġġiha fuq pedestall tal-fidda fl-1928. Il-qabar l-antik jinsab fil-Każin tal-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba. (ara r-ritratt)
19. Nutar Menville Massimiliano Troisi, 30 t'Ottubru, 1835, Arkivju tan-Nutara, 460/54, pp. 726-729.
20. Arkivju Parrokkjali Mqabba, "Ad Futuram Memoriam".
21. Nutar Menville Massimiliano Troisi, 14 ta' Awissu, 1836, Arkivju tan-Nutara, 460/55, pp. 481-484.



Il-qabar l-antik li jinsab il-Każin tagħna.

# KATIE'S BEST BUY

90, ST. BASIL STREET, MQABBA.

(Wara l-Knisja)

"IL-FESTA T-TAJBA"
to all our Customers from
RICK and KATIE

# *Carabott Jewellers*

*Dun Ġużepp Żammit Street,*
*Zurrieq*

*Telephone: 680760*
*Business Hours:*
*Monday to Friday 9.00 a.m. - 12.00 p.m.*
*4.00 p.m. - 7.00 p.m.*
*Wednesdays & Saturdays Half Days*

# ALESSIO STATIONERY

CARDS - HABERDASHERY - CASSETTES
FILMS - VIDEOS - INDOOR PLANTS - SOUVENIRS
AND ALL YOU NEED FOR ANY OCCASION

## ★STARLIGHT★ DISCO

Weddings - Engagements - Parties etc.
117, PARISH STREET, MQABBA.
TEL: 683292



*Dehra ġenerali tal-Knisja parrokkjali ta' L-Imqabba mżejna għall-festa Titulari ta' Santa Marija.*

PROG
FESTA SA
MQABI

## FUNZJONIJIET FIL-KNISJA

**Is-Sibt, 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina**
**6.30 p.m.** Quddiesa Kantata Solenni, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tlieta, 9 ta' Awissu - Ħruġ tal-Istatwa**
**7.30 p.m.** Wara ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa u l-Kwindiċina, isir il-ħruġ solenni ta' l-Istatwa ta' Santa Marija. Jitkanta l-Innu *Ave Maris Stella* u l-Antifona.

**L-Erbgħa, 10 ta' Awissu - Tifkira tas-Soċji u Benefatturi mejtin**
**6.30 p.m.** Quddiesa mill-W.R. Joe Bartolo, Kappillan tal-Parroċċa, b'sufraġju għall-erwieħ ta' ħutna s-soċji u Benefatturi mejtin.

**Il-Ħamis, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Tridu**
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata solenni mill-W.R. Arċipriet Carmel Attard, bl-omelija "Marija Mtella' s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem".
**7.15 p.m.** Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ġimgħa, 12 ta' Awissu - It-Tieni Tridu**
**7.00 a.m.** Quddiesa kantata solenni.
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata solenni mill-W.R. Mons. Salv Fenech, bl-omelija "Marija Sultana tas-Sema u tal-Art".
**7.15 p.m.** Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Is-Sibt, 13 ta' Awissu - It-Tielet Tridu**
**7.00 a.m.** Quddiesa kantata solenni
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata solenni u speċjali għall-Morda u l-Anzjani tal-Parroċċa mill-W.R. Mons. Lawrenz Mifsud, bl-omelija "Marija Saħħa tal-Morda". Fl-istess quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dlik tal-Morda.
**7.45 p.m.** Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħadd, 14 ta' Awissu - Lejlet il-Festa.**
**8.15 a.m.** Quddiesa kantata solenni mill-W.R. Kappillan tal-Parroċċa Dun Joe Bartolo. Wara jitkanta t-Te Deum, l-Innu u l-Antifona.
**6.30 p.m.** Transulazzjoni solenni tar-Relikwija, immexxija mill-W.R. Mons. Joseph Dalmas. Wara tiġi ċċelebrata quddiesa solenni mill-W.R. Patri Joseph Ghigo S.J., Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tnejn, 15 ta' Awissu - Jum il-Festa**
**6.00 a.m.** Quddiesa Letta.
**7.00 a.m.** Quddiesa Letta.
**8.00 a.m.** Kant solenni tal-Lawdi.
**9.00 a.m.** Quddiesa solenni konċelebrata bil-Paniġierku mill-W.R. Mons. Joseph Dalmas.
**10.30 a.m.** Quddiesa Letta.
**11.30 a.m.** Quddiesa Letta.
**12.30 p.m.** Quddiesa Letta.
**6.00 p.m.** Sekondi Vespri mill-W.R. Mons. Joseph Dalmas, Salve u Litanija.
**7.15 p.m.** Proċessjoni bl-Istatwa Artistika u Devota tal-Patruna tal-Parroċċa, immexxija mill-istess Monsinjur.
**10.15 p.m.** Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**N.B. (1)** Il-Ħadd, lejlet il-Festa, fil-għodu u fil-għaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar. Inħeġġu lill-imqabbin kollha biex jersqu lejn il-Qrar u t-Tqarbin fil-jiem tal-Festa.

**(2)** Il-Mużika tat-Tlett Tridijiet, Lejlet u Nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-surmast il-W.R. Patri Salv Galea, O.P.

**It-Tnejn, 22 ta' Awissu - Ottava tal-Festa**
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata solenni, reposizzjoni tar-Relikwija, Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

MM
MARIJA
1994

# FESTI ESTERNI

**Is-Sibt, 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina**
**7.30 p.m.** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Wara tibda l-Lejla Maltija, fuq il-palk quddiem il-każin, bis-sehem tal-Banda tas-Soċjeta'.

**Fil-ġranet tal-Kwindiċina**
**8.00 p.m.** Mixgħela tal-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**It-Tlieta, 9 ta' Awissu - Ħruġ ta' l-Istatwa**
**7.30 p.m.** Toħroġ l-Istatwa Artistika u Devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' l-*Ave Maria*. Wara, l-istess Banda taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Camilleri, L. Mus. V.C.M., A. Mus. LS.M. tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'sett ta' marċi ġodda.

**L-Erbgħa, 10 ta' Awissu - Jum il-Banda**
**8.00 p.m.** Marċ trijonfali mill-Banda tas-Soċjeta' Santa Marija tul Triq il-Parroċċa sal-Pjazza quddiem il-Każin.
**9.00 p.m.** Taħt id-direzzjoni ta' Mro. A. Camilleri, L. Mus. V.C.M., A. Mus.L.S.M., il-Banda Re Ġorġ V tesegwixxi l-Programm Strumentali annwali tagħha. Kulħadd huwa mistieden.
**10.00 p.m.** Wara jsir ir-riċeviment annwali fil-Swali tal-Każin, u li għalih huma mistiedna **s-Soċji, Partitarji u Benefatturi Nisa u Rġiel kollha.**

**Il-Ħamis, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Tridu**
**8.15p.m.** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal-Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro. A. Farruġia, L. Mus. L.C.M., tagħmel marċ brijuż mat-toroq tar-raħal u li jibda minn quddiem il-Każin.

**Il-Ġimgħa, 12 ta' Awissu - It-Tieni Tridu**
**8.15 p.m.** Imiss lill-Banda 12th. May ta' Ħaż-Żebbuġ sabiex tferraħ it-toroq tar-raħal b'sett marċi brijużi. Il-Banda tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. C. Cachia, u l-marċ jibda minn quddiem il-Każin.

**Is-Sibt, 13 ta' Awissu - It-Tielet Tridu**
**8.15 p.m.** Minn quddiem il-Każin ukoll, jibda l-marċ tradizzjonali ta' l-aħħar Tridu, li l-Banda Re Ġorġ V ila tgħamel sa mit-twaqqif tagħha, fost il-briju kbir tas-Soċji u Partitarji.

**Il-Ħadd, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa.**
**8.00 p.m.** Programm Strumentali mill-Filarmonika Konti Ruġġieru tar-Rabat, taħt id-direzzjoni ta' Mro. J. Vella, B. Mus., F.L.C.M. Wara l-istess banda tagħmel marċ mat-toroq tar-raħal.
**8.30 p.m.** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt id-direzzjoni ta' Mro. A. Farruġia, L. Mus., L.C.M., tibda marċ minn Triq il-Pal.
**10.00 p.m.** Hekk kif iż-żewġ baned mistiedna jaslu fil-Pjazza, jkomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każin tas-Soċjeta'.
**10.30 p.m.** Programm Strumentali mill-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farruġia, L. Mus. L.C.M.

**It-Tnejn, 15 ta' Awissu - L-Għid ta' l-Assunta**
**10.15 a.m.** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Camilleri, L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M., tibda l-marċ ferm popolari ta' fil-għodu minn quddiem il-każin.
**6.00 p.m.** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farruġia, L. Mus. L.C.M., tibda marċ minn Triq Valletta.
**7.15 p.m.** Il-Banda Aniċi ta' Ħal-Qormi, taħt id-direzzjoni ta' Mro. F. Galea, F.L.C.M., tilqa' l-Istatwa fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-*Ave Maria*. Wara takkumpanjaha mad-dawra tal-purċissjoni.
**8.45 p.m.** X'ħin l-istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt id-direzzjoni ta' Mro. A. Farruġia, L. Mus. L.C.M. tesegwixxi l-kbir **Innu lil Marija Mtella' s-Sema,** kompożizzjoni ta' Mro. G. Martin A. Mus. L.C.M., O.S.T.J., fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo, S.J. Jieħdu sehem it-tenur Brian Ċefai, il-Baritonu Joe Huber, L.R.S.M., kif ukoll il-kor tan-Nisa u Xebbiet-tas-Soċjeta'. Wara l-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha.
**10.15 p.m.** Il-Banda Aniċi ta' Ħal-Qormi tagħlaq dan l-għażiż Jum għalina b'marċ li jibda minn Triq il-Parroċċa.

**It-Tnejn, 22 ta' Awissu - Ottava tal-Festa**
**7.30 p.m.** Mixgħela tal-faċċata tal-knisja u tal-Każin tas-Soċjeta'.
**8.00 p.m.** Nagħlqu l-Festi ta' din is-sena bl-Lejla Maltija oħra, bis-sehem ta' ħafna talent Malti.

BANDA RE ĠORĠ V


FAVOURITE
TEACHER'S
HIGHLAND CREAM
Perfection of Old
SCOTCH WHISKY

# SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ SANTA MARIJA

## IL-ĦOLQA ĠDIDA FIL-KATINA TAS-SOĊJETA'

***L-GĦAN EWLIENI TAS-SOĊJETA' TAGĦNA MINN DEJJEM KIEN LI SSIR FESTA KBIRA F'NOFS AWISSU GĦAD UNUR IL-PATRUNA TAGĦNA L-IMQABBIN. PERO' IS-SOĊJETA' HIJA ATTIVA TUL IS-SENA KOLLHA.***

Għandna l-fergħa tan-Nisa li matul is-sena jorganiżżaw attivitajiet soċjali u jagħtu kontribut kbir f'kull għajnuna li jkun hemm bżonn bħal ngħidu aħna ħjata fl-armar jew għajnuna fil-każin. Għandna l-grupp tal-armar li matul is-sena ma jieqaf xejn fil-ħidma tiegħu biex ikompli jżid fl-armar u fuq kollox li jżomm l-armar imprezzabbli, li s-Soċjeta' tagħna tip-posjedi, f'kundizzjoni mpekkabbli. Għandna grupp ieħor iffurmat mill-bandisti tal-post li mmexxija mis-Surmast ferm bravu tagħna, l-Imqabbi Anthony Camilleri, mgħejjun mill-ħabrieka Leonard Farruġia u Raymond Camilleri jagħmlu għal sena sħiħa, ġimgħa wara ġimgħa, jippreparaw għal esekuzzjoni eċċellenti tal-mużika li tindaqq matul il-festa u waqt il-programm li l-banda twettaq barra mir-raħal. Għandna l-għaqda tan-nar li minn kif tgħaddi festa jerġgħu jibdew jaħsbu għal sena oħra ta' ħidma biex matul il-festa joffru spettaklu ta' Nar li jkun ta' kwalita' li diffiċli wieħed jara madwar il-gżejjer tagħna. Dawn il-gruppi flimkien mal-kumitat eżekuttiv tas-Soċjeta' Santa Marija jiffur-maw katina li tul is-sena żżomm il-magna tas-Soċjeta' dejjem taħdem. Il-Ħolqa li kabbret din il-katina hi dik tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. Nagħmluha ċara, dan ma jfissirx li ż-żgħażagħ qatt ma kienu attivi fis-Soċjeta'; anzi bil-kuntrarju. Il-bandisti tal-lokal huma l-maġġoranza żgħażagħ. Il-grupp tal-Armar hu kom-post tista' tgħid minn żgħażagħ. Il-grupp tan-nar minn dejjem kien mgħejjun ferm minn żgħażagħ li jif-frekwentaw il-każin tas-soċjeta' fejn jidħol xogħol ta' kartun (tqattiegħ u brim). Nagħtu ħarsa lejn kif twieldet is-Sezzjoni Żgħażagħ u l-attivita' mwettqa minn kemm ilha mwaqqfa.

## IŻ-ŻGĦAŻAGĦ TA' CHERNOBYL.....

Nistgħu ngħidu li s-Sezzjoni rat l-ewwel dawl ftit wara l-festa tas-sena l-oħra. Nhar is-16 ta' Settembru 1993, fil-każin saret żjara minn grupp ta' tfal u żgħażagħ Ukrajni minn Chernobyl (ara ritratti f'paġna 59) Il-kumitat eżekuttiv, flimkien mal-fergħa tan-nisa, wera' x-xewqa li għal din iż-żjara jkunu preżenti kemm jista' jkun żgħażagħ Mqabbin sabiex dawn il-miste-dnin isibu atmosfera kemm jista' jkun żgħażugħa. Il-konkorrenza kienet sabieħa ħafna. Għal dik il-lejla iż-żgħażagħ mistiedna kienu akkumpanjati min ħafna żgħażagħ Mqabbin fi ħdan is-Soċjeta'. Ħafna żgħażagħ minn Chernobyl għamlu ħbieb ma żgħażagħ Mqabbin u għadhom jikkorrispondu magħhom sal-ġurnata tal-llum. Dawn iż-żgħażagħ tant ħadu gost fostna li wħud minnhom qattgħu l-aħħar jiem taż-żjara tagħhom f'Malta għand familji membri u parti-tarji tas-Soċjeta'. Din iż-żjara fostna tant ġiet apprez-zata li s-soċjeta' rċeviet ċertifikat bħala ringrazzjament tal-laqgħa li saret. Wara din l-okkażjoni ndunajna li tkun ħaġa sabieħa li kieku fis-soċjeta' kellna ngħaqqdu grupp biex dak li sar nhar is-16 ta' Settembru tkun l-ewwel minn sensiela ta' attivitajiet miż-żgħażagħ fis-soċjeta' tagħna. Għalhekk il-kumitat eżekuttiv ġie nfurmat b'din l-ideja u dan, wara laqgħa, aċċetta bil-ferħa. Ġew magħżula grupp ta' żgħażagħ fi ħdan is-soċjeta' tagħna u wara laqgħa flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv ġie deċiż li jitwaqqaf kumitat temporanju bil-għan ewlieni li jmexxi sezzjoni fi ħdan il-każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Is-Sezzjoni ġiet mgħotija l-isem tal-Patruna tagħna, ċioe SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ SANTA MARIJA. Dan kollu juri li s-sezzjoni żgħażagħ ma ġietx imwaqqfa biex tikkompeti ma jew biex timita gruppi simili, iżda għax is-soċjeta' ħasset li din kienet meħtieġa fil-każin.

## NHAR IL-15 TA' DIĊEMBRU 1993.....



**Fr. Raymond Cassar jidher jaqsam il-ħsibijiet tiegħu waqt il-quddiesa inawgurali tal-15 ta' Diċembru, 1993.**

**( Ikompli f'paġna 61 )**

# WHO BANKS ON AND AT APS?




## *Small and Medium-sized Businesses With A Big Interest In Custom-made Banking*

All works of craftsmanship are unique, and one is not like the other. The same applies to businesses and their different banking requirements. Which is why APS Bank believes in providing a service that is designed to clients' specific needs.

As a small private bank, we are more than well-prepared to do just that, because we can concentrate all our attention on each client.

You will find us easy to approach and talk to at all levels, and we understand your banking needs and problems perfectly.

And the many APS benefits and facilities complement the professional service we give.

*APS Bank - 100% Interest in Customer Care.*

APS
BANK LTD

275, St. Paul Street, Valletta VLT 07 Tel: 247547 Fax: 238698 Telex: MW 1226



Il-grupp minn Chernobyl flimkien mas-Sur George Busuttil, l-organizzatur tal-grupp, kif ukoll ma' żgħażagħ oħra tas-Soċjeta'.



Ritratt sinfikanti ħafna għalina bil-grupp kollu Ukrajn liebes il-flok tradizzjonali tal-każin tagħna.



Uħud mir-rigali ppreżentati lis-Soċjeta', bħala ġest reċiproku mill-mistednin ta' Chernobyl.




Ċertifikat uniku mogħti lil Soċjeta' Mużikali Maltija.

# PET CARE

**Kull ma trid għall-ġnien u għar-Raba,sustanzi etc.**
**Għall-Pets Mediċini għall-annimali kollha.**
**Ġwies u affartijiet għall-kaċċa, insib u sajd,**
**ħniex ta' Limperjal ta' barra u reels,**
**qasab, snanar u swivels u**
**kaxxa tal-plastic tas-sajd etc.**
**Lanza, spag tan-nar, nasses u dqiq tal-ful etc.**

**QRENDI ROAD,**
**ŻURRIEQ.**
**TEL: 828727**




Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq – Malta

Tel. 827908



**Uħud miż-żgħażagħ preżenti għall-quddiesa.**

Il-Kumitat mill-ewwel beda jaħdem biex jagħti ħajja lil din is-Sezzjoni. Il-kumitat magħżul ma' qagħadx jinħela jikteb ittri fuq il-ġurnali jew ixandar reklami fuq il-*media*. L-iskop kien li jingħaqad grupp ta' żgħażagħ Mqabbin fi ħdan is-Soċjeta' Santa Marija. Għalhekk bdew jinġabru l-membri żgħażagħ interessati u nistgħu ngħidu li fl-ewwel ġimgħa kienu diġa' ssieħbu 'l fuq min mitt membru żgħażugħ u żgħażugħa u dan mingħajr ebda avviż jew riklam. Għall-okkażjoni tat-twaqqif uffiċjali tas-sezzjoni il-Kumitat ħaseb biex jorganiżża xi ħaġa oriġinali. Saret quddiesa *folk* għaż-żgħażagħ. It-twaqqif uffiċjali sar nhar il-15 ta' Diċembru ,1993. Il-quddiesa saret fil-kappella ta' San Bażilju u ġiet iċċelebrata minn Fr. Raymond Cassar, li bħalma kulħadd jaf hu qassis żgħażugħ mill-parroċċa ġirien tar-raħal tagħna ż-Żurrieq u li bħalissa qiegħed Viċi-Kappillan fil-Parroċċa ta' Ħal-Luqa. Għal din il-quddiesa kien hemm attendenza sabieħa ferm. Il-kappella ta' San Bażilju ġiet imżejjna għall-okkażjoni miż-żgħażagħ u l-quddiesa saret f'atmosfera li ż-żgħażagħ tar-raħal tagħna raw bħala biss barra r-raħal tagħna. Ringrazzjament speċjali jmur lill-Kappillan Fr. Joe Bartolo u Fr. Carmel Ghigo li laqgħu l-istedina tagħna u attendew għall-quddiesa. Nirringrazzjaw ukoll lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv u lill-membri Nisa li wkoll attendew. Grazzi wkoll lill-membri żgħażagħ li attendew bi ħġarhom. Wara l-quddiesa kull min kien preżenti ġie mistieden għal 'Get Together' li sar fis-swali tal-każin. Kien il-ħsieb li dan ikun riċeviment żgħir għaż-żgħażagħ bħala ringrazzjament talli għoġobhom jingħaqdu magħna. Pero' kulħadd jaf kif l-attitudni taż-żgħażagħ hi mprevedibbli. Dan il-'Get Together' żvolġa f'atmosfera verament brijuża li ż-żgħażagħ tagħna biss jafu jagħmlu u li kieku mhux għax inġibdet l-attenzjoni li kien sar il-ħin ma konniex nieqfu. Il-15 ta' Diċembru 1993 ser tibqa' data mniżżla b'ittri tad-deheb fl-istorja tas-Sezzjoni.

Il-'Logo' li s-sezzjoni użat għall-ewwel darba fuq il-fuljett li tqassam għall-Milied 1993.

## MILIED 1993....

Għall-Milied ġie ppubblikat fuljett żgħir li tqassam lill-membri u ġew imħejjija numru ta' attivitajiet. Nhar it-22 ta' Diċembru 1993 ġie organizzat 'Disco' ġewwa s-Swieqi. Kellna attendenza verament numeruża ta' żgħażagħ kemm Imqabbin u kemm barranin. Bħala l-ewwel 'Disco' li sar, il-kumitat kellu xi ftit tal-biża' li jista' ma jkunx suċċess. Pero' din l-attitudni malajr inbidlet meta bdew jinkitbu ż-żgħażagħ u kompliet tinbidel waqt l-attivita'. Tassew ħriġna sodisfatti. Minn kmieni f'Diċembru ż-żgħażagħ ħadu ħsieb sabiex joħolqu atmosfera tal-Milied ġewwa l-Każin. Numru ta' membri żgħażagħ ħadu ħsieb jarmaw il-każin internament b'mod tassew oriġinali. Fil-31 ta' Diċembru 1993 is-sezzjoni żgħażagħ ikkollaborat bis-sħiħ mal-kumitat eżekuttiv u l-kumitat tan-nisa biex ġiet organiżżata serata għall-bidu tas-sena l-ġdida. Kienet attivita' tassew sabiħa u organiżżata tajjeb, fejn membri u partitarji flimkien mal-familji tagħhom laqgħu is-sena l-ġdida f'atmosfera tassew familjari. La qegħdin insemmu l-attivitajiet tal-Milied ma nistgħux ninsew is-suċċess li għal darba oħra l-każin tagħna kiseb fil-kompetizzjoni għall-faċċati tal-każini. Iż-żgħażagħ kellhom sehem kbir f'dan is-suċċess billi kienu ta' għajnuna kbira għas-sinjuri Frans Vella u Peter Psaila li tista' tgħid huma l-moħħ wara dan is-suċċess prestiġjuż. Sabiex jiġi ċċelebrat dan is-suċċess is-Sezzjoni organiżżat ħaġa tassew oriġinali għar-raħal tagħna: sar 'Karoake Night' fil-Każin. Attendew numru sabiħ ta' żgħażagħ li għalkemm għall-bidu baqgħu xi ftit lura malajr daħlu fl-ispirtu u kollha wrew x'talent jippossjedu fil-kant.

**( Ikompli f'paġna 63 )**



Is-sala prinċipali tal-Każin mimlija mill-ommijiet tagħna. Is-siġġijiet ta' quddiem ma baqgħux vojta għaliex imtlew mill-familji Bosnijaċi, li kienu l-mistednin speċjali.



Ritratt ta' tifkira ma dawn il-familji li jinsabu refuġjati hawn Malta.



Il-President tas-Soċjeta', is-Sur Carmel Żahra, jidher jirringrazzja lis-Sur Mario Schiavone, organiżżatur tal-grupp, kif ukoll lil Fr. Colin, tas-sehem waqt id-diskussjoni. Jidher ukoll is-Sur Carmel Ellul li kien il-moħħ wara din iż-żjara.



Wieħed mis-'Cell Groups' li kellna waqt il-lejla edukattiva tas-27 ta' Mejju li għadda.

## BRIJU KARNIVALESK.....

Il-Karnival huwa perjodu sinonimu maż-żgħażagħ. Naħseb li kull żgħażugħ u żgħażugħa xi darba tħajjru jilbsu xi kostum tal-karnival. Nhar il-11 ta' Frar, 1994 ġie organiżżat 'Carnival Disco Party' ġewwa sala fil-Qrendi. Ħafna żgħażagħ, kemm Imqabbin kif ukoll Qrendin, kienu preżenti u l-parti l-kbira żejnu s-sala permezz ta' kostumi sbieħ u oriġinali. Prosit tal-immaġinazzjoni li għandhom il-membri tagħna. Għal din l-okkażjoni ħadna gost ħafna nisimgħu membri tal-kumitat fi ħdan soċjeta' oħra barra l-Imqabba ifaħħru l-inizjattiva tagħna ż-żgħażagħ, waqt li konna għaddejjin bil-preparamenti għal din l-attivita'.

## FARELL SNOOKER COMPETITION.....

Fix-xahar ta' Marzu is-Sezzjoni kompliet bl-attivita' tagħha. Fit-18 ta' Marzu ,1994 ġie organiżżat 'Wine and Pizza Disco Party' ġewwa Buġibba. F'Marzu wkoll ingħata bidu għall-kompetizzjoni tas-Snooker bejn il-membri tas-soċjeta' u s-sezzjoni żgħażagħ. Min qalbna ngħidu grazzi lis-Sur Joe Farruġia 'Il-Farell' li għoġbu jisponsorja din il-kompetizzjoni billi rregala t-tazzi li ngħataw lir-rebbieħa. Il-kompetizzjonisvolġiet bejn ix-xhur ta' Marzu u April.



**Wara mix-xellug: Is-sinjuri Peter Psaila (rebbieħ), Joe Farruġia (sponsor) Patrick Ghigo (membru), Raymond Camilleri (runner-up), Jesmond Busuttil, Mario Camilleri, Maria Briffa, Jonathan Vella (membri) Quddiem mix-xellug: Is-Sinjuri Alfred Galea, Joe Żammit u Donna Żammit (membri).**

Il-finali saret nhar l-1 ta' Mejju, 1994 bejn is-sinjuri Peter Psaila u Raymond Camilleri. Is-Sur Peter Psaila sar ic-Champion renjanti tas-Snooker fil-każin tas-soċjeta' wara finali tassew kumbattuta. Wara l-finali is-Sur Joe Farruġia ppreżenta it-tazzi lir-rebbieħa. Saret ukoll bibita għal kull min ħa sehem f'din il-kompetizzjoni. Il-kumitat jixtieq jgħid prosit lill-kompetituri kollha tal-logħob sabiħ li pproduċew. Grazzi wkoll tal-interess li ntwera. Ta' min isemmi li l-logħob kollu tul il-kompetizzjoni ġie rreffjat minn membri tas-sezzjoni żgħażagħ.

## JUM L-OMM SPEĊJALI.......

Għall-okkażjoni ta' Jum l-Omm is-sezzjoni żgħażagħ kienet il-moħħ wara attivita' tassew oriġinali u nteressanti. Nhar is-7 ta' Mejju 1994 aħna ż-żgħażagħ, flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv u dak tan-Nisa, għamilna stedina lill-ommijiet kollha fi ħdan is-soċjeta' sabiex jattendu għal serata għad unur l-ommijiet (ara ritratti f'paġna 62) Saret diskussjoni u wara riċeviment. Għad-diskussjoni stedinna 'panel' magħmul minn membri fi ħdan il-moviment 'Era Ġdida' flimkien ma Fr. Colin Apap. Għal din l-okkażjoni ġew mistiedna wkoll ommijiet flimkien ma' wliedhom li sabu refuġju f'pajjiżna biex jaħarbu t-tbatija tal-gwerra li għaddejja f'pajjiżhom il-**Bosnia**. Minbarra li ferħu magħna, dawn il-persuni ġew ippreżentati b'kartolini ta' tifkira u rigali, kif ukoll donazzjoni li nġabret spontanjament fost il-mistednin preżenti. Ma ninsew qatt ir-ringrazzjamenti li rċevejna kemm minn għand ir-refuġjati nfushom, mingħand il-membri tal-'Bosnia Solidarity Campaign' u l-'panel' li mexxa d-diskussjoni. Verament hu ta' sodisfazzjon kbir li fi ftit xhur is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija flimkien mas-soċjeta' li tħaddanha sabet post fuq quddiem nett fejn tidħol għajnuna filantropika. Ta' min jieħu din l-opportunita' biex jagħmel appell ċkejken lil min qed jaqra. Dawn ir-refuġjati u ħafna refuġjati ta' nazzjonalita' oħra li jinsabu f'pajjiżna jkollhom bżonn ħafna għajnuna. Għalhekk tajjeb li kulħadd jaħseb ftit biex mill-aħjar li jista' joffri ftit għajnuna lil dawn in-nies. Ma rridux ninsew ngħidu li ż-żjara ta' dawn ir-refuġjati ma kienetx tkun possibbli mingħajr l-insistenza tas-sur Carmel Ellul, membru tal-Kumitat Eżekuttiv u li aħna ż-żgħażagħ insibu ħafna għajnuna minnu fil-ħidma tagħna. Ta' min isemmi li wara din l-attivita' is-sezzjoni żgħażagħ u s-soċjeta tagħna ġew imfaħħra pubblikament min fuq stazzjon tar-radju lokali. Ħaġa oħra hi li jumejn biss wara li saret din l-attivita' fil-każin, membri tal-'Bosnia Solidarity Campaign' ġew mistiedna fuq l-istess stazzjon u wara appell li sar, ir-refuġjati li ġew fostna rċevew ħafna għajnuna. Saħansitra, xi familji fosthom ġew mogħtija allokazzjoni fejn joqgħodu billi kienu jgħixu aktar minn familja f'allokazzjoni waħda. Dan kollu sar possibbli wara inizjattiva li ħadet is-sezzjoni żgħażagħ meta laqgħet lil dawn in-nies ġewwa l-każin. Importanti nisħqu li dan ħadd mis-sezzjoni żgħażagħ ma kien jaf bih. Anzi kienet tassew sorpriża kbira għalina meta smajna min ifaħħarna u jagħmlilna unur ma' Malta u Għawdex kollu. Għalhekk għandna l-unur ngħidu li Malta kollha saret taf bis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija mingħajr ma lanqas biss inktibet xi ittra fuq il-*media* jew sar xi reklam min-naħa tal-kumitat. Malta kollha saret taf bina wara ħidma għaqlija tal-kumitat.

## EDUKAZZJONI AĠĠORNATA.......

Fejn jidħol skop edukattiv, is-sezzjoni ma tridx tibqa' lura. Għalhekk nhar is-27 ta' Mejju 1994 ġiet

**( Ikompli f'paġna 65 )**

# PEUGEOT 306 Cabriolet

# PEUGEOT

• EXCITING • EXCEPTIONAL • EXCLUSIVE

**306** Cabriolet

by *pininfarina*




## CHARMING and CHIC

Enjoyment of the 306 Cabriolet is not just because of its styling and interior, but it also incorporates a very high degree of active & passive safety. Its technical success is also measured by the rigidity of its body shell.

Available in 2 different engine sizes: 1761c.c. and 1998c.c. with manual or automatic gearbox.

**PEUGEOT** CONCESSIONAIRES

**MICHAEL ATTARD Ltd.**

National Road, Blata l-Bajda. Tel: 238854, 221951

PEUGEOT 306 Cabriolet



**Il-membri tal-Kumitat Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. Bil-qiegħda mix-xellug: Jesmond Busuttil (Kaxxier), Jonathan Vella (Segretarju), Alfred Galea (President), Adrian Żahra (membru). Bil-wieqfa mix-xellug: Donna Żammit, Mario Camilleri, Mark Żammit, Michael Ghigo, u Maria Briffa (membri).**

organiżżata laqgħa bi skop edukattiv għaż-żgħażagħ fil-każin. Waqt il-laqgħa saret diskussjoni u bħala suġġett intgħażel 'Il-Valuri taż-Żgħażagħ f'Dinja Moderna'. Għal din il-laqgħa ġie mistieden Fr. Colin Apap biex imexxiha. Ġew mistiedna fostna wkoll żgħażagħ fi ħdan il-moviment 'Era Ġdida'. Matul il-laqgħa, kull żgħażugħ u żgħażugħa preżenti introudċew ruħhom mal-mistednin u taw l-opinjoni tagħhom rigward is-suġġett. Wara l-mistednin tawna ftit mill-esperjenza tagħhom. Imbagħad il-laqgħa kompliet billi waqt li ż-żgħażagħ ġew offruti xi *drinks*, inqasmu fi gruppi fejn komplew jiddiskutu bejniethom is-suġġett magħżul (ara r-ritratt f'paġna 62). Din l-attivita' kompliet imliet il-kumitat tas-sezzjoni b'kuraġġ kbir. Dan billi wara l-laqgħa l-mistednin qalulna li għandna grupp ta' żgħażagħ tassew sabiħ. Barra minn hekk ġejna mistiedna minn dawn iż-żgħażagħ biex nattendu għall-laqgħat u l-attivitajiet tagħhom.

## FIL-FUTUR QARIB.......

Bħala xogħol ieħor, minbarra li jiġu organizzati dawn it-tip ta' attivitajiet, il-kumitat tas-sezzjoni jiltaqa' regolarment biex jiddiskuti kull ideja li tista' toħroġ kemm fi ħdan il-kumitat u kemm mill-membri kollha msieħbin. Tajjeb ngħidu li l-membri tal-kumitat huma dejjem attenti għal suġġerimenti li kull membru jista' jgħaddi. Kull ideja tiġi studjata u milqugħa. Barra minn hekk hemm il-ħsieb, u il-kumitat qed jaħdem fuqu, li tinżamm elezzjoni u ħatra ta' kumitat ġdid billi kif diġa' semmejna il-kumitat preżenti huwa fuq bażi temporanja. Infatti ħafna żgħażagħ membri ilhom juru x-xewqa li jiffurmaw parti mill-kumitat. Nisperaw li l-ħeġġa li teżisti fost il-membri ma tmut qatt anzi tkompli tikber. Il-kumitat ukoll ġie avviċinat minn gruppi ta' żgħażagħ fi ħdan soċjetajiet oħrajn madwar Malta biex ikun hemm kollaborazzjoni fl-organiżżazzjoni ta' attivitajiet. Il-kumitat laqa' dawn il-proposti u qed jistudjahom bis-serjeta. Nixtiequ li l-quddiem inkunu nistgħu norganiżżaw attivitajiet fuq skala kbira. Pero niftakru li aħna raħal żgħir u barra minn hekk fir-raħal tagħna ilhom jeżistu għaqdiet simili għal tagħna. Għalhekk attivitajiet fuq skala kbira jkunu jistgħu isiru permezz ta' kollaborazzjoni ma' għaqdiet barra mir-raħal.

Kif stajtu taraw f'dan l-artiklu, fis-soċjeta' ta' Santa Marija twaqqfet Sezzjoni tassew interessanti. Nistgħu ngħidu li f'inqas minn sena irnexxielna nilħqu l-iskop li għalih is-Sezzjoni twaqqfet, mingħajr pompi żejda; dak li nżommu l-attivita' żgħażugħa fil-każin dejjem ħajja u nżiduha kemm jista' jkun. Infatti kulħadd innota li l-preżenza ta' żgħażagħ kemm ġuvintur u tfajliet fil-każin żdiedet. Qegħdin naraw fostna żgħażagħ li qatt ma konna nistennew li naraw fil-każin jew konna narawhom biss fil-jiem tal-festa. B'hekk irnexxielna ntajjru l-mentalita' li teżisti fir-raħal tagħna li l-każin huwa post tal-irġiel biss.

**Tajjeb li ngħalqu billi nistiednu liż-żgħażagħ biex jieħdu sehem kemm fil-preparamenti u kemm fl-attivitajiet li jsiru għall-festa ta' SANTA MARIJA, permezz ta' l-attendenza u kull għajnuna possibbli. Pero' nifirħu mingħajr ma noffendu lil ħadd, bħalma fuq kollox dejjem għamilna. L-aħħar stedina hi għal dawk iż-żgħażagħ li għadhom mhux membri mas-sezzjoni. Kif rajtu għandna grupp li permezz tiegħu tistgħu titgħallmu, tistgħu tiddevertu, tistgħu tkunu ta' għajnuna għal ħaddieħor, u fuq kollox tistgħu tagħmlu ħbieb ġodda. Għalhekk kull min jixtieq jissieħeb mas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ngħidulu li l-bieb huwa miftuħ għal kulħadd.**

**Il-Festa t-Tajba lil KULĦADD speċjalment liż-Żgħażagħ Mqabbin.**

**Viva Santa Marija**
**Il-Kumitat -**
**Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija-Mqabba**
**A.D. 1993**



**Nieħdu din l-opportunita' biex nifirħu lis-sinjorina Stephanie Aquilina, membru tas-Sezzjoni li fit-2 ta' Ottubru li għadda, rebħet l-unur ta' Miss Maltese Beauty", minn fost 22 kontestanta Maltin.**
**Stephanie li għandha 18-il sena (twieldet fl-1 ta' Novembru, 1975) hi bint Anthony u Nancy (nee Żahra) u f'Ottubru li ġej ser tirrapreżenta lil pajjiżna f'pageant internazzjonali ġewwa n-Niġerja.**
**AWGURI!!!!**

# G. CAMILLERI & CO. LTD.

*Service Station*

Valletta Road, Żurrieq.
Tel: 827235

**Issibu kull ħaġa li tenħtieġ għall-karozza tiegħek
kif ukoll varjetà ta' BICYCLES,
Nagħmlu wkoll tiswijiet ta' PUNCTURES,**



# New Look
# Unisex Hair Salon

Misrah il-Fidwa Mqabba – Tel: 828512

For a modern hair style, haircuts, colouring
and perming for all types of hair.
We also do waxing.
A Beautician will be in attendance once a week for your beauty convenience.
Do not hesitate to contact us.



# JOE'S CRANE & COMPRESSOR HIRE



**"SPRINGVALE" TRIQ IL-ĠILJU, MQABBA.**
**TELEPHONE: 689653 - MOBILE: 099 5354**

## L-GĦAQDA DILETTANTI TAN-NAR
# SANTA MARIJA
## TIPPREŻENTA
# PROGRAMM TAL-ĦRUQ TAN-NAR
## FESTA 1994



**Is-Sibt 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina**
7.15 p.m. Mad-daqq tal-Barka Sagramentali isir ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**It-Tlieta, 9 ta' Awissu - Ħruġ tal-Istatwa**
8.00 a.m. Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
12.00 p.m. Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
7.30 p.m. Ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti tal-logħob.
9.30 p.m. Ħruq ta' blalen, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
11.00 p.m. Ħruq tal-logħob tan-Nar ta' l-Art.
**L-Erbgħa, 10 ta' Awissu - Jum il-Banda**
10.00 p.m. Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**Il-Ħamis, 11 ta' Awissu - L-ewwel Tridu**
8.00 a.m. Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
12.00 p.m. Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
8.15 p.m. Ħruq ta' musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
9.30 p.m. Ħruq ta' blalen, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
11.30 p.m. Ħruq ta' musketterija ma tmiem il-marċ.
**Il-Ġimgħa, 12 ta' Awissu - It-Tieni Tridu**
Kollox bħall-jum ta' qabel.
**Is-Sibt, 13 ta' Awissu - It-Tielet Tridu**
Kollox bħall-jum ta' qabel.
11.30 p.m. Ħruq tal-logħob tan-Nar ta' l-Art.
**Il-Ħadd, 14 ta' Awissu - Lejlet il-Festa**
9.00 a.m. Mad-daqq tat-Te Deum, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
11.45 a.m. Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
6.30 p.m. Toħroġ it-Translazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa nfernali u diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
9.45 p.m. Spettaklu kbir ta' logħob tan-Nar ta' l-Ajru li jinkludi: ħruq ta' salut tal-lampjun, sfejjer bil-logħob, blalen, murtali tal-beraq pront/beraq tal-kulur bil-logħob u murtali tal-kulur.
11.30 p.m. Wirja kbira ta' logħob tan-Nar ta' l-Art oriġinali u mekkanizżat.
**It-Tnejn, 15 ta' Awissu - L-Għid ta' l-Assunta**
8.00 a.m. Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
9.30 a.m. Mad-daqq tal-Glorja, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
11.45 a.m. Il-ħarqa tradizzjonali ta' murtali tal-bomba, akkumpanjata mid-daqq tas-serena, biex tfakkar it-52 sena mill-ġrajja tal-Konvoj ta' Santa Marija, segwita mill-ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
7.15 p.m. Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni, jiġi sparat salut. Hekk kif l-Istatwa artistika u devota tal-patruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Marija, tinħaraq il-musketterija u l-kaxxa nfernali. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob, li jakkumpanjaw il-Purċissjoni.
9.30 p.m. Hekk kif jiġi esegwit l-Innu lil Santa Marija Mtella' s-Sema, jkun hemm ħruq ta' blalen, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
10.15 p.m. Ħruq ta' kaxxa nfernali tal-kulur ma tmiem il-Purċissjoni.
**It-Tnejn, 22 ta' Awissu - L-Ottava tal-Festa**
6.00 p.m. Mal-ħruġ tal-purċissjoni, tinħaraq il-musketterija. L-istess purċissjoni tkun akkumpanjata bil-ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**Nota ta' l-Editur:**
**Bħas-snin l-imgħoddija, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tad-Dilettanti tan-Nar "Santa Marija". Jien, f'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħu din l-opportunita' biex, f'isem is-Soċji u l-Partitarji kollha, nirringrazzja u nuri l-apprezzament sinċier tiegħi lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda - sew ta' l-Ajru kif ukoll ta' l-Art - u 'l kull min għenhom sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. J'Alla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tibqa' tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-Nar u waqt il-Ħruq.**

# FRIDA TRANSPORT SERVICE

By
Joseph Grech & Sons
Tel: 827860

**Għal kull xorta ta' transport**

Irrikkorru

"Frida House"
42, St. Basil Street,
Imqabba

# DRAGON FORGE

**Joseph Aquilina**

Designer & Decorator – Iron Works
98, Crafts Village, Ta' Qali, Tel: 430962
- 415200

**Manufacturers of:**

•All types of Iron Works •Sheet Metal Works
•Wrought Iron Furniture •Catering Equipment
•Art Metal in Brass, Copper and Metal
•All kinds of Hand Made Souvenirs
•Airconditioning Works •Stainless Steel




Best Craftsmanship – Quick Service

# RAY CAMILLERI MARBLE WORKS LTD.

## IRĦAM, GRANIT, RESIN

GĦAL KWALITA' TA' XOGĦOL
FUQ
MONUMENTI, TURĠIEN, PAVIMENTI,
KITCHEN TOPS, SKIRTINGS ETC.

KULL XOGĦOL TA' KUMENTI BIT-TOND
JINĦADEM BIL-MAGNA.

VALLETTA ROAD,
ŻURRIEQ - ŻRQ 10.
TELEPHONE: 827841
MOBILE: (099) 7386

# LIL MARIJA ASSUNTA

Hekk kif nilmħek, O Marija
b'dik il-ħarsa 'l fuq merfugħa,
b'dawk l-għajnejn jixhdu l-imħabba,
b'qalb bla tebgħa, b'ebda frugħa.

Hekk nistħajlek qed tilqagħna
għalkemm dgħajfa u midinbin,
għaliex żgur illi taf sewwa
kemm iħobbuk dawn l-Imqabbin.

Inti kont it-tarka tagħna
x'ħin pajjiżna kien fi kriżi.
Bir-raġun daqshekk meqjuma;
patruna f'seba' pajjiżi.

Bix-xieraq għalik issemma
il-konvoj Santa Marija,
għax Int kont li ndħalt għalina
fil-mumenti tat-tbatija.

Int jistħoqqlok kull foħrija,
l-ogħla ġieh u l-ogħla qima,
għaliex Int ta' l-art u s-sema
dikjarata ġejt Reġina.

O Marija isma talbna,
tħallix ruħna qatt tittabba'.
Ixħet inti l-barka tiegħek
fuq ir-raħal ta' l-Imqabba.

**25 - 8 - 93**
**Birkirkara**
**Patrick Mallia**


# ĠILJU BARBARA

*Crane Hire for all kinds of work*



114 Parish Street,
Mqabba

Tel: 685735 - 680986

- Għal kull kwalita' ta' INSURANCE
- Għal TOURS tal-MONDIAL, BRITANNIA, ALBERTOURS, EWROPA, SULLIVAN, FIORELLA, BOUNTEMPO eċċ...
- BILJETTI TA' L-AJRU jew KATAMARAN
- COACH TOURS - INGILTERRA, SKOZJA, WALES, ITALJA

tistgħu tinqdew mingħand:-

**TRAVEL & INSURANCE AGENCY**

(JOE BELLIZZI)
'El Paradiso', Matteolo Saliba Str., Żurrieq.
Telephone: 824519

**TORBA**

TORBA GHAL TAHT IL-MADUM
U KONTRABJUT

IRRIKORRU

QUARRY 26 TA' KANDJA
L/O MQABBA
TEL: 689368 - 683382 - 673936

"TA' KAZZA"
(Hdejn il-Pumping Station)

**JULIO & CHARLIE SACCO**

Qrendi Road, Mqabba,
Tel: 683129

Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd
u jfakkru li huma jagħmlu
Xogħol fl-Injam ta' Kwalità Għolja

PREZZIJIET MODERATI

# KELMTEJN MILL-KUMITAT TAN-NISA



***Bil-qiegħeda mix-xellug:** Mary Żahra (Presidentessa), Ġulja Farruġia (Segretarja).*
***Bil-Wieqfa mix-xellug:** Ġuża Farruġia, Ġakkina Camilleri (membri) u Franġiska Ghigo (Kaxxiera). Il-membri Dolor Vassallo u Joyce Said ma' jidhrux fir-ritratt.*

Meta jasal f'idejkom dan il-ktieb huwa sinjal li, bl-għajnuna t'Alla u ta' Ommna Marija Santissima, waslet il-festa li hija tant għażiża għalina l-Imqabbin u għal kull min iħaddan il-Fidi tagħna - il-Festa Universali ta' l-Għid ta' l-Assunta. Festa li fir-raħal tagħna tiġi ċċelebrata bl-akbar għożża, qima w imħabba.

Ċelebrazzjoni kbira bħal tagħna tinvolvi ħafna w ħafna xogħol, speċjalment meta sena wara l-oħra, dejjem jirnexxielna nżidu u nkabbru din il-festa ewlenija ta' raħalna. Aħna bħala kumitat tan-nisa dejjem nippruvaw ngħinu mill-aħjar li nistgħu lill-kumitat eżekuttiv u d-diversi Sezzjonijiet fi ħdan is-Soċjeta'. Parti mix-xogħol tagħna bħala nisa huwa li norganizzaw numru sabiħ ta' attivitajiet bħal *Coffee Mornings* u *High Teas* u, grazzi għall-konkorrenza sabiħa tal-membri u partitarji nisa, dejjem kellna s-suċċess mixtieq. Fl-istess ħin nappellaw biex tibqgħu dejjem tieħdu sehem bi ħġarkom u tħeġġu l-ħaddieħor jiġi wkoll. Ma nistgħux ma nirringrazzjawx ukoll lil dawk kollha li jieħdu sehem fil-lotteriji li norganizzaw, għax dawn iħallulna qliegħ sostanzjali tant bżonjuż biex inkopru l-ispejjeż kbar li speċjalment bħal issa, għaddejja minnhom is-Soċjeta' tagħna.

Minn qalbna nixtiequ wkoll ngħidu grazzi kbir lil ċerti nisa u xebbiet, li flimkien magħna tal-kumitat jaħdmu bla tarf u b'sagrifiċċji kbar fil-ħjata li minn sena għall-oħra dejjem qed tiżdied, grazzi għat-tħabrik tal-maħbub is-sur Paul Gauċi u sħabu, li huma ta' eżempju ħaj mhux biss għalina iżda anki għall-soċjetatjiet oħra.

Bħala kumitat tan-nisa, meta tiftakar li l-membri u l-partitarji nisa Imqabbin huma l-parti l-kbira tas-Soċjeta' tagħna, tajjeb li nagħmlu appell sinċier biex nieħdu sehem bi ħġarna f'dak kollu li ser isir matul dawn il-ġimgħat li ġejjin. Noqgħodu attenti biss biex, hekk kif dejjem għamilna, inkunu ta' eżempju tajjeb u b'hekk nibqgħu ngħamlu unur lis-Soċjeta' wisq għażiża għalina. Nappellaw ukoll biex f'dawn il-ġranet għeżież għalina, nersqu lejn il-qrar u t-tqarbin u nieħdu sehem bi ħġarna għall-funzjonijiet sbieħ kollha li jsiru fil-knisja ad unur tal-Padruna tar-raħal tagħna u tal-Gżejjer Maltin, Santa Marija.

Mill-ġdid grazzi u nawguraw il-Festa t-tajba lil kulħadd.

## Viva Santa Marija

***Il-Kumitat, Fergħa tan-Nisa.***



*Il-Kumitat jieħu din l-opportunita' biex jirringrazzja lil aħwa membri Marianna Mallia u Carmen Żammit għall-ġmiel ta' purtiera li ħietu u li rregalaw lis-Soċjeta' u għal dak kollu li jgħamlu magħna.*

SUPER S
IRONMONGERY
Matteolo Saliba Street,
Żurrieq,

*Fejn issibu:*

- Mirja u Madum tal-Kmamar tal-Banju
- Aċċessorji tad-dawl u l-ilma
- Ġir u Cement

Issibu wkoll kiri ta' Scaffolding, Chaser, Jigger, Mixers u Fekruna għat-Trinek

**Tel: 689256**

# TA' BALAL

## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS,ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES.

Prop.
Emanuel Gatt
New Street, Luqa
Telephone: 809351

# CONCORDE MINI MARKET

Carmelo Ciantar Street, Mqabba Tel: 680922 - Prop: Mario Formosa

Issibu kull m'għandkom bżonn għax-xirja tad-dar, bħal ma huma ħaxix,
frott, preserves, ħobż, toiletries, trab u likwidi tal-ħasil,
Stationery, Soft Toys u ħafna u ħafna affarijiet bżonnjużi għad-dar.
Ma kull xirja ta' għaxar liri jingħata flixkun inbid b'xejn.
Għalhekk morru għand il-CONCORDE MINI MARKET u għamlu x-xirja tagħkom
*FREE DELIVERY*

**IL-CONCORDE MINI MARKET JIXTIEQ
JAWGURA L-FESTA T-TAJBA LILL-IMQABBIN KOLLHA.**

# ABRAM GATT
# 1863 - 1944


ABRAM GATT

## TAGĦRIF MIĠBUR
## MIS-SUR JOSEPH BALZAN

Abram Gatt, skultur, disinjatur u pittur huwa Bormliż li ħadem diversi opri f'ħafna mill-knejjes Maltin u Għawdxin. Kieku wieħed kellu jagħmel lista sħiħa tax-xogħol kollu li ħadem dan Abram, wieħed kien jgħid li dan kollu sar minn aktar minn bniedem wieħed. Għax verament ħadem wisq opri li bihom jibqa' ħaj fil-memorji tagħna, speċjalment meta din is-sena qegħdin infakkru l-ħamsin sena mill-mewt tiegħu.

Huwa miet f'Ħaż-Żebbuġ fl-1944 fejn kien refuġjat minħabba l-gwerra. Huwa kien joqgħod fi Triq San Ġużepp. F'Bormla, id-dar fejn kien joqgħod fi Triq l-Oratorju, sfat imġarrfa u nqerdu diversi opri li kien qiegħed jaħdem.

Fl-Imqabba Abram Gatt iddisinja wieħed mill-aqwa pedistali li hawn f'Malta. Dan huwa l-pedistal ta' l-istatwa titulari ta' Marija Assunta skolpita minn Xandru Farruġia, Żejtuni fl-1836 (Castagna). Dan il-pedistall li sar fl-1928 wara li Abram iddisinjah ġie maħdum fl-injam mis-Surmast Manwel Buħaġiar u wara maħdum fil-fidda f'Milan għand id-ditta "Antonio Ghezzi e Figli" u sewa s-somma ta' £400. (Ara r-ritratt f'paġna 75 )

F'dak li huwa xogħol ta' pedestali Abram Gatt ħadem ħafna, u kollha huma ta' ċerta kwalita'. Nsemmi fosthom, barra dak li diġa semmejna, tal-Karmnu tal-Belt, ta' San Ġużepp f'Bormla u f'Ħal-Qormi, ta' San Lawrenz tal-Birgu u l-Kapolavur fosthom, dak ta' l-istatwa titulari ta' Bormla.

Opra oħra li ddisinja Abram fil-parroċċa ta' l-Imqabba hija l-bradella ta' l-istess statwa titulari li wkoll nħadmet mis-Sur Manwel Buħaġiar ġewwa Ħal -Tarxien fis-sena 1928 u swiet £200. Id-disinn ta' din il-bradella għadu jeżisti u qiegħed f'dar privata. (Ara r-ritratt f'pagna 75)
Jingħad ukoll li żewġ kolonni li jintramaw fil-festa ma' l-armar tal-pjazza huwa wkoll disinn ta' Abram Gatt.

Tajjeb li wieħed jispiċċa billi jgħid li dan Abram kien ukoll restawratur. Huwa rrestawra l-istatwa ta' San Publiju u dik ta' Sant' Andrija u ċertament li meta wieħed jara l-arranġament tiegħu fl-istatwa ta' Santa Marija fl-Imqabba, meta dan Abram ġie mqabbad biex jagħmel disinn ġdid għall-pedestall, kompla sebbaħ bil-ħila tiegħu l-istawa ta' Santa Marija fl-Imqabba.

mangion brothers żurrieq LTD.



BUILDING CONSTRUCTION.
CONCRETE MIX & CRANE HIRE
Valletta Road, 15, Mill Street, Żurrieq. Tel. 829590

Install an USKIN
Fibreglass
Water Tank
and it will last you
a lifetime.




USKIN manufacture
Fibreglass Water Tanks in a variety of
dimensions and capacities from 55 gall:
(250 litres) (2'4" Dia x 3' high)
to 3000 gallons (12,000 litres)
(8'9" x 7'6" high).
Other dimensions and capacities by quotation.

**USKIN - the name for fibreglass water tanks**
**USKIN LIMITED** *(Fibre glass & Sheet metal works)*
Valletta Road, Żurrieq Tel: 682370 / 821111 Fax: 821111



Ritratt tad-disin oriġinali tal-pedestall tal-fidda li nħadem fl-1928 mid-ditta "Antonio Ghezzi e Figli" ta' Milano. Id-disin huwa ta' l-Imgħallem Abram Gatt ta' Bormla u l-esekuzzjoni fl-injam saret mis-Surmast Manwel Buħaġiar ta' Ħal-Tarxien. Dak iż-żmien il-pedestall kien sewa 400 lira.



Ritratt tad-disin oriġinali tal-bradella ta' Santa Marija li nħadmet mis-Surmast Manwel Buħaġiar ta' Ħal-Tarxien fl-1928. L-appostolat inħadem fl-Awstrija. Id-disin tagħha sar mill-Imgħallem Abram Gatt ta' Bormla, swiet fuq il-200 lira u l-benefatturi kienu Mikiel Żammit u Grazja Inguanez, it-tnejn mill-Imqabba.

# MANUEL BEZZINA CO. LTD.

# LISETA

## Żerriegħa tal-patata Bikrija u ta' l-aqwa kwalita'






*The Earliest & the Best*

**'LISETA' DIĠA TAGĦAT PROVA F'DAWN L-AĦĦAR SNIN LI**

1. Hija l-iżjed Patata bikrija f'Malta
2. Tagħmel ħafna frott u tiflaħ in-nixfa
3. Hija resistenti għall-ġlata u mard ieħor.
4. Tgawdi Prezz tajjeb fis-swieq Ewropej.

Iktbu il-'**LISETA**' ghand is-snasal jew fl-uffiċji ta' l-Agrikultura jew ċemplu l-aġent f'Malta:-
Office: 23, Liesse Hill, Valletta. Tel: 238558. Mobil: 099 7346.
Residence: "Springfield", Excelsior Street, Gharghur. Tel: 410204, 412587.

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI ARMAR



**Il-pedestall tal-Papa Piju XII li tlesta' minn kollox is-sena l-oħra. Grazzi lis-sinjuri Paul Mifsud (xogħol ta' l-injam), Renzo Gauċi (statwi u abbelliment), Vince Sciberras (xogħol fuq il-ħadid) u l-benefatturi kollha, speċjalment lis-sur Joseph Farruġia (il-Farell).**

Għaddiet sena oħra u l-Festa ta' Santa Marija, Padruna tar-raħal tagħna reġgħet waslet. Bla dubju ta' xejn, fejn jidħol l-armar komplejna fejn ħallejna s-sena l-oħra.

Fuq disinn tas-sur Renzo Gauċi, komplejna s-sett ta' pavaljuni għal Triq Santa Katerina. Is-sena l-oħra kellna ħafna kliem ta' tifħir minn min jifhem f'dan il-qasam, meta żanżanna l-ewwel wieħed minn dan is-sett. Ix-xogħol ta' tfassil u tqegħid tad-drapp dħalt għalih bħas-soltu jien, mgħejjun minn sħabi ż-żgħażagħ dilettanti li jkomplu jgħamluli l-kuraġġ. Ix-xogħol importanti tax-tixlil sar mis-sur Mario Camilleri waqt li l-ħjata ġiet fdata f'idejn in-nisa u xebbiet membri tal-Fergħa tan-Nisa tas-Soċjeta', taħt id-drezzjoni tal-ħabrieka is-sinjura Ġulja Farruġia li, b'sengħa kbira, għaqdet dawn il-pavaljuni ferm ikkumplikati u kbar. Ix-xogħol tal-pittura qiegħed jitkompla mis-sur Andrew Buġeja tal-Birgu, u ser jirrapreżentaw parti mill-Litanija tal-Madonna. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-sur Keith Sciberras ta' l-għajnuna tiegħu li iżda, minħabba pressjoni ta' studju, ma' setax ikompli x-xogħol hekk professjoanli li kien qed jgħamlilna. Sakemm qed nikteb dan l-artiklu, is-sur Buġeja kien lestielna tnejn minnhom Sultana ta' l-Anġli u Sultana tal-Profeti. L-isfumar ma jistax jonqos li ma daħalx għalih is-sur Patrick Ghigo, żgħażugħ ieħor ferm attiv u krejattiv. L-injam tas-sopraporti tqatta' mis-sur Carmel Ellul fil-waqt li ż-żebgħa, l-isfumar u d-dekorazzjoni tagħhom qed isiru mis-sur Francis Vella.

Ukoll fuq disinn tas-sur Renzo Gauċi bdejna naħdmu fuq sett pavaljuni għal Triq id-Duluri. Saru 26 pumi ġodda għall-pavaljuni ta' Triq Santa Katerina, li ġew indurati mis-sur Kevin Camilleri, l-istess bħal dawk tal-bandieri ta' l-armi tal-Pjazza.

Il-pavaljuni l-antiki ta' Triq Santa Katerina ġew modifikati u ser jintużaw fit-toroq li jgħatu għall-istess triq: Santa Marija, San Innoċenzju, Il-Kileb u l-Pal.

Wara li s-sena l-oħra tlestiet il-liedna ġdida ta' Triq Karmenu Ċiantar u Misraħ il-Fidwa, din is-sena, il-ħabrieki s-sur Raymond Vella lesta liedna ġdida għall-parti t'isfel ta' Triq il-

(Ikompli f'paġna 79 )

Zneiber

*Confectionery & Pastizzeria*

*Orders accepted for*

*Weddings and all occasion parties.*

*6, St. George's Street, Luqa.*
*Telephone: 677230 .*

**SAVIOUR MAGRO**

*IRONMONGERY AND CEMENT STORE*

Żurrieq Road,
Luqa,.

Tel: 677133

* Għal żebgħa ta' kwalunkwe kwalità
* Għodda ta' l-idejn u tad-dawl
* Qtugħ ta' ċwievet u kiri ta' Mixers, Jiggers u Ġenerators

**INDURATURI !!**

**Għall-materjal tal-induratura irrikorru għand:-**

E.T. THEUMA_CO. LTD.

E. THEUMA & Co. Ltd.
THEUMA HOUSE, 302, St. Paul Str., Valletta
Tel: 234075/236605 Telefax: 244201

Parroċċa u għalTriq Santa Katerina. Hawnhekk ta' min jirringrazzja lis-sur Ġuljo Camilleri li għoġbu jħallas l-armar kollu ta' Misraħ il-Fidwa u lis-sur Mario Farruġia, li għoġbu jħallas il-liedna ta' Triq Santa Katerina.

Is-sur Peter Psaila wkoll kompla jagħtina daqqa t'id meta, wara li lesta l-erba' siġar artistiċi li jintramaw ma l-Istatwa ta' Santa Marija fil-Pjazza, issa lesta wkoll is-siġar li jintramaw fuq il-faċċata tal-każin ma' l-Istatwa li tiddominaha.

Ta' min wieħed isemmi wkoll li wara li s-sena l-oħra, ġew restawrati erba' statwi tal-pjazza: Sant' Anna, San Ġwakkin, San Pietru u Sant' Andrija, din is-sena, is-sur Renzo Gauċi ser ikun irrestawra erba' statwi oħa li huma: San Mattew, San Ġakbu ż-żgħir, San Mattija u San Ġakbu. Dawn l-istatwi jiffurmaw parti minn wieħed mill-isbaħ settijiet ta' l-Appostli li hawn f'Malta u ta' min jieħu ħsiebom sewwa għax bħalhom ma jerġgħux isiru.

Jien u sħabi nixtiequ nirringrazzjaw lill-Kumitat Eżekuttiv li dejjem sibnieh ta' għajnuna u ta' appoġġ għal kull ideja tagħna. Huwa ta' sodisfazzjon għalina li naraw żgħażagħ oħra f'raħalna jimxu fuq il-passi tagħna għax dan jagħmlilna unur.

Minn din il-paġna, nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha, u li mpossibli nsemmihom wieħed wieħed, li ħdimmna lkoll flimkien matul is-sena kollha sabiex lestejna kemm stajna xogħol. Nirringrazzja wkoll lis-soċji, benefatturi u l-partitarji kollha ta' l-għanuna finanzjarja li tawna sabiex laħħaqna ma' l-ispejjeż kbar li dejjem qed ikollna.

Fl-aħħar nett inħeġġeġ lil kull min jista' sabiex jgħinna fl-armar, kemm fil-knsija kif ukoll f'dak ta' barra, biex b'hekk ikollna l-aqwa armar fl-Imqabba, ad unur ta' Ommna Marija Mtella' s-Sema.

***Paul Gauċi***
***Delegat ta' l-Armar.***

**Nota ta' l-Editur:**

Il-*Jacket* tal-Cassette tal-marċi ġodda (ara paġna 91) li qed noħorġu din is-sena turi n-naħa t'isfel ta' Triq il-Parroċċa bis-sett pavaljuni ġodda li dan il-Grupp lesta s-sena l-oħra. Inħossni qed nonqos jekk, f'isem il-Kumitat Eżekuttiv, ma nirringrazzjahomx għal dan ix-xogħol professjonali li wettqu u għal dak kollu li qed jgħamlu.

Fuq kliem ta' min joqgħod fuqu, għandna nformazzjoni li din it-Triq kienet minn ta' l-ewwel, *jekk mhux l-ewwel waħda fil-Gżejjer Maltin* li 'l fuq minn sebgħin sena ilu bdiet tintrama bil-pavaljuni.



Ir-ritratt juri t-trieq tan-nofs armata għall-Festa ta' Santa Marija fis-sebgħinijiet.

# MALLIA PETROL STATION

## PJAZZA SAN NIKOLA,
## SIĠĠIEWI - TELEPHONE: 467764

**Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla sa' għand MALLIA PETROL STATION fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karrozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karrozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm 18.50.**

**Kif ukoll:**

* Silencers għall- karozzi kollha
* Crash Helmets kbar u żgħar
* Kull kwalita' ta' żjut
* Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
* Għodod
* Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
* Aċċessorji u spare parts ta' kull kwalita' tajba
* Għandek issib ukoll muturi u karozzi għall- bejgħ.




*Consult us on any custom built F.R.P. Structure.*

**SILVERCRAFT PRODUCTS LTD.** TEL: 878046 /821975

GUDJA RD., GHAXAQ. TLX: 1575 SICRAF MW.

# IL-PESTA TA' L-1676 U R-RAĦAL TA' L-IMQABBA



JIKTEB IS-SUR ALFRED CAMILLERI

"A peste, fame et bello, libera nos Domine." Din kienet waħda mill-invokazzjonijiet spissi li kienu jinstemgħu fil-knejjes tagħna fiż-żminijiet medjovali u fis-snin li ġew wara. Il-pesta kienet marda qerrieda u n-nies kompliet tibża' minnha u tistmerrha aktar, wara li kienet ħakmet sewwa lill-Ewropa fis-seklu 14 u kaxkret magħha eluf ta' nies. Fl-1668, it-tabib Franċiż David Jouysse qal li l-pesta kienet is-sinjal "tar-rabja li kellu Alla għad-dnubiet tagħna." Anke' Lorenzo Hasciac, meta kiteb dwar il-pesta tas-snin 1675-1676, qal li l-kawża prinċipali tagħha kienet l-id t'Alla li xtaq jikseb vendetta u jikkastigana għal dnubietna. Iżda kienet x'kienet il-kawża, il-pesta kienet tħalli vittmi eluf kbar ta' Maltin, l-aktar minħabba n-nuqqas tal-ħtiġijiet sanitarji l-aktar essenzjali.

## IL-PESTA TIBDA TINXTERED:

Nhar l-24 ta' Diċembru 1675, Anna Bonniċi, tfajla ta' 11-il sena, bint Matteo, negozjant mill-aqwa u Rettur tal-Fratellanza ta' l-Ewkaristija fil-knisja ta' Portu Salvu (Valletta), ħassitha ma tiflaħx sewwa. Hekk kif invistaha, it-tabib Giacomo Cassia baqa' skantat bis-sintomi tal-marda tagħha, l-aktar bid-deni qawwi li Anna kienet qiegħda ssofri. Ġera għal għand il-protomediku Gio. Domenico Xeberras u għarrfu il-kas. Meta dan mar jara b'għajnejh, Xeberras sab li fuq il-ġisem tat-tifla kien hemm xi dbabar ħomor u ponta kemmxejn kbira bejn koxxitha u żaqqha. Anna mietet erbat ijiem wara u t-tebut inġarr mid-dar tagħha fil-Belt Valletta għall-knisja ta' Ġieżu, fejn indifnet fost l-ilfieq ta' missierha, ommha, ħutha u qrabatha. Nhar it-28 ta' Jannar 1676, is-sitt tobba tal-gvern - Gio. Domenico Xeberras, Michele Xeberras, Giuseppe Del Cosso, Tommaso Aquilina, Gio. Filippo Micallef u Arcangelo Grech flimkien mat-tabib Cassia, ħarġu rapport dwar dan il-każ u qalu li l-marda tat-tifla kienet karatterizzata minn deni qawwi u xi sintomi 'mhux tas-soltu'. Għalkemm is-sintomi kienu juru biċ-ċar li kienet daħlet il-pesta fil-gżira, ħadd ma ried jammetti għax il-poplu kien tal-fehma li l-pesta kienet kastig minn Alla. Iżda ġara li fl-10 ta' Jannar 1676, Giacchino, tifel ta' sentejn u membru ieħor fil-familja ta' Matteo Bonniċi, miet wara li tatu taqliba. Dan ma kienx biżżejjed, għax ftit jiem wara, Matteo kellu jsofri wkoll it-telfa ta' bintu Tereża, tifla ta' seba' snin. Fl-erbat ijiem li damet fis-sodda, dehru l-istess sintomi ta' oħtha Anna. Difnuha fil-knisja ta' Portu Salvu nhar it-13 ta' Jannar 1676. Il-pesta ħafnet ukoll lil Matteo nhar il-25 tax-xahar u miet tlett ijiem wara. L-għada difnuh sollennament fil-knisja ta' Portu Salvu, mingħajr m'għaddielhom minn rashom, li l-kadavru kien infettat bil-pesta! (1)

## IL-PESTA FL-IMQABBA:

Il-Kappillan ta' dik il-ħabta, Dun Dumink Pace, ried li l-Imqabbin kollha li jkunu infettati bil-pesta, jirċievu l-aħħar sagramenti waqt l-aħħar taqbida tagħhom fuq is-sodda tal-mewt. It-twajjeb Kappillan dlonk intrikeb mill-pesta, u nhar it-12 ta' Mejju 1676, konxju li jinsab fuq il-għatba tal-mewt, qam kif seta' fuq saqajh u resaq lejn il-bieb ta' barra. Xtaq kieku ma ġenbu kien hemm oħtu Speranza iżda dak il-ħin, din kienet ġol-misraħ. Inzerta kienu għaddejjin żewġ parruċċani, sejħilhom u wriehom bix-xewqa li wara mewtu, 50 skud jingħataw biex isiru quddies b'suffraġju għal ruħu. L-għada, it-twajjeb Dun Dumink radd ruħu lil Alla.

Ġara li ġimgħa wara, Dun Luqa Żammit, iben ir-raħal, ukoll intrikeb mill-pesta. Stqarr l-aħħar xewqat tiegħu quddiem Dun Anġ Mallia u ż-żewġ gwardjani tal-kwarantina u qalilhom :"JEKK NINDIFEN ĠOL-KNISJA....NIXTIEQ LI FUQ QABRI JKOLLI LAPIDA BIL-KLIEM: 'Hicjacet Rev. D. Lucas Zammit anni aetatis suae vigintiquator.' DAN QED NGĦIDU MHUX B'XI GĦAN FIERAGĦ IŻDA BIEX QRABATI JIFTAKRU FIJA FIT-TALB TAGĦHOM." Min-naħa l-oħra, Dun Anġ jistqarr hekk "DAK IL-ĦIN MA KELLI XEJN FUQI, LA KARTA U LANQAS PINNA....GĦAĠĠILT LEJN ID-DAR U MINGĦAJR TELF TAŻ-ŻMIEN ĦAŻŻIŻT L-AĦĦAR XEWQAT TIEGĦU."

Tista' tgħid li minn April 1676, il-parroċċa ta' l-Imqabba bdiet issofri sewwa mill-pesta. Kien hemm ġranet, meta mietu aktar minn tliet persuni f'daqqa. Hekk ngħidu aħna, nhar it-30 ta' Mejju 1676, mietu Tommaso Caruana, Maria Domichella Cassar, Maria Mizzi, is-saċerdot Dun Gio. Maria Aġius u ċertu Claudio, bekkamort f'Ħal Luqa.

Dik il-ħabta, il-bekkamorti kienu jieħdu ħsieb il-morda, iservu l-ikel u jiffumigaw id-djar fejn tkun daħlet il-pesta. Kienu jidfnu l-mejtin f'ċimiterji "infetti" jew inkella f'xi kappella ċkejkna. Kien hemm każijiet, fejn id-domanda għal dawn in-nies tant kienet qawwija li ftit li xejn kont issibhom fil-pront, u allura tiltaqa' ma każijiet fejn il-familjari kienu dlonk jidfnu l-mejtin tagħhom fil-ġnien tad-dar. Il-bekkamorti kienu jitħallsu mat-tmien irbgħajja kuljum, rata għolja għal dak iż-żmien, iżda ma ninsewx li dawn in-nies kienu jmissu l-mewt b'idejhom kuljum. Xi drabi kien hemm ukoll l-abbużi. Hekk ngħidu aħna, raġel mill-Qrendi kellu jħallas 8 skudi biex ħadu ħsieb jidfnulu tlieta minn qrabatu li mietu bil-pesta, waqt li ħallas 3 skudi oħra biex iġib il-permess tad-difna. Xi drabi, il-morda tant kienu jibżgħu li se jħalluhom jintnu f'darhom wara mewthom, li kienu jħallu fejn is-sodda somma

( Ikompli f'paġna 83 )




ICE CREAM

Frozen Foods Limited

15 Spencer Hill,
Marsa HMR12.
Tel: 222481/2/3
Fax: 240709

apposta għal dan il-għan.
Tajjeb ngħidu li l-kappella ta' S. Katarina fl-Imqabba, mibnija fl-1761 bi flus ċertu Ġanni Schembri, kienet isservi bħala 'chiesa infetta' għal dawk li kienu jaqdu l-ħtiġijiet ta' l-imsejkna milquta mill-marda kiefra. Minn hawn kien joħroġ ukoll il-vjatku għall-moribondi tal-pesta. Dik il-ħabta, f'Malta konna nsibu madwar 17-il kappella li kienu jintużaw għal dan il-għan, fosthom dik ta' l-Annunzjoni f'Ħ'Attard, S. Andrija f'Ħal Qormi u dik ta' S. Pietru f'Ħal Lija. (2)

## IL-VITTMI ĠEWWA L-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA:

Ir-reġistri ta' l-imwiet, ippreservati fl-Arkivju Parrokkjali ta' Imqabba, jixħtu dawl qawwi fuq dawk li messithom ix-xorti ħażina li jmutu bil-pesta tas-sena 1676. B'kollox mietu 51 ruħ, numru konsiderevoli, għaliex dik il-ħabta l-popolazzjoni fl-Imqabba kienet tlaħħaq biss il-ħames mitt ruħ. Skond ir-reġistri, 27 minnhom indifnu fil-kappella ta' San Bażilju, u dawn huma:

1. Elena Mallia (22 t'April 1676)
2. Giovanni Mallia (1 ta' Mejju 1676)
3. Katarina u Grazzia Mallia (4 ta' Mejju 1676)
4. Grezia Mallia (5 ta' Mejju 1676)
5. Domenico Griscti (5 ta' Mejju 1676)
6. Salvatore Żammit (5 ta' Mejju 1676)
7. Maria Galizia (7 ta' Mejju 1676)
8. Maria Magro (7 ta' Mejju 1676)
9. Bernardina Gatt (8 ta' Mejju 1676)
10. Katarina Żammit (9 ta' Mejju 1676)
11. Annunziata Giusto (11 ta' Mejju 1676)
12. Lucrezia Barbara (22 ta' Mejju 1676)
13. Rev. Dun Domenico Pace (23 ta' Mejju 1676)
14. Grazia Farruġia (23 ta' Mejju 1676)
15. Maruzza Caruana (24 ta' Mejju 1676)
16. Domenichella Giusto (24 ta' Mejju 1676)
17. Katarina Mizzi (25 ta' Mejju 1676)
18. Domenichella Mizzi (25 ta' Mejju 1676)
19. Maria Żammit (26 ta' Mejju 1676)
20. Vincenzo Griscti (27 ta' Mejju 1676)
21. Valerio Żahra (28 ta' Mejju 1676)
22. Angelica Griscti (29 ta' Mejju 1676)
23. Rev. Dun Gio. Maria Aġius (30 ta' Mejju 1676)
24. Tommaso Caruana (30 ta' Mejju 1676)
25. Maria Mizzi (30 ta' Mejju 1676)
26. Maria Domenichella Cassar (30 ta' Mejju 1676)
27. Claudio (30 ta' Mejju 1676). F'dawn iż-żminijiet dan kien jaħdem ta' bekkamort f'Ħal Luqa, u x'aktarx li miet wara li nfetta ruħu bil-pesta mill-kadavri li kien iġorr għad-difna.

Ta' min wieħed jgħid li nhar it-28 ta' Mejju 1676, kienu mietu wkoll iż-żewġ saċerdoti Imqabbin, Rev. D. Luca Żammit u Rev. D. Valerio Żammit. Dawn indifnu flimkien ma' Gaudenzia Schembri fil-Knisja Parrokkjali, fuq in-naħa ta' l-Evanġelju. Ir-reġistri jgħidulna li l-bqija tal-vittmi ndifnu fiċ-ċimiterju magħruf bħala "BUR I SCIOP", limiti ta' l-Imqabba. Dawn huma:

1. Angelica Farruġia (1 ta' Ġunju 1676)
2. Gio. Maria Farruġia (2 ta' Ġunju 1676)
3. Katarina Żammit (2 ta' Ġunju 1676)
4. Andreana Buġeja (2 ta' Gunju 1676)
5. Gionanella Formosa (4 ta' Gunju 1676)
6. Caterinella Aġius (6 ta' Ġunju 1676)
7. Francesco (9 ta' Ġunju 1676). Dan kien jaħdem ta' bekkamort f'Ħ'Attard.
8. Maria Żahra (9 ta' Ġunju 1676)
9. Pietro u Rosa Magro (9 ta' Ġunju 1676)
10. Katarina Farruġia (10 ta' Ġunju 1676)
11. Andreana Magro (12 ta' Ġunju 1676)
12. Antonio Żammit (15 ta' Ġunju 1676)
13. Maria Borġ (17 ta' Ġunju 1676)
14. (?) Bint Giacomo Mallia (17 ta' Gunju 1676)
15. Simone Gambino (18 ta' Ġunju 1676)
16. Valerio Borġ (20 ta' Ġunju 1676)
17. Giuseppe Schembri (20 ta' Ġunju 1676)
18. Giovanni Formosa (25 ta' Ġunju 1676)
19. Maria Żammit (25 ta' Ġunju 1676)
20. Francesca Schembri (27 ta' Ġunju 1676)
21. M. Carlo Aġius (16 ta' Lulju 1676) (3)

## IT-TMIEM TAL-PESTA:

Il-pesta bdiet tbatti nhar l-24 ta' Ġunju 1676, festa ta' San Ġwann Battista - Patrun ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Tlett ijiem wara, il-granmastru Cotoner kiteb hekk: "Bl-interċessjoni ta' Santa Rosalia u tal-Patrun tagħna....il-pesta qiegħda titlef mill-qawwa tagħha." Tajjeb ngħidu li xi ftit jiem qabel, Fra Gregorio Carafa kien bagħat Malta bust tal-fidda li juri lil Santa Rosalia, fuq il-bastiment "LA CAPITANA". Dan inġarr proċessjonalment għall-knisja konventwali ta' San Ġwann, fejn dlonk beda jiġi meqjum.
F'nofs Lulju, il-pesta kienet waqfet għal kollox, għalkemm l-aħħar vittma tagħha ħalliet din il-ħajja nhar it-30 ta' Awissu f'Ħal-Xluq.
Biex irodd ħajr lil Alla wara li dan il-flaġell kien tbiegħed mill-gżira, il-poplu organiżża pellegrinaġġ minn S. Pawl il-Baħar għas-Santwarju tal-Mellieħa. Dan sar nhar it-Tlieta 22 t'April 1676, jumejn wara l-Għid il-Kbir. (4)

## REFERENZI


1. Notamenti minn Micallef Joseph, "THE PLAGUE OF 1676 - 11, 300 Deaths", p. 9 - p. 15.

2. *Curio Episcopalis Melitensis, Acta Originalia 578, f. 421.
*Arkivji ta' l-Inkwiżizzjoni, Malta, Atti Ċivili, 1685, ff. 8 - 12.
*Arkivju Parrokkjali ta' l-Imqabba, reġistru ta' l-Imwiet, III, f. 171.

3. Ħajr lis-Sur Charles Farruġia, Student ta' l-Istorja u l-Arkeoloġija ġewwa l-Universita' ta' Malta.

4. Micallef Joseph; op. cit; p. 119 - p. 120 u p. 125.

# SPEND 'N' SAVE

***Discount Supermarket***

80, St. Catherine Street,
Żurrieq,

*Fejn il-mara tad-dar issib*
*minn kollox u fl-istess ħin*
*tiffranka l-flus u toħroġ sodisfatta.*

Ħin mis-7.00a.m. sas-7.00p.m. mit-Tnejn sas-Sibt
Tel: 689878

# WILĠA STORES

TEL: 897912 - TELECELL: (099) 4965 - FAX: 690685

- TIMBER
- TIMBER PRODUCTS
- HOLLOW SECTIONS
- GALV. SHEETS
- BUILDING MATERIAL
- TOOLS / XIBKA
- INJAM TAX-XUTTER
- JAKKIJIET (PROPS)

S & L IMP/EXP LTD.
WILĠA STREET,
LUQA - LQA 02

# MINN FEJN SER JGĦADDI L-MARĊ ?

***Din is-sena, ser ikollna rekord ta' ħames baned barranin li flimkien mal-ħames servizzi l-oħra tal-Banda tagħna ser ikabbru l-Festa Titulari ta' Santa Marija. Għaldaqstant ħsibna biex inniedu din il-paġna għall-ewwel darba billi l-programm tan-Nofs qed kull sena jsir iżjed kompressat u żgur ma jiflaħx aktar tagħrif. Barra minn hekk, kellna nimmodifikaw ir-rotot u biex nevitaw ħafna mistoqsijiet tat-tip: "Minn fejn ser jgħaddi l-marċ?", nistiednukom issegwu sewwa din il-paġna.***

**Is-Sibt, 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina**

7.30 p.m. Il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. A. Camilleri L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M. tagħti s-sehem tagħha waqt il-Lejla Maltija bi programm ta' marċi ġodda u brijużi.

**It-Tlieta, 9 ta' Awissu - Ħruġ ta' l-Istatwa**

7.30 p.m. Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta fuq iz-zuntier,bid-daqq ta' l-Ave Maria, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Camilleri, L.Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M., tkompli terraħ it-toroq tar-raħal b'sett marċi ġodda. il-marċ jgħaddi hekk:

Triq San Bażilju, il-Lanġas, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja, quddiem il-Każin.

**L-Erbgħa, 10 ta' Awissu - Jum il-Banda**

8.00 p.m. Marċ trijonfali mill-Banda tas-Soċjeta' Santa Marija tul triq il-Parroċċa li jintemm quddiem il-Każin, fejn l-istess Banda, taħt id-Direzzjoni ta' Mro. A. Camilleri, L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M. tesegwixxi l-Programm Strumentali annwali tagħha (aktar dettalji f'paġna...)

**Il-Ħamis, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu**

8.15 p.m. Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal-Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro. A. Farruġia L. Mus. L.C.M., tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej:

Triq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, Triq il-Ħarriġiet, il-Konvoj ta' Santa Marija, Housing Estate kollu, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljaturi, Triq Santa Kater-ina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, Santa Katerina, il-Pjazza tal-Parroċċa fejn jin-temm quddiem il-Każin.

**Il-Ġimgħa, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu**

8.15 p.m. Il-Banda 12th. May ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro. C. Cachia, tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tferraħ, b'sett marċi brijużi, it-toroq li ġejjin:

Triq il-Ġilju, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, Pjazza Ġublew tad-Djamanti, Santa Katerina, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, il-Kileb,il-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ċiantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jin temm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

**Is-Sibt, 13 ta' Awissu - L-Aħħar Jum tat-Tridu**

8.30 p.m. Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Camilleri, L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M. tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha, fost il-briju kbir tal-partitarji. Il-marċ jibda' minn quddiem il-każin u jkompli hekk kif ġej:

( Ikompli f'paġna 87 )

BAKERY
Maypole
LTD
Carmel Debono

FANCY BREAD

14 St. Joseph Street, Qormi
1 Victory Street, Qormi
Tel: 488992

Erba' Mwieżeb Street, San Pawl
Tel: 581646

TAD-DAQQA
PANEL BEATER

SPRAY UNDERSEAL &
STEAM CLEANING

RAY GALEA,
F/HSE ĠARDIN L-ABJAD,
TRIQ IT-TIĠRIJA - TAĦT IS-SAQQAJJA, L/O RABAT.
TELEPHONE: 462060

MARTIN MONREAL IRONMONGERY

TRIQ IL-BRONJA, ŻURRIEQ
TELEPHONE: 682435

ISSIBU GĦALL-BEJGĦ:
MADUM - ŻEBGĦA TA' KULL KWALITA'
U ĦAFNA OĠĠETTI UTILI GĦALL-BINI.

KIRI TA' CONCRETE MIXERS
KIRI TA' CRANE JIGGERS
KIRI TA' SIĠĠIJIET

**Triq il-Karmnu, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja, quddiem il-Każin.**

**Il-Ħadd 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa**

8.00 p.m. Programm Strumentali mill-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat, taħt id-direzzjoni ta' Mro. J. Vella, B. Mus. F.L.C.M. (Aktar dettalji f'paġna 97 )
Wara l-istess Banda tibda marċ li jgħaddi hekk kif ġej:

**Triq il-Karmnu, il-Parroċċa, il-Pjazza ta' Knisja, Triq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, Triq Karmenu Ċiantar sal-Pjazza tal-Parroċċa.**

8.30 p.m. Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farruġia, L. Mus. L.C.M. tibda l-marċ tagħha minn Triq il-Pal, u jkompli għal:

**Triq It-Troll, Is-Sejba, Santa Katerina sal-Pjazza tal-Knisja.**

10.00 p.m. Hekk kif iż-żewġ Baned mistiedna jaslu fil-Pjazza, ikomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija.

10.30 p.m. Taħt id-Direzzjoni ta' Mro. A. Farruġia, L. Mus. L.C.M. Il-Banda Queen Victoria tas-Soċjeta' Karmelitana taż-Żurrieq tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' Programm Strumentali. (Aktar dettalji f'paġna 103 )

**It-Tnejn, 15 ta' Awissu - l-Għid ta' l-Assunta**

10.15 a.m. Wara d-daqq tal-Glorja, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Camilleri, L. Mus. V.C.M. A. Mus. L.S.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' fil-Għodu, li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal:

**Triq il-Ġilju, Troll, Sejba, Santa Katerina, Santa Marija, Iċ-Ċavi, Kileb, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, Santa Katerina, San Bażilju, il-Langas, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, għall- Pjazza quddiem il-każin.**

6.00 p.m. Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farruġia, L. Mus. L.C.M. tibda marċ minn Triq Valletta għal:

**Triq il-Karmnu, il-Pjazza tal-Knisja, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm quddiem il-Każin.**

7.15 p.m. Waqt il-Ħruġ tal-Proċessjoni, il-Banda Aniċi ta' Ħal-Qormi, taħt id-direzzjoni ta' Mro. F. Galea, F.L.C.M., tilqa' l-istatwa fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-Ave Maria u bl-Innu Marċi, biex wara takkumpanjaha mad-dawra tal-purċissjoni.

8.45 p.m. Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjeta' tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farruġia, L. Mus. L.C.M., tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev. G. Martin, A. Mus. L.C.M., O.S.T.J. fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo S. J. Ikantaw it-Tenur Brian Ċefai u l-Baritonu Joe Huber, L.R.S.M., flimkien mal-Kor tax-Xebbiet tas-Soċjeta', immexxi bħal dejjem minn Mro A. Camilleri, L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M. surmast/direttur tal-Banda tagħna. Wara l-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha. (Aktar dettalji f'paġna 103 )

10.15 p.m. Il-Banda Aniċi tagħlaq il-Festa b'marċ brijużi l jibda minn Triq il-Parroċċa għall-Pjazza quddiem il-Każin, akkumpanjata mid-Dilettanti tan-Nar, soċji u partitarji.

**IL-KUMITAT EŻEKUTTIV JIRRINGRAZZJA BIL-QUDDIEM LILL-MEMBRI U L-PARTITARJI KOLLHA TAL-KOPERAZZJONI SĦIĦA WAQT IL-ĠIMGĦA MARĊI U JISĦAQ BIEX**

**NIFIRĦU MINGĦAJR MA NOFFENDU**

# LINDA STORES

## 46, REPUBLIC SQUARE, ŻURRIEQ.

**TELEPHONE: 827215**
**Prop. P. Cardona**

Għal dak li tiġi bżonn biex tarma darek,
l-ewwel asal wasla sa LINDA STORES - ŻURRIEQ

## hemm issibu:

Varjeta' ta' Linef tal-Kristall u tal-Bronze
Stock varjat ta' Fridges - Cookers - Washing Machines
Mixers - Videos & Colour Televisions.
Minbarra ħafna rigali sbieħ u oġġetti oħra.
Kollox bi prezzijiet imraħħsa
Ħlas bin-nifs aċċettat.

# NAXOS TYRE CENTRE

St. Thomas Street, Luqa
Fax / Telephone: 661138 Mobile: 099 4682
*(Opp. Runway)*

* Puncture * Battery & Tyre Services
* KN Alloy Wheels (Made in UK)
* Wheel Balancing
* Electronic Wheel Alignment
* Other Car Accessories
* Model Centre






# L-AQWA BRIJU BL-AQWA MARĊI........

## SETTIJIET TA' MARĊI LI L-BANDA RE GORG V SER IDDOQQ MATUL IL-FESTA 1994

## ★ MARĊI ĠODDA 1994 - 1995 ★

| ISEM IL-MARĊ | KOMPOŻITUR | IRREGALAT MINN |
|---|---|---|
| Elaine* | Mro. A. Camilleri | A. Camilleri |
| Tal-Ħbieb* | Mro. G. Martin | Familja Martin |
| Ta' l-Għoli* | Mro. E. Buġeja | M. Żammit |
| The Best* | Mro. A. Camilleri | Dilettanti tan-Nar |
| Ċelebrita' | Mro. A. Mizzi | C. Briffa |
| Ċensu l-Bully* | Mro. A. Coleiro | J. Camilleri |
| Champion Reds* | Mro. A. Camilleri | Grupp ta' l-Armar |
| Lucky Star* | Mro. A. Farruġia | A. Farruġia |
| Queen of Heaven* | Mro. A. Camilleri | Fergħa tan-Nisa |
| Red Arrows | Mro. R. Sciberras | M. Ghigo |
| Always Right | Mro. R. Fenech | M. Żammit |
| Pablito* | Mro. A. Mizzi | C. Żahra |
| L-Akbar Titular | Mro. E. Buġeja | A. Żahra |
| Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija* | Mro. A. Camilleri | Sezzjoni Żgħażagħ |

***Dawn l-erbatax il-marċ, flimkien ma' l-Innu tal-Banda Re Ġorġ V, ġew irrekordjati fuq cassette għand Boffa Ltd. (aktar dettalji f'paġna 91 ) Ngħarfu wkoll li nhar il-15 ta' Awissu, Jum l-Għid ta' l-Assunta, Radju Malta 1 ser ixandar il-marċi immarkati*.***

| | | |
|---|---|---|
| Serjeta' | Mro. R. Fenech | A. Żammit |
| Emperor | Mro. A. Mizzi | M. Farruġia |
| Kemm aħna Kbar | Mro. R. Fenech | P. Gauċi |
| King of Kings | Mro. A. Mizzi | J. Galea |
| Jes-Don-Mark | Mro. R. Fenech | M. Żammit |

## MARĊI POPOLARI LI SER JINDAQQU MATUL IL-MARĊ TA' FIL-GĦODU

| | | |
|---|---|---|
| Omm l-Ommijiet | Mro. A. Camilleri | A. Camilleri |
| Ta' Gerrew | Maj. A. Aquilina | V. Galea |
| Felix | Mro. A. Coleiro | V. Galea |
| Adriana | Mro. E. Buġeja | M. Ghigo |
| Come on Baldass | Maj. A. Aquilina | G. Psaila |
| Prima Classe | Mro. A. Camilleri | A. Camilleri |
| La Vincitrice | Mro. A. Coleiro | V. Galea |
| Ferħanin | Mro. E. Buġeja | P. Żerafa |
| Ta' Gori | Mro. A. Mizzi | J. Galea |
| Agrigento | Mro. A. Coleiro | I. Camilleri |
| Superstars | Arr. Mro. A. Camilleri | A. Camilleri |
| Marija Assunta | Mro. L. Farruġia | L. Farruġia |

## ST. PETER IRONMONGER & HOUSEHOLD GOODS

(Joe Farrugia)

TRIQ IT-TROLL — MQABBA.

TEL: 680143

JISSUPPLIXXU:

- KMAMAR TAL-BANJU
- MADUM TA' KULL KWALITA U STIL MILL-AQWA
- GEYSERS U STAINLESS STEEL SINKS
- FITTINGS TAD-DAWL U ILMA
- ASBESTOS PIPES U ŻEBGĦA TA' KULL KWALITÀ

U OĠĠETTI UTLI GĦALL-INDUSTRIJA TAL-BINI

# NOEL'S
# CONFECTIONERY



ACCEPTS ORDER FOR
WEDDINGS, BAPTISMS
PARTIES ETC, ETC.

VJAL L-INDIPENDENZA , ŻURRIEQ.
TELEPHONE: 680458

**Aħsbu kmieni għal kull ordni sabiex ma toħorġux diżappuntati.**

# MQABBA RADIATORS

Triq is-Saljatura, Mqabba
Tel: 685826

Għall tiswija u Bejgħ ta' kull
tip ta' Radiators,
Xogħol garantit
Materjal ta' kwalità



PREZZIJIET NEGOZJABLI

# SERVIZZI TAL-BANDA RE ĠORĠ V GĦAS-SENA 1994

| DATA | OKKAŻJONI | SERVIZZ | LOKAL |
|---|---|---|---|
| 18 ta' April | | Recording | |
| 26 ta' Mejju | San Ġużepp | Marċ ta' l-ewwel Tridu | Kirkop |
| 11 ta' Ġunju | San Filep | Marċ u Programm - Lejlet il-Festa | Żebbuġ |
| 26 ta' Ġunju | San Nikola | Marċ tan-Nar | Siġġiewi |
| 3 ta' Lulju | San Pawl | Marċ nhar il-Festa | Rabat |
| 30 ta' Lulju | Santa Marija | Lejla Maltija | Mqabba |
| 9 ta' Awissu | Santa Marija | Ħruġ il-Vara | Mqabba |
| 10 ta' Awissu | Santa Marija | Marċ u Programm | Mqabba |
| 13 ta' Awissu | Santa Marija | Marċ tradizzjonali ta' l-Aħħar Tridu | Mqabba |
| 15 ta' Awissu | Santa Marija | Marċ ta' Jum l-Għid ta' l-Assunta | Mqabba |

## CASSETTE ĠDID TA' MARĊI BRIJUŻI

Bħas-snin l-imgħoddija żammejna t-tradizzjoni, dik li kull sentejn nirrekordjaw sett marċi ġdid. Fil-fatt, nhar it-Tnejn, 18 ta' April, il-bandisti tal-post flimkien ma numru limitat ta' bandisti barranin, iltqajna fl-istudios ta' Boffa Ltd. fejn, taħt id-direzzjoni ta' Mro. A. Camilleri L. Mus. V.C.M., irrekordjajna erbatax il-marċ kif ukoll l-Innu tal-Banda. Nistiednu lill-partitarji kif ukoll lid-delettanti kollha tal-marċi Maltin biex jakkwistaw kopja ta' dan il-cassette u li jinkludi uħud mill-aqwa marċi tal-mument kif ukoll kompożizzjonijiet ġodda tas-surmast tagħna, fosthom il-marċ form mistenni **Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija**. B'ħin ta' siegħa w nofs u riprodott fuq cassette TDK, qed jinbiegħ għall-prezz ta' Lm 2.50 biss, mill-ħwienet tad-ditta Boffa f'Raħal Ġdid u l-Belt kif ukoll minn għand il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv u dak taż-Żgħażagħ. "Nifirħu mingħajr ma Noffendu" hija publikazzjoni tas-Sezzjoni Żgħażagħ u li qed titqassam b'xejn lill-partitarji kollha ma kull cassette li jinxtara: fiha ġabra ta' sittax-il Innu Marċ biex jitkantaw matul il-Festa mingħajr ma nonqsu mir-rispett lejn ħadd.

FESTA SANTA MARIJA - MQABBA

BANDA RE ĠORĠ V - MQABBA

1994




### MARĊI BRIJUŻI 1994

**SIDE A**

| | |
|---|---|
| ELAINE | Mro. A. Camilleri |
| TAL-ĦBIEB | Mro. G. Martin |
| TA' L-GĦOLI | Mro. E. Buġeja |
| THE BEST | Mro. A. Camilleri |
| ĊELEBRITA' | Mro. A. Mizzi |
| ĊENSU L-BULLY | Mro. A. Coleiro |
| CHAMPION REDS | Mro. A. Camilleri |

**SIDE B**

| | |
|---|---|
| LUCKY STAR | Mro. A. Farruġia |
| QUEEN OF HEAVEN | Mro. A. Camilleri |
| RED ARROWS | Mro. R. Sciberras |
| ALWAYS RIGHT | Mro. R. Fenech |
| PABLITO | Mro. A. Mizzi |
| L-AKBAR TITULAR | Mro. E. Buġeja |
| SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ S.MARIJA | Mro. A. Camilleri |
| INNU TAL-BANDA RE ĠORĠ V | Mro. A. Camilleri |

Mro. Anthony Camilleri L. Mus. V.C.M.
Surmast/Direttur

Irrekordjat għand Boffa Studios, Paola.

Copyright Reserved.

Issettjat u Stampat - Bonnici's Press
36 St. Paul Str., Vall - Tel: 224607

# PRIME LTD.

**HAM, BACON, MORTADELLA, SAUSAGES, BURGERS, GROUNDBEEF, PIES**

Produced by **PRIME LTD.** Mgieret Road, Marsa, Malta. Tel: 222291/2



# BESTMARK - SUB POST OFFICE

Rokku Buħaġiar Street, Qrendi.
Telephone: 685872

## Ħanut Modern fiċ-Ċentru fejn issibu Rigali għal kull okkażjoni.

LINEF - ELECTRICAL APPLIANCES - GĦAMARA
ĦWEJJEĠ - TOYS - HABERDASHERY - STATIONERY
PHOTOCOPY SERVICE - SOUVENIERS TAT-TIEĠ
FILM DEVELOPING SAME DAY SERVICE
Naċċettaw Wedding u Engagement Lists

## BESTMARK - Għal kull ħaġa li tixtieq fid-dar.

## *SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (1)*

# BANDA SAN ĠUŻEPP KIRKOP

Din il-banda, bħal kważi kull banda oħra f'Malta, taf il-bidu tagħha lill-fratellanza ta' l-istess Patrun, li ġiet imwaqqfa solenniement fl-10 ta' Ġunju, 1878 mill-kappillan tar-raħal Dun Ġużepp Barbara D.D.

Fl-1886, il-fratelli ħasbu għal statut ġdid apparti dak tal-fratellenza u ftehmu biex jifthu każin fil-pjazza ewlenija ta' Ħal-Kirkop, ħalli fih jiltaqgħu u barra li jirrekrejaw irwieħhom, jaħsbu minn jum għal ieħor għal festa ta' San Ġużepp. Huma kienu dejjem mgħedijin kif ser ikabbru l-festa u l-knisja bit-tiżjin u l-armar.

Għall-bidu ta' 1948, bdiet tinħass il-ħtieġa li titwaqqaf il-banda minn fost is-soċji stess. Ċertu Karmnu Debono magħruf bħala l-'Bott' ħa ħsieb iħajjar il-Ġużeppini żgħażagħ għat-tagħlim tal-mużika. Bħala l-ewwel surmast/direttur, ġie maħtur Jimmy Worley. Dan il-maħbub surmast ħadem bis-sħiħ u rawwem ħafna bandisti. Fil-fatt insibu li għall-ewwel programm mużikali li sar fil-5 ta' Frar, 1950, ħarġu mhux inqas minn għoxrin bandist tal-post.

Fl-ewwel programm insibu li l-banda esegwiet siltiet mill-opri ta' La Gioconda, il-Guaraney u l-Bambolina. Minn dak in-nhar, il-banda baqgħet tieħu sehem ta' kull sena. Fl-ewwel snin tas-sittinijiet, jiġifieri fl-infanzja tagħha, il-banda ħadet l-ewwel skossi. L-emigrazzjoni, li f'dawk iż-żminijiet kienet fl-aqwa tagħha, lagħbet parti qawwija li saħansitra l-banda sfrattat. Intant fl-1966, ċertu Mikiel Farruġia miż-Żurrieq daħal b'ruħu u ġismu biex jerġa' jqajjem il-banda. B'entużjażmu u b'interess personali, ta l-frott mixtieq għax sena wara, jiġifieri fl-1967, il-banda ħarġet bil-marċ brijuż ta' nofs in-nhar. Dan reġa' xegħel lill-partitarji b'ħeġġa kbira u mela l-vojt u l-apatija li taqa' minn żmien għal żmien f'kull soċjeta'.

Fl-1979, is-Soċjeta' Mużikali San Ġużepp għaddiet taħt it-tmexxija tal-ħabrieki surmast J.M. Bilocca, biex is-sena li għaddiet, jiġifieri fl-1993, il-banda għaddiet taħt it-tmexxija ta' Mro. Alfred Farruġia, fil-waqt li Mro. Bilocca nħatar Surmast Onorarju.

***Is-sett tal-marċi li din il-banda, ser iddoqq nhar il-Ħamis, 11 ta' Awissu, 1994 jinkludi:***

| | |
|---|---|
| Lucky Star | Mro. A. Farruġia |
| Merħba l-Festa tagħna | Mro. J.M. Bilocca |
| Sempre Victor | Mro. E. Buġeja |
| Serjeta' | Mro. R. Fenech |
| Sweru 1977 | Mro. H.H. Dalli |
| Lill-Partitarji | M. Azzopardi |
| Ix-Xiħ | Maj. A. Aquilina |
| Nikita | Mro. A. Coleiro |
| Lazer | Mro. P. Schembri |
| Aħna ta' Ġilda | Mro. R. Pisani |
| Christ | J. Boffa |
| Rotterdam '91 | Mro. A. Mizzi |
| Demm Ġużeppin | Mro. A. Farruġia |

Mro. A. Farruġia, L (Mus) L.C.M.
Surmast/Direttur




# BUY OR SELL YOUR CAR TO




## FRANK AUTO DEALER

**MDINA ROAD, QORMI - TEL/FAX: 445567**

**(Infront of the Coca Cola Factory)**

Awguri mingħand Frank Auto Dealer ta' Mdina Road, Qormi, negozjant ta' karozzi ġodda u second hand, li joffri prezzijiet tajba għall-karozzi ta' kwalita tajba, u kif ukoll iħabbar li il-ftuħ tas-sala FranXavier hu mistenni għas-sena 1995.

## *SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (2)*

# BANDA 12th MAY ŻEBBUĠ

Is-Soċjeta' 12th. May ta' Ħaż-Żebbuġ twaqqfet fit-22 ta' Ottubru, 1961, mis-sur Filippu Grech, u sena wara ġiet iffurmata l-Banda li ġġib l-istess isem, bl-ewwel surmast fundatur tagħha jkun il-mibki iżda qatt minsi Mro. Amante Attard. Daqqet għall-ewwel darba fil-festa ta' San Filep ta' l-1962 u f'Diċembru ta' l-istess sena għamlet l-ewwel servizz tagħha barra Ħaż-Żebbuġ meta ħadet sehem fil-festi ċentinarji tal-Banda Pinto ta' Ħal-Qormi.

F'qasir żmien, din il-banda stabbilixiet ruħha bħalha waħda mill-aktar popolari ta' dawn il-gżejjer, b'numru sabiħ ta' bandisti tal-post u bi strumentatura mill-aħjar. Xhieda ta' dan huwa l-fatt li l-banda, barra s-servizz sħiħ fil-festa ta' San Filep, beda jkollha numru sabiħ ta' servizzi barra minn Ħaż-Żebbuġ bħal, fost l-oħrajn, fil-Belt Valletta, f'San Duminku u l-marċ ferm popolari nhar Santa Marija filgħodu fir-Rabat Għawdex.

Il-Banda 12th. May esegwiet programmi kbar f'serati Mużiko/Letterarji u f'anniversarji, kif ukoll ħadet sehem fil-festi Nazzjoanli tal-1967, 1985 u 1987.

Fl-1981, ħa t-treġija tal-bada Mro. Henry Camilleri u li dam jokkupa din il-kariga sa l-1992, meta l-banda għaddiet għall-perjodu qasir f'idejn Mro. Raymond Fenech. Kmieni din is-sena il-banda ġiet fdata f'idejn is-Surmast Żebbuġi Mro. Charles Cachia, li aktar qabel fil-karriera mużikali tiegħu kien anke okkupa l-kariga ta' Assitent Surmast ta' l-istess banda għal 'l fuq minn disa' snin.

Fil-preżent għandha numru sabiħ ta' bandisti tal-post kif ukoll impenn mużikali s-sena kollha: biżżejjed wieħed isemmi t-tlettax il-servizz li għandha matul l-1994, wieħed minnhom ikun propju dak tat-Tieni Tridu ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba. Il-lista tal-marċi li ġejjin ser jindaqqu matul il-marċ li din il-banda popolari ser tagħmel ġewwa l-Imqabba **nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Awissu, 1994:**

| | |
|---|---|
| Marayong | Mro. R. Fenech |
| Michael, 10 snin Seg. | Mro. H. Attard |
| Maria | Mro. M.L. Bonnċi |
| Gesundomann | Mro. H. Farruġia |
| Sunrise | Mro. A. Attard |
| El Conquistador | Mro. R. Fenech |
| Aggira Palace | Mro. Ph. Gatt |
| Mariuslin | Mro. A. Mizzi |
| Serjeta' | Mro. R. Fenech |
| Lill-Membri Ħabrieka | Mro. P.P. Ċiantar |
| Nicolette | Mro. A. Coleiro |
| The Successor | Mro. R. Fenech |
| Ta' Gerrew | Maj. A. Aquilina |
| La Vincitrice | Mro. A. Coleiro |

*Mro. Charles Cachia,*
*Surmast/Direttur*

**ID-DROGA:**
tgħerrilek moħħok u teqridlek ħajtek.
**IL-MUŻIKA:**
tiftaħlek moħħok u tagħtik skop f'ħajtek.


Żewġ periti, erba' skrivani, żewġ atleti, bank wieħed.
Bank Ġdid b'il fuq minn Mitt Sena Storja.
IDENTITA' ĠDIDA - VIŻJONI ĠDIDA - PRODOTTI ĠODDA - VALURI TRADIZZJONALI
Mid-Med
BANK
Habib Ghal Hajtek

## *SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (3)*

# BANDA KONTI RUĠĠIERU RABAT

Is-Soċjeta' ta' San Pawl, Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat Malta hi waħda mill-eqdem baned li hawn ġo pajjiżna. Kien propju nhar il-25 ta' Lulju 1869, meta sbatax - il Rabti Pawlin marru għand in-Nutar G.H. Buħaġiar biex jagħmlu kuntratt għall-ftuħ ta' skola mużikali, kif kienu jissejħu f'dak iż-żmien.
Il-Filarmonika Konti Ruġġieru hi magħrufa bħala l-Banda prinċipali tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat minħabba s-sehem tagħha f'kull okkażjoni speċjali tal-Parroċċa waħdanija ġewwa r-Rabat. Fost dawn insibu l-Festa prinċipali ta' *Corpus Christi* u l-Festa Titulari tal-Martirju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl.
Matul il-125 sena li ilha mwaqqfa, il-Filarmonika Konti Ruġġieru dejjem gawdiet isem tajjeb bħala waħda mill-aqwa baned f'pajjiżna. Dan hu mertu tal-benefatturi għeżież tas-Soċjeta' kif ukoll tas-Surmastrijiet/Diretturi ta' kalibru u talent liema bħalu. Fost dawn insibu lill-ewwel surmast/direttur E. Aġius, F.Xuereb, A.E. Aġius, G. Vitaliti (minn Milan), G. Bellizi (li kien ukoll imexxi l-Banda ta' l-Ammiral) u għal aktar minn 50 sena sħaħ, lill-wisq mibki u magħruf Mro. Vinċenzo Ċiappara.
Fost il-Presidenti li matul iż-żmien mexxew lil din is-Soċjeta' nsibu lill-Imħallef Agostino Naudi u lill-Konti Dr. A. Carauna Gatto. Wieħed mill-personalitajiet distinti li kien ammiratur kbir tas-Soċjeta' , kien il-Ġen. Sir Henry Macleod Leslie Rundle, ex-Gvernatur ta' Malta li kien iħobb jirreferi għall-Filarmonika Konti Ruġġieru: *"This is my band"*.
Din is-Soċjeta' hija mgħonija b'wieħed mill-aqwa (jekk mhux l-aqwa), arkivji mużikali ta' pajjiżna. Dan għaliex il-mużika li tinsab fih ġiet traskritta kollha għall- *Grande Banda* minn Professuri Taljani magħrufa bħal Neri, Ascolese, Moisasi, Pennacchio, Mascagni, Manente, Peroni, Mazzocca, Collausi u Vessello, fost l-oħrajn, kif ukoll mill-ex Surmastrijiet /Diretturi tal-Banda Mro. V. Ċiappara u Mro. G. Vitaliti.
Il-Filarmonika Konti Ruġġieru tar-Rabat għandha madwar tletin servizz fis-sena li fost l-oħrajn jinkludu l-Programm Annwali ta' mużika serja. Dan jikkommemora t-twaqqif tas-Soċjeta' u hu magħruf aħjar bħala l-Programm il-Kbir minħabba l-mużika diffiċli u impenjattiva li matulu tindaqq.
Fil-preżent, il-Filarmonika Konti Ruġġieru hi mmexxija mill-Professur Joseph Vella B. Mus., F.L.C.M., li ilu jokkuppa din il-kariga sa mill-1974.
Il-programm strumentali li din il-Banda ser tesegwixxi **nhar l-14 ta' Awissu, lejlet l-Għid ta' l-Assunta**, hekk kif tispiċċa l-quddiesa, jinkludi:

| | | |
|---|---|---|
| Marcia Sinfonica | Omaggio alla Francia | G. Vitaliti |
| Sinfonia | La Gazza Ladra | G. Rossini |
| Marcia Sinfonica | Amore e Musica | V. Ċiappara |
| Sinfonia | Nabucco | G. Verdi |
| Innu | Banda Konti Ruġġieru | G. Vitaliti |
| Innu | Malti | R. Samut |

Wara, l-Filarmonika Konti Ruġġieru tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'dawn il-kompożizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| **Astra** | **Mro. J. Vella** |
| **Victory** | **Mro. V. Ċiappara** |
| **Lid-Dilettanti tan-Nar Rabtin Pawlini** | **Mro. J. Muscat** |
| **Saulo, Saulo** | **Mro. J. Azzopardi** |
| **Charlene** | **Mro. S. Ġiordimaina** |
| **Marie Isabelle** | **Mro. C. Borġ** |
| **Karmena u Lieni Għeluq** | **Mro. P.P. Ċiantar** |
| **Il-125 Anniversarju** | **Mro. S. Żammit** |
| **Amitie** | **Mro. V. Ċiappara** |
| **Il-25 ta' Lulju, 1869** | **Mro. A. Camilleri** |
| **Sahara Dessert** | **Mro. J. Azzopardi** |
| **My 70th. Birthday** | **Mro. J. Muscat** |
| **Ġiov - Carm.** | **Mro. C. Muscat** |
| **Lill-Kumitat** | **Mro. J. Muscat** |

*Professur Mro. Joseph Vella, B. Mus., F.L.C.M.*
*Surmast/Direttur*

SUPER 5 36

*The numbers game*

- Select 5 numbers from 1 to 36
- Available from any Lotto Office
- Draw Wednesdays
- Tickets 50 cents each

- Wins for 5 numbers matched out of 5 numbers drawn
  4 numbers matched out of 5 numbers drawn
  3 numbers matched out of 5 numbers drawn

Public Lotto Department

# CHARLES MOTOR SERVICES

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 820275 - 689024

CHARLES MOTOR SEF



Mechanic Works
on Heavy Plants
and Engines.
24 Hrs. Towing Services
and Tyre Service.
Truck Boxes fitted
on Chassis Cab.

## *SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (4)*

# BANDA ANIĊI QORMI

Din is-sena, l-Banda Aniċi ta' Ħal-Qormi qed tfakkar għeluq is-sitt sena sa mit-twaqqif tagħha. Għalkemm l-ewwel dehra uffiċjali tagħha bħala banda kien f'Jum ir-Repubblika ta' l-1987, meta daqqet ġewwa l-Belt Valletta, il-ftuħ uffiċjali tas-Soċjeta' seħħ nhar it-23 ta' April ta' l-1988, bil-fundaturi tagħha jkunu s-sinjuri J.M. Spiteri, C. Spiteri (R.I.P.), Profs, A. Aġius u S. Debono, flimkien ma Mro. Frank Galea F.L.C.M. Minbarra s-sehem fil-festa ta' San Ġorġ Martri u l-festi u l-purċissjonijiet l-oħra li jsiru Ħal-Qormi (bħall-Ġimgħa l-Kbira, *Corpus Christi* u saħansitra, minn dis-sena, l-Għid il-Kbir ukoll, li matul liema servizz il-Banda żanżnet sett Valzi ta' l-Għid kompożizzjoni ta' Mro. Frank Galea, F.L.C.M., surmast/direttur), il-Banda ta' l-Istilla, kif inhi magħrufa, tieħu sehem f'diversi festi Maltin u Għawdxin. Kienet ambaxxatriċi għall-Malta anke barra minn xtutna, meta daqqet nhar il-Jum Nazzjonali fil-Libja, propju f'dan il-pajjiż Nord Afrikan. Ta' min jammira lil din is-Soċjeta' Mużikali li f'qasir żmien irnexxiela, mix-xejn, tibni każin ġdid u banda b'element żgħażugħ u numeruż. Għat-tielet sena konsekuttiva, din il-banda Qormija ser tieħu sehem fil-festa ewlenija ta' l-Imqabba, permezz ta' marċ mad-dawra tal-purċissjoni, segwit mill-marċ ta' l-aħħar, li tant intlaqa' tajjeb is-sena l-oħra.

Uħud mill-marċi li ser jindaqqu **nhar it-Tnejn, 15 t'Awissu, 1994**, nhar l-Għid ta' l-Assunta, jinkludu:

| | |
|---|---|
| Aniċi Supernova | Mro. F. Galea |
| Il-Faċċata fuq il-Fil | Maj. A. Aquilina |
| G.S.I.G. | Mro. V. Ċiappara |
| Queen of Queens | Mro. A. Coleiro |
| Tal-Bandiera | Rev. T. Frendo |
| Georgette | Mro. L. Bongailas |
| La Vincitrice | Mro. A. Coleiro |
| Il-Kanonku George | Mro. A. Calleja |
| Forza Dynamos | Mro. V. Bonniċi |
| L-Arblu l-ġdid | Mro. G. Vella |
| Gorgcharlene | Mro. E. Buġeja |
| Wenzinos | Maj. A. Aquilina |
| King of Kings | Mro. A. Coleiro |

Mro. Frank Galea, F.L.C.M.
Surmast/ Direttur

## FIL-JIEM TAL-FESTA

### NERSQU AKTAR LEJN IL-KNISJA BIEX:

1. Nieħdu sehem attiv fil-funzjonijiet Liturġiċi kollha;
2. Napprezzaw il-ġawhra ta' tempju li jkollna armat fil-Festa Titulari.

# ĦAĠAR QIM

*Bar and Restaurant - Ħaġar Qim*

Prop: Mrs. J. Cini

Tel: Mobile: 0997329

# JAMES GREEN

**FUNERAL SERVICE**

**IRRIKORRU:**
**'GREEN HOUSE'**
**ST. CATHERINE STREET,**
**QRENDI.**

**TELEPHONE: 827791**
**TELECELL: 099 4880**

# BRITISH AMERICAN INSURANCE CO. LTD.

FOR LIFE AND
PERSONAL ACCIDENT INSURANCE
CONTACT

VICTOR SPITERI
(Financial Advisor)
Phone: 484784

## SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (5)

# BANDA QUEEN VICTORIA ŻURRIEQ

Sa mis-sena 1805, fiż-Żurrieq kienet teżisti xi attivita' mużikali. Għal ħabta ta' l-1838, fir-raħal taż-Żurrieq kienet teżisti banda ballabli. Aktar tard fis-sena 1860, meta f'Malta bdew jitwaqqfu xi għaqdiet mużikali, fiż-Żurrieq kienet twaqqfet ukoll il-*Filarmonica del Zurrico* minn fdal ta' orkestra li kienet teżisti fir-raħal fis-sena 1865 immexxija minn Mro. Luigi Carabott. Fis-sena 1875, il-*Filarmonica del Zurrico* għaddiet f'idejn Mro. Carmelo Żammit. Fis-sena 1883, f'din il-banda seħħet firda u b'hekk twaqqfet banda ġdida immexxija mis-surmast Nazju Catania. Il-*Filarmonica del Zurrico* baqgħet fl-istess dar u bl-istess direttur Mro. Carmelo Żammit, li sab l-appoġġ sħiħ tal-Kavallier Charles dei Marchesi Zimmermann Barbaro, u b'hekk il-Banda ġiet imlaqqma il-*Filarmonica del Cavalier*. Fis-sena 1895, iż-żewġ baned imsemmija aktar 'il fuq reġgħu ngħaqdu f'Banda waħda taħt is-surmast Carmelo Żammit u l-Banda assumiet l-isem ta' *Filarmonica La Concordia*. Imma din l-għaqda taż-żewġ baned kienet rabta ċoff għaliex ma damx wisq ma reġa' nqala' inkwiet serju bil-konsegwenza ta' qrati, tweġħir u kawżi li spiċċaw b'rebħa għas-surmast Carmelo Żammit u sħabu l-Bandisti u s-soċji li baqgħu lejali lejh. Wara dan kollu, fuq talba ta' dawn stess, il-Banda *La Concordia* daħlet taħt il-protezzjoni taċ-*Circolo La Stella* (illum Għaqda Karmelitana). Fis-sena 1908, il-Banda saret magħrufa bħala l-*Filarmonca Reġina Vittoria*, isem li għada ġġib sal-lum.

Insibu li, sa mis-sena 1920, il-Banda *Queen Victoria* kienet tieħu sehem fil-festi ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba. Għal dawn l-aħħar wieħed u tletin sena, din dejjem tat is-sehem tagħha f'din il-festa hekk popolari. Fl-1977, il-President tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V irregala sett gandilabri tal-fidda lil din il-Banda bħala turija ta' apprezzament għall-kontribut kontinwu tagħha fil-festa Titulari ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba.

Minn qalbna nixtiequ aktar suċċessi lis-Soċjeta' Karmelitana, aktar w aktar issa, wara snin twal ta' taħbit, li għandha l-Każin tagħha u daqt jinbeda' t-twaqqiegħ u l-bini ta' l-istess każin mill-ġdid.

Matul **nhar il-Ħadd, 14 ta' Awissu** u **nhar it-Tnejn, 15 ta' Awissu, 1994**, il-Banda popolari *Queen Victoria* taż-Żurrieq ser tagħmel marċi mat-toroq tar-raħal, u ser jindaqqu dawn il-kompożizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| L-aħwa Joseph u Francis Vella | Mro. A. Farruġia |
| Kevin u Gordon | Mro. E. Buġeja |
| Maestrija | Mro. J. Tanti |
| Sezzjoni Żgħażagħ Karmelitani | Mro. A. Camilleri |
| Mro. Carmelo Żammit | Mro. A. Farruġia |
| 10 ta' Novembru, 1993 | B. Buġeja |
| Top Standards | C. Vella |
| Mamo 'id-Didi' | Mro. E. Buġeja |
| CA NO PA | Mro. A. Farruġia |
| 25 Sena Segretarju | Mro. E. Buġeja |
| Oriental | Mro. E. Buġeja |
| Karmelitani Żrieraq | Mro. A. Farruġia |
| Jum il-Festa | Mro. E. Buġeja |

Mro. Alfred Farruġia, L. Mus. L.C.M.
Surmast/Direttur

**Dettalji dwar il-Programmi Mużikali ta' l-istess banda jidhru f'paġna 103.**

The Fastest
The most convenient
The traditional

# Louvered Windows



Express Aluminium Ltd.

Enquiries: Mdina Road, Żebbuġ
Tel: 461078

# JJ supermarket

Dr. N. Zammit Street, Siġġiewi Tel: 466444

For Comfortable Shopping



Free Delivery on Request

| | | |
|---|---|---|
| Open Daily | Winter | 7.15 a.m. – 7 p.m. |
| | Summer | 7.00 a.m. – 1 p.m. |
| | | 4 p.m. – 7 p.m. |
| | Sat. | 7 a.m. – 3 p.m. |

## PROGRAMMI MUŻIKALI LI L-BANDA QUEEN VICTORIA TAŻ-ŻURRIEQ SER TESEGWIXXI LEJLET U NHAR IL-FESTA TA' SANTA MARIJA

**Nhar il-Ħadd, 14 ta' Awissu, fl-10.30 p.m., quddiem il-każin:**

| | | |
|---|---|---|
| OVERTURE | THE MARRIAGE OF FIGARO | W.A. MOZART |
| CAPRICCIO | PER QUARTINO | C. ŻAMMIT |
| FANTASIA | CAVALLERIA RUSTICANA | P. MASCAGNI |
| OMAGGIO | QUEEN VICTORIA | E. BUĠEJA |
| INNU | MALTI | R. SAMUT |

**Nhar it-Tnejn, 15 ta' Awissu, fit-8.30 p.m., quddiem il-każin:**

| | | |
|---|---|---|
| INNU | LIL SANTA MARIJA MTELLGĦA S-SEMA | G. MARTIN |
| MEDITATION | AVE MARIA | BACH/GOUNOD |
| BALLET MUSIC | PRINCE IGOR | A. BORODIN |
| OMAGGIO | QUEEN VICTORIA | E. BUĠEJA |
| INNU | MALTI | R. SAMUT |

*Mro. Alfred Farruġia, L. Mus., L.C.M.*
*Surmast/Direttur*

## FESTA TA' SANTA MARIJA 1993
## RENDIKONT TAL-FESTA FIL-KNISJA

**DĦUL**

| | |
|---|---|
| Ġbir bl-envelopes bieb bieb | Lm 930.40.0 |
| Ġbir fil-Knisja | Lm 461.75.0 |
| | Lm 1392.15.0 |

**ĦRUĠ**

| | |
|---|---|
| Żbilanċ mis-sena 1992 | Lm 218.25.0 |
| Personell Barrani | Lm 129.50.0 |
| Orkestra/Organista/Vuċijiet | Lm 722.00.0 |
| Daqq ta' Qniepen/Kappi/Anterni/Salib | Lm 111.00.0 |
| Dwal Faċċata/Koppla/Kampnar | Lm 300.00.0 |
| Fjuri | Lm 33.90.0 |
| | Lm 1514.65.0 |

| | |
|---|---|
| **DĦUL** | **Lm 1392.15.0** |
| **ĦRUĠ** | **Lm 1514.65.0** |
| ŻBILANĊ | Lm 122.50.0 |



# MID-DJARJU TAS-SOĊJETA'..............

**Din il-paġna ġdida ħassejna l-ħtieġa li nintroduċuha f'dan il-ktejjeb annwali tagħna sabiex nuru kemm verament is-Soċjeta' tagħna hi waħda ferm attiva w impenjata s-sena kollha. Dawn l-attivitajiet li jidhru hawn taħt saru bejn ix-xhur ta' Awissu '93 u Ġunju '94:**

| *DATA* | *ATTIVITA'* |
|---|---|
| 22/8/93 | L-ewwel Lejla Maltija li qatt saret ġewwa l-Imqabba. |
| 27/8/93 | Is-Soċjeta' laqgħet u feraħet lil Fr. Noel Camilleri, qassis novel li għoġbu jqaddes quddiesa fil-Parroċċa ta' l-Imqabba, fejn hu mgħammed missieru. |
| 29/8/93 | Inġabret private għall-Festa ta' San Bert fil-Għargħur. |
| 6/9/93 | Saret sparatura fuq il-plattini, sponsorjata mis-Sur Joseph Farruġia (Farell). Din saret il-post tan-nar u r-rebbieħa kienu s-sinjuri Paul Farruġia, Andrew Żammit u Charlie Żammit. |
| 8/9/93 | Mawra għal Għawdex. |
| 16/9/93 | Is-Soċjeta' laqgħet it-tfal u ż-żgħażagħ minn **Chernobyl**. |
| 17/9/93 | Ikla l-każin, organiżżata lil tan-nar mill-Barman, is-Sur Raymond Galea. |
| 30/9/93 | Ikla lil tan-nar, organiżżata mill-Kumitat Eżekuttiv, bħala ringrazzjament lil dawn in-nies tax-xogħol imprezzabbli li jagħmlu minn sena għal'oħra. |
| 23/10/93 | Ikla, fin-*Nigret Night Club*, organiżżata wkoll mill-Kumitat Eżekuttiv, ad unur il-bandisti tal-post kollha bħala ringrazzjament tas-sehem indispensabli tagħhom. |
| 7/11/93 | L-ewwel kunċert tal-banda għall-istaġun 1993/94. Minn dak in-nhar sal-lum, kull nhar ta' Tnejn , il-bandisti tal-post, b'sagrifiċċji kbar, dejjem iltaqgħu biex, taħt it-tmexxija għaqlija ta' Mro. A. Camilleri, L. Mus. V.C.M., M. Mus. L.S.M. jippreparaw bis-sħiħ u bis-serjeta' għall-impenji kollha li jkunu mitlubin jagħmlu minn żmien għal'ieħor. |
| 11/11/93 | *Coffee Morning* fis-sala l-każin, organiżżat mill-Fergħa tan-Nisa. |
| 12/11/93 | Saret il-Laqgħa Ġenerali fuq il-Festa, li fiha jattendu s-soċji u partitarji nisa u rġiel kollha. |
| 15/11/93 | Data storika għalina lkoll għaliex uffiċjalment bdiet tiffunzjona s-Sezzjoni Żgħażagħ tas-Soċjeta'. Biex jitfakkar dan il-jum, saret quddiesa *folk* fil-Kappella ta' San Bażilju u wara sar riċeviment fis-swali tal-każin. |
| 16/12/93 | Ikla oħra il-Każin, organiżżata mill-Barman. Fl-istess ġurnata, bdiet tinxtegħel il-Faċċata tal-Każin għall-Kompetizzjoni tal-Milied. (Ara r-ritratt f'paġna104 ) |
| 23/12/93 | *Disco Party* organiżżat mis-Sezzjoni Żgħażagħ ġewwa s-Swieqi. |
| 27/12/93 | Sar il-*Christmas Party* annwali għat-tfal tal-membri u l-partitarji. |
| 31/12/93 | *Dinner Dance* ta' l-aħħar tas-sena, organiżżat mill-Friegħi kollha tas-Soċjeta' fl-Aida Hall, iż-Żurrieq. |
| 6/1/94 | Bdejna s-sena l-ġdida bil-kbir meta għar-raba' darba, ġejna kklassifikati fl-ewwel post fil-kompetizzjoni tat-tiżjin tal-faċċati tal-Każini għall-festi tal-Milied. (Ara kopja taċ-ċertifikat f'paġna 106 ) |

**(Ikompli f'paġna 107 )**


MILIED 1993
L-EWWEL PREMJU
MOGHTI LIL
Soċjeta Sta Marija u Banda Re Ġorġ V Mqabba
FIL-KOMPETIZZJONI
Izjin ta' Faċċata ta' Każini
CHAIRPERSON
(Kumitat Festi Nazzjonali)
SEGRETARJU
CHAIRPERSON
(Kumitat Milied)

## SOĊJETA' SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V

| | |
|---|---|
| 7/1/94 | Il-kumitat piroteknikù Malti ltaqa' fis-sede tas-Soċjeta'. |
| 14/1/94 | Ġie organiżżat l-ewwel *Karaoke Night* li qatt sar fl-Imqabba. |
| 16/1/94 | Il-Fergħa tan-Nisa organiżżat *High Tea* fis-swali tal-Każin. |
| 27/1/94 | Attivita' oħra mill-Fergħa tan-Nisa, din id-darba sar *Coffee Morning*. |
| 4/2/94 | Saret il-laqgħa ġenerali annwali għall-membri tal-Każin. |
| 11/2/94 | Is-Sezzjoni Żgħażagħ organiżżat serata karnivaleska f'sala l-Qrendi. |
| 19-20/2/94 | Saret il-votazzjoni għall-Kumitat Eżekuttiv 1994-1995. |
| 9/3/94 | Ġie organiżżat *Coffee Morning* ieħor mill-Fergħa tan-Nisa. |
| 18/3/94 | Kien imiss attivita' oħra miż-Żgħażagħ, jiġifieri l-*Wine and Pizza Party* li sar f'Buġibba. |
| 14/4/94 | Saret ikla oħra l-Każin, organiżżata mill-Barman. |
| 18/4/94 | Il-Banda rrekordjat sett marċi ġodda għand Boffa Ltd. |
| 1/5/94 | Wara ġimgħat sħaħ ta' logħob sabiħ u kumbatut, intlagħbet il-finali tal-Farell Snooker Competition, organiżżata mis-Sezzjoni Żgħażagħ u mirbuħha mis-Sur Peter Psaila. |
| 7/5/94 | Novita' oħra għar-raħal tagħna meta għall-okkażjoni ta' Jum l-Omm, saret serata apposta fis-sala prinċipali tal-Każin. Dak in-nhar ukoll ġew mistiedna, fost l-oħrajn, għadd ta' familji mill-**Bosnja**, li jinsabu refuġjati hawn Malta, ħalli huma wkoll setgħu jiċċelebraw dan il-jum b'mod dinjituż. |
| 8/5/94 | L-ewwel żjara ta' kortesija mis-sindku, akkumpanjat mill-kunsillieri l-oħra eletti aktar qabel f'April mill-poplu Mqabbi. |
| 27/5/94 | Laqgħa edukattiva għaż-żgħażagħ kollha, immexxija minn Fr. Colin u organiżżata mis-Sezzjoni Żgħażagħ. |
| 9/6/94 | Ikla bejn id-dilettanti tan-Nar u li saret fil-maħżen il-ġdid. |

*Naħseb li lkoll indunajtu x'lista twila ta' attivitajiet ta' kull tip kellna mifruxa fuq dawn l-aħħar għaxar xhur. Il-ħsieb tagħna hu li nibqgħu intejjbu l-livell u nżidu fil-varjeta' ta' dawn l-attivitajiet, biex ninvolvu 'l kull kategorija tas-Soċjeta' tagħna. Għaldaqstant, fil-waqt li f'ismi u f'isem il-kumitat, nirringrazzja lil kull min ta' sehemu biex dawn il-ħwejjeġ kollha setgħu iseħħu, huwa d-dmir tiegħi biex inħeġġeġ lil dawk fostna li għadhom ma bdewx jagħtu dik l-imbutatura tant meħtieġa, f'Soċjeta' hekk żgħira u limitata, iżda, kif jixhdu l-fatti, kbira fil-ħeġġa u l-qalb, biex jibdew minn issa stess jieħdu sehem b'mod attiv f'kull ma jiġi organiżżat mis-Sezzjonijiet kollha tas-Soċjeta'.*

*Francis Vella - P.R.O.*

# IL-BANDA SSEBBAĦ IL-FESTA

**Il-Ġenituri huma mħeġġin jibagħtu lil uliedhom il-Każin tal-Banda tagħna biex jiġu mgħallma b'xejn l-Arti Mużikali.**

# IS-SOĊJETA SANTA MARIJA BANDA RE ĠORĠ V

## TFAKKAR U TIRRINGRAZZJA LIL DAWK KOLLHA LI TAW SEHEMHOM BIEX IL-FESTA 1993 TILĦAQ IS-SUĊĊESS U L-LIVELL MIXTIEQ FOSTHOM:

- Lill-Benefatturi u l-dawk is-soċji u Partitarji li offrew kull għajnuna mhux biss matul il-jiem tal-festa iżda kull meta kellna bżonn.
- Lis-Surmast u l-Bandisti tal-Post għall-Programm Strumentali tal-11 ta' Awissu u s-servizzi l-oħra kollha.
- Lill-għaqda tal-Armar li kompliet issebbaħ il-Pjazza u t-toroq tar-raħal bl-aqwa u l-isbaħ armar kif jixraq lill-Festa Titulari tal-Imqabba.
- Lill-Baned kollha mistiedna, tas-servizz li tawna biex kompliet tikber il-Festa.
- Lid-dilettanti tan-Nar u l-kull min kellu x'jaqsam f'dan il-qasam li kompla jistabblixxina bħala fost l-aqwa ta' Malta.
- Lill-Monsinjuri mistiedna u l-kleru tal-parroċċa li ħadmu id f'id biex iwasslu l-aqwa ferħ ta' l-Għid ta' l-Assunta.
- Lil dawk l-istazzjonijiet tar-radju u l-*media* in ġenerali li xandru servizzi dwar il-Festa tagħna.
- U fl-aħħar iżda żgur mhux l-inqas, lil dawk is-soċji u partitarji nisa u rġiel li barra milli għenuna finanzjarjament, għenuna ħafna aktar milli jistgħu jaħsbu meta obdewna u kienu ddixxiplinati f'għemilhom u kliemhom tul il-Festa kollha.

## .....U DIN IS-SENA, IL-KUMITAT EŻEKUTTIV JIRRINGRAZZJA:

- Lis-Suramst u l-Bandisti tal-Post għas-sehem li jagħtu matul is-sena kollha.
- Lill-ex surmastrijiet tal-Banda tagħna Mro. Leonard Spiteri, F.L.C.M., u Mro. J. M. Barbara, A. Mus. L.C.M., talli għoġobhom jonorawna bil-preżenza tagħhom il-Każin kif ukoll komplew jgħonnu l-arkivju mużikali tagħna bl-għotjiet tagħhom.
- Lis-sur John Borġ, emigrant Imqabbi u partitarju tagħna, għall-mużika li għoġbu għal darb'oħra jirregala lis-Soċjeta'.
- Lis-Soċji talli dejjem ikunu puntwali fil-menswalita' u nappellaw sabiex soċji oħrajn jimxu fuq dan l-eżempju.
- Lis-Sezzjoni Żgħażagħ, ta' l-interess u l-għajnuna li qed jagħtuna biex inżommu l-każin attiv is-sena kollha.
- Lid-Dilettanti tan-Nar kollha li, b'sogru kbir għal ħajjithom, dejjem jistinkaw biex iżommu l-għola livell ta' spettakli.
- Lill-membri tal-Fergħa tan-Nisa, li jieħdu ħsieb jiġbru fondi u jorganiżżaw attivitajiet soċjali matul is-sena. Ta' min wieħed jiftakar fin-nisa tagħna kollha b'mod ġenerali għax dawn jgħamlu sagrifiċċji għall-Festa daqsna l-irġiel, mingħajr ma ħafna drabi anqas biss nintebħu.
- Lill-Grupp tal-Armar, inkluż in-nisa li jħejju, u li taħt it-tmexxija għaqlija tas-sur Paul Gauċi ser jagħtuna aktar frott il-ħidma sfieqa tagħhom.
- Lill-Kappillan u l-Kleru tal-parroċċa li, flimkien ma nies volontarji oħra, jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw il-knisja, kif ukoll it-tmexxija tal-funzjonijiet liturġiċi matul il-Festa Titulari ta' Santa Marija, mifruxa fuq tlett ġimgħat.
- Lid-disinjatur tal-planċier is-sur Ġużeppi Caruana tax-xogħol kbir li qed iwettaq flimkien mall-kummissjoni.
- Lis-Sur Benny Camilleri għat-tħabrik tiegħu biex jinġabru l-fondi għal din l-opra artistika, kif ukoll lil dawk kollha li qed jikkontribwixxu għal dan il-proġett ferm ambizjuż.
- Lill-isponsors u l-parteċipanti tal-Lejliet Maltin.

**• U fl-aħħar iżda mhux l-inqas, lil kull min b'xi mod jew ieħor għen sabiex din il-pubblikazzjoni ferm mistennija minnkom qarrejja tasal għandkom. Ħajr partikolari imur għall-artikolisti u 'l dawk kollha li għoġobhom jirreklamaw. L-appell aħħari tagħna lilkom qarrejja hu biex inħeġġukom tixtru l-prodotti u tinqdew bis-servizzi rreklamati f'dan il-ktejjeb.**


Dejjem
Originali
HOPLEAF u
PALE ALE
Ġenwin...
Sa mill-1928...
...il-Birra tal-Maltin
HOPLEAF
HOPLEAF
PALE ALE

# ELBROS
## CONSTRUCTION LTD.

The Company with a successful track record evidenced by the execution of prestigious and complex projects. The Company's commitment is to provide an excellent and prompt service at competitive prices.

The major contracts awarded to the Company include Phases 1 and 2 of the Oil Tanking Terminal with a total storage capacity of 310,500 cubic metres, the Pembroke Reverse Osmosis Plant which is one of the largest of its kind in Europe, all the roadworks in the vicinity of the new Air Terminal, the construction of a distinct block - The Park Towers - in St. Julians, a multi-storey car park at the entrance to Valletta and an office block for one of Malta's banking institutions.



Park Towers – St. Julians



Lohombus Corporation Offices – Biata l-Bajda

*The new strength in Construction*

**ELBROS**
**CONSTRUCTION LTD.**

**Building and Civil Engineering Contractors**
**Kirkop, Malta.**
**Tel: (356) 249999 (6 lines)**
**Fax: (356) 685075**

Member of the
**EBCON**
Group of Companies